IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

MT



# Dokument tematiku

## L-indipendenza ġudizzjarja

Direttorat tar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni

curia.europa.eu

# Daħla

Matul is-snin, ħafna sentenzi żviluppaw il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja fid-dritt tal-Unjoni. Din il-ġurisprudenza hija kkaratterizzata mid-diversità tal-oqsma kkonċernati, li jvarjaw mill-proċeduri ta' ħatra tal-imħallfin nazzjonali sal-preżunzjoni ta' innoċenza, u tinkludi l-perspettivi differenti li minnhom huwa indirizzat dan il-prinċipju.

Fl-ewwel lok, din il-ġurisprudenza indirizzat ir-rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati nazzjonali li jistgħu jagħmlu domandi preliminari, sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Il-kriterji ta' indipendenza li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet fil-ġurisprudenza tagħha dwar l-Artikolu 267 TFUE ġew sussegwentement applikati f'kuntesti oħra.

Għalhekk, fit-tieni lok, numru sinjifikattiv ta' sentenzi kienu jirrigwardaw l-indipendenza ġudizzjarja fil-kuntest tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE [1] u tal-Artikolu 47 fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, (iktar 'il quddiem il-"Karta") [2]. Fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar ir-rekwiżiti li għandhom jissodisfaw il-qrati nazzjonali li jistgħu jagħtu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata b'mod partikolari l-osservanza tal-Istat tad-dritt bħala valur tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 TUE [3].

Fl-aħħar nett, ir-rekwiżiti dwar l-indipendenza ġudizzjarja ġew ikkunsidrati f'kawżi li jaqgħu taħt l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, stabbilit fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE, b'mod partikolari fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (l-Artikoli 82 sa 86 tat-TFUE).

Bl-eżami ta' dawn it-tliet aspetti, dan id-dokument tematiku jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza f'dan il-qasam.

---

1 Skont din id-dispożizzjoni, "[l-]Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni".

2 L-Artikolu 47 tal-Karta jistabbilixxi d-dritt fundamentali għal rimedju effettiv u għal qorti imparzjali:

3 Skont l-Artikolu 2 TUE "[l]-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

# Lista tal-atti msemmija

### Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili

**Regolament (KE) Nru 805/2004** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 38).

**Regolament (UE) Nru 1215/2012** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

### Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

**Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI** tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24).

**Direttiva (UE) 2016/343** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1).

### Politika soċjali

**Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE** tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

**Direttiva 2006/54/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

### Prinċipji, għanijiet u missjoni tat-Trattati

**Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE** tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ĠU 2007, L 142M, p. 825).

**Protezzjoni tad-data**

**Regolament (UE) 2016/679** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar ’il quddiem il-“GDPR”).

# Werrej


DAĦLA ..... 3

LISTA TAL-ATTI MSEMMIJA ..... 4

I. L-INDIPENDENZA TAL-QRATI NAZZJONALI FIR-RIGWARD TAL-PROĊEDURA GĦAL DEĊIŻJONI PRELIMINARI ..... 7

1. Kunċett ta' "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE ..... 7
2. Dritt tal-qrati nazzjonali indipendenti li jagħmlu rinviju għal domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ..... 12

II. L-INDIPENDENZA TAL-MEMBRI TAL-ĠUDIKATURA U TAL-QRATI NAZZJONALI KOMPETENTI SABIEX JAPPLIKAW ID-DRITT TAL-UNJONI ..... 18

1. Ħatra ..... 19
2. Etika professjonali ..... 38
3. Remunerazzjoni ..... 43
4. Delega ..... 45
5. Trasferiment ..... 47
6. Promozzjoni ..... 48
7. Responsabbiltà dixxiplinari ..... 49
8. Responsabbiltà personali, immunità ġudizzjarja u sospensjoni ..... 64
9. Inamovibbiltà tal-imħallfin u età tal-irtirar ..... 75
10. Ġurisdizzjoni tal-istħarriġ tal-indipendenza ġudizzjarja ..... 80

III. L-INDIPENDENZA TAL-PROĊESS DEĊIŻJONALI FIL-PROĊEDURI LI JIRRIGWARDAW L-APPLIKAZZJONI TAD-DRITT TAL-UNJONI ..... 82

IV. L-INDIPENDENZA TAL-QRATI NAZZJONALI FL-OQSMA LI JAQGĦU TAĦT L-ISPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA ..... 86

1. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili ..... 86
2. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ..... 88
   2.1. Mandat ta' Arrest Ewropew ..... 88
   2.2. Preżunzjoni ta' innoċenza ..... 97

# I. L-indipendenza tal-qrati nazzjonali fir-rigward tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari

Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kriterji ta' indipendenza ġudizzjarja inizjalment żviluppat madwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 267 TFUE, li jipprovdi li hija biss "qorti jew tribunal" ta' Stat Membru li għandha d-dritt jew, skont il-każ, l-obbligu li tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. L-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddefinixxi, fil-kuntest tal-eżami tal-ammissibbiltà ta' talba għal deċiżjoni preliminari, il-kunċett ta' "qorti" u, b'mod partikolari, dak ta' "indipendenza ġudizzjarja". Fil-fatt, l-indipendenza hija waħda mir-rekwiżiti li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni sabiex tevalwa jekk organu tar-rinviju jkunx jikkostitwixxi "qorti jew tribunal" li tista' tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [4].

## 1. Kunċett ta' "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE

***Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023 (Awla Manja), Krajowa Rada Sądownictwa (Żamma fil-kariga ta' mħallef) (C-718/21, EU:C:2023:1015)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Kunċett ta' 'qorti' – Kriterji – Izba Kontroli Nadzwyczajnej i Spraw Publicznych (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi) tas- Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) – Rinviju għal deċiżjoni preliminari minn kulleġġ ġudikanti li ma huwiex qorti indipendenti u imparzjali stabbilit minn qabel bil-liġi – Inammissibbiltà"*

Permezz ta' ittra tat-30 ta' Diċembru 2020, L. G., imħallef fi ħdan is-Sąd Okręgowy w K. (il-Qorti Reġjonali ta' K., il-Polonja), informa lill-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja) (iktar 'il quddiem il-"KRS") dwar ir-rieda tiegħu li jkompli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu lil hinn mill-età normali ta' rtirar. Wara li l-KRS iddeċieda li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar din it-talba, minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' dekadenza previst biex din titressaq, L. G. ippreżenta rikors quddiem l-istanza tar-rinviju. Wara li esprimiet dubji fir-rigward tal-konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li, minn naħa, kienet tissuġġetta l-effett ta' tali dikjarazzjoni ta' mħallef għall-awtorizzazzjoni tal-KRS u, min-naħa l-oħra, kienet tipprevedi, għal din id-dikjarazzjoni, terminu ta' dekadenza assolut, din l-istanza għamlet rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

[4] Ara, bħala eżempju, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 1987, X (14/86, *EU:C:1987:275*), punt 7, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 1997, Dorsch Consult (C-54/96, *EU:C:1997:413*), punt 23, u, iktar reċentement, is-sentenza tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank (C-132/20, EU:C:2022:235), punt 66, ippreżentata taħt it-Taqsima II.1., intitolat "Ħatra".

F'dan il-każ, l-istanza tar-rinviju kienet ikkostitwita minn tlett imħallfin tal-Izba Kontroli Nadzwyczajnej i Spraw Publicznych (l-Awla ta' Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi, iktar 'il quddiem l-"Awla ta' Kontroll Straordinarju"), stabbilita fi ħdan is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) fil-kuntest tar-riformi, fl-2017, tas-sistema ġudizzjarja Pollakka [5]. Dawn it-tlett imħallfin inħatru fi ħdan din l-awla fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni Nru 331/2018, adottata fit-28 ta' Awwissu 2018 mill-KRS (iktar 'il quddiem ir-"Riżoluzzjoni Nru 331/2018").

Issa, minnn naħa, din ir-riżoluzzjoni ġiet annullata permezz ta' sentenza mogħtija fil-21 ta' Settembru 2021 min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Polonja) [6]. Min-naħa l-oħra, fis-sentenza tat-8 ta' Novembru 2021, Dolińska-Ficek u Ozimek vs Il-Polonja [7] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Dolińska-Ficek u Ozimek vs Il-Polonja"), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") ikkonkludiet li kien hemm ksur tar-rekwiżit ta' "tribunal [...] mwaqqaf b'liġi" iddikjarat fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [8], minħabba l-proċess li, fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni Nru 331/2018, wassal għall-ħatra tal-membri ta' żewġ kulleġġi ġudikanti bi tlett imħallfin tal-Awla ta' Kontroll Straordinarju.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddikjarat it-talba għal deċiżjoni preliminari inammissibbli minħabba li l-istanza tar-rinviju ma kinitx tikkostitwixxi "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex tevalwa jekk organu tar-rinviju jkollux in-natura ta' "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, hija tieħu inkunsiderazzjoni numru ta' elementi, bħal, fost oħrajn, l-oriġini legali ta' dan l-organu, in-natura permanenti tiegħu, in-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tiegħu, in-natura kontradittorja tal-proċedura tiegħu, l-applikazzjoni, mill-organu inkwistjoni, tad-dispożizzjonijiet legali kif ukoll l-indipendenza tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà osservat li l-Qorti Suprema bħala tali kienet tissodisfa dawn ir-rekwiżiti u ppreċiżat li, sa fejn talba għal deċiżjoni preliminari kienet tirriżulta minn qorti nazzjonali, kellu jiġi preżunt li din kienet tissodisfa l-imsemmija rekwiżiti indipendentement mill-kompożizzjoni konkreta tagħha. Fil-fatt, fil-kuntest ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tat-tqassim tal-funzjonijiet bejnha u l-qorti nazzjonali, li għandha tivverifika jekk id-deċiżjoni tar-rinviju tkunx ittieħdet konformement mar-regoli ġudizzjarji nazzjonali ta' organizzazzjoni u ta' proċedura.

---

5 Din l-awla, kif ukoll awla oħra ġdida tal-Qorti Suprema, l-Izba Dyscyplinarna (l-Awla Dixxiplinari), inħolqu bis-saħħa tal-ustawa o Sądzie Najwyższym (il-Liġi dwar il-Qorti Suprema), tat-8 ta' Diċembru 2017, li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' April 2018.

6 Din is-sentenza ngħatat wara s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A. B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema - Rikors) (C-824/18, EU:C:2021:153), ippreżentata fit-Taqsima II.1., intotalata "Ħatra".

7 CE:ECHR:2021:1108JUD 004986819.

8 Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

Madankollu, din il-preżunzjoni tista' tinqaleb meta deċiżjoni ġudizzjarja definittiva mogħtija minn qorti ta' Stat Membru jew minn qorti internazzjonali twassal biex jitqies li l-imħallef li jikkostitwixxi l-qorti tar-rinviju ma jkollux in-natura ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE moqri fid-dawl tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") [9].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li s-sentenza Dolińska Ficek u Ozimek vs Il-Polonja tal-Qorti EDB u s-sentenza tal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-21 ta' Settembru 2021 kienu ta' natura definittiva u kienu jirrigwardaw speċifikament iċ-ċirkustanzi li fihom imħallfin tal-Awla ta' Kontroll Straordinarju jkunu nħatru fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni Nru 331/2018.

B'mod iktar speċifiku, minn naħa, fis-sentenza Dolińska-Ficek u Ozimek vs Il-Polonja, il-Qorti EDB ikkonstatat, essenzjalment, li l-ħatriet tal-membri li kienu jikkomponu l-kulleġġi ġudikanti kkonċernati tal-Awla ta' Kontroll Straordinarju kienu seħħew bi ksur manifest ta' regoli nazzjonali fundamentali li jiggvernaw il-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin. Għalkemm kien minnu li, minn fost is-sitt imħallfin li jikkomponu l-kulleġġi ġudikanti tal-Awla ta' Kontroll Straordinarju inkwistjoni fil-kawżi li taw lok għal din is-sentenza, wieħed minnhom biss kien sedenti fi ħdan l-istanza tar-rinviju, madankollu, mill-motivi tal-imsemmija sentenza kien jirriżulta b'mod ċar li l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Qorti EDB kienu validi mingħajr distinzjoni għall-imħallfin kollha ta' din l-awla li nħatru fi ħdanha f'ċirkustanzi analogi u, b'mod partikolari, fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni Nru 331/2018.

Min-naħa l-oħra, fis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2021, il-Qorti Amministrattiva Suprema annullat ir-riżoluzzjoni Nru 331/2018 billi bbażat ruħha b'mod partikolari fuq konstatazzjonijiet u evalwazzjonijiet meħuda fil-biċċa l-kbira minn dawk li jinsabu fis-sentenza Dolińska-Ficek u Ozimek vs Il-Polonja.

Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet u tal-evalwazzjonijiet li kienu jirriżultaw minn dawn iż-żewġ sentenzi kif ukoll mill-ġurisprudenza tagħha stess, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk il-preżunzjoni ta' osservanza tar-rekwiżit ta' "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, kellhiex titqies li nqalbet fir-rigward tal-istanza tar-rinviju.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, fl-ewwel lok, li l-imħallfin li kienu jikkomponu l-istanza tar-rinviju kienu nħatru fi ħdan l-Awla ta' Kontroll Straordinarju fuq proposta tal-KRS, jiġifieri organu li, wara emendi leġiżlattivi li saru fl-2017 u fl-2018 [10], 23

---

[9] Ara s-sentenza tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank (C-132/20, EU:C:2022:235, punt 72), ippreżentata taħt it-Taqsima II.1., intitolata "Ħatra".

[10] Skont l-Artikolu 9bis tal-ustawa o Krajowej Radzie Sądownictwa (il-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura) tat-12 ta' Mejju 2011, kif emendata bl-ustawa o zmianie ustawy o Krajowej Radzie Sądownictwa oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura u Ċerti Liġijiet Oħra), tat-8 ta' Diċembru 2017, li daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Jannar 2018, u bl-ustawa o zmianie ustawy – Prawo o ustroju sądów powszechnych oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u Ċerti Liġijiet Oħra), tal-20 ta' Lulju 2018, li daħlet fis-seħħ fis-27 ta' Lulju 2018.

mill-25 membru kienu nħatru mill-poter eżekuttiv u minn dak leġiżlattiv jew kienu membri tal-imsemmija poteri. Ċertament, il-fatt li korp, bħalma huwa l-KRS, involut fil-proċess ta' ħatra tal-imħallfin ikun, b'mod preponderanti, kompost minn membri magħżula mill-poter leġiżlattiv ma jistax, waħdu, iwassal sabiex titqiegħed f'dubju n-natura ta' qorti stabbilita minn qabel bil-liġi u l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura maħtura fi tmiem dan il-proċess. Madankollu, ikun differenti meta dan il-fatt, flimkien ma' elementi rilevanti oħra u mal-kundizzjonijiet li fihom dawn l-għażliet ikunu seħħew, jasal sabiex iqajjem tali dubji. Issa, l-emendi leġiżlattivi li kienu jikkonċernaw il-KRS seħħew fl-istess waqt tal-adozzjoni ta' riforma sostanzjali tal-Qorti Suprema, li kienet tinkludi, b'mod partikolari, il-ħolqien, fi ħdan din il-qorti, ta' żewġ awli ġodda kif ukoll it-tnaqqis tal-età ta' rtirar tal-imħallfin tal-imsemmija qorti. Dawn l-emendi għalhekk seħħew f'mument meta numru ta' pożizzjonijiet ta' mħallef fil-Qorti Suprema ddikjarati vakanti jew li kienu għadhom kif inħolqu kienu waslu biex jimtlew.

Fit-tieni lok, l-Awla ta' Kontroll Straordinarju li nħolqot *ex nihilo* ngħatat kompetenzi f'oqsma partikolarment sensittivi, bħall-kontenzjuż elettorali u dak marbut maż-żamma ta' referendum jew l-appelli straordinarji li jippermettu l-kisba tal-annullament ta' deċiżjonijiet definittivi mogħtija mill-qrati ordinarji jew minn awli oħra tal-Qorti Suprema.

Fit-tielet lok, parallelament mal-emendi leġiżlattivi msemmija iktar 'il fuq, ir-regoli fil-qasam ta' rimedji ġudizzjarji miftuħa kontra r-riżoluzzjonijiet tal-KRS li jipproponu kandidati għall-ħatra f'pożizzjonijiet ta' mħallef tal-Qorti Suprema ġew emendati sostanzjalment, fejn b'hekk seħħet eliminazzjoni tal-effettività ta' tali rimedji. Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li r-restrizzjonijiet introdotti minn dawn l-aħħar emendi kienu jikkonċernaw biss l-appelli ppreżentati kontra riżoluzzjonijiet tal-KRS dwar preżentazzjonijiet ta' kandidaturi għal pożizzjonijiet ta' mħallef fil-Qorti Suprema, filwaqt li r-riżoluzzjonijiet tal-KRS dwar preżentazzjonijiet ta' kandidaturi għal pożizzjonijiet ta' mħallef fil-qrati nazzjonali l-oħra baqgħu, min-naħa tagħhom, suġġetti għas-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju ġenerali li kienet fis-seħħ qabel [11].

Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà kkonstatat fis-sentenza W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra) [12] li, meta seħħet il-ħatra, abbażi tar-Riżoluzzjoni Nru 331/2018, tal-membru tal-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju kkonċernat mill-kawża li tat lok għal din is-sentenza, il-Qorti Suprema Amministrattiva, li kienet adita b'rikors intiż għall-annullament ta' din ir-riżoluzzjoni, kienet ordnat, fis-27 ta' Settembru 2018, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħha. Issa, din l-istess ċirkustanza seħħet għal dak li jikkonċerna l-ħatra tat-tliet membri sedenti fl-istanza tar-rinviju. B'hekk, il-fatt, għall-President tar-Repubblika tal-Polonja, li l-ħatriet inkwistjoni saru b'urġenza u mingħajr stennija għall-għarfien tal-motivi tad-digriet tas-27

---

[11] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A. B *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema - Rikors) (C-824/18, EU:C:2021:153, punti 157, 162 u 164), ippreżentata fit-Taqsima II.1., intotalata "Ħatra".

[12] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra) (C-487/19, EU:C:2021:798), ippreżentata fit-Taqsimiet "II. 1. Ħatra" u "II. 5. Trasferiment"

ta' Settembru 2018, fuq il-bażi tar-Riżoluzzjoni Nru 331/2018, li madankollu kienet sospiża permezz ta' dan id-digriet, ippreġudika gravement il-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri li jikkaratterizza l-funzjonament ta' Stat tad-dritt.

Fil-ħames lok, filwaqt li l-Qorti Amministrattiva Suprema kienet tinsab adita b'appell għall-annullament tar-Riżoluzzjoni Nru 331/2018 u ssospendiet il-proċeduri quddiemha fl-istennija tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża A. B. *et* [13], il-leġiżlatur Pollakk adotta liġi li kienet tipprevedi b'mod partikolari l-esklużjoni ta' kull appell futur mir-riżoluzzjonijiet tal-KRS li jipproponu l-ħatra ta' mħallfin fil-Qorti Suprema kif ukoll li ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar l-appelli ta' din in-natura li jkunu għadhom pendenti [14]. Issa, fir-rigward tal-emendi introdotti minn din il-liġi, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet li, b'mod partikolari meta kkunsidrati konġuntament ma' numru ta' elementi kuntestwali oħra, tali emendi kienu ta' natura li jissuġġerixxu li l-poter leġiżlattiv Pollakk aġixxa bl-intenzjoni speċifika li jipprekludi kull possibbiltà li jkun hemm stħarriġ ġudizzjarju fir-rigward tar-riżoluzzjonijiet ikkonċernati [15].

Fis-sitt u fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li għalkemm kien minnu li l-effetti tas-sentenza tal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-21 ta' Settembru 2021, imsemmija iktar 'il fuq, ma kinux jirrigwardaw il-validità u l-effikaċja tal-atti presidenzjali ta' ħatra fil-pożizzjonijiet ta' mħallef ikkonċernati, xorta jibqa' l-fatt li l-att li permezz tiegħu l-KRS ippropona kandidat għall-ħatra fil-pożizzjoni ta' mħallef fil-Qorti Suprema kien jikkostitwixxi kundizzjoni *sine qua non* sabiex dan il-kandidat ikun jista' jinħatar f'tali pożizzjoni mill-President tar-Repubblika tal-Polonja.

Bħala konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-elementi kollha kemm sistemiċi kif ukoll ċirkustanzjali, imsemmija iktar 'il fuq, li kkaratterizzaw il-ħatra, fi ħdan l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju, tat-tlett imħallfin li jikkostitwixxu l-istanza tar-rinviju kellhom bħala konsegwenza li din ma kellhiex in-natura ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri fid-dawl tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, fejn għalhekk dan il-kulleġġ ma kienx jikkostitwixxi "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Fil-fatt, dawn l-elementi kienu tali li joħolqu dubji leġittimi, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-persuni kkonċernati u tal-kulleġġ ġudikanti li fih kienu sedenti fir-rigward ta' elementi esterni, b'mod partikolari, ta' influwenzi diretti jew indiretti tal-poter leġiżlattiv u eżekuttiv nazzjonali, u tan-newtralità tagħhom fil-konfront tal-interessi inkwistjoni. L-imsemmija elementi setgħu għalhekk iwasslu għal assenza ta' dehra ta' indipendenza jew ta' imparzjalità ta' dawn l-imħallfin u ta' din l-istanza, li kienet tali li

[13] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A. B *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema - Rikors) (C-824/18, EU:C:2021:153), ippreżentata fit-Taqsima II.1., intotalata "Ħatra".

[14] L-ustawa o zmianie ustawy o Krajowej Radzie Sądownictwa oraz ustawy - Prawo o ustroju sądów administrahebnych (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura u l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Kontenzjuż Amministrattiv), tas-26 ta' April 2019, li daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Mejju 2019.

[15] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A. B *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema - Rikors) (C-824/18, EU:C:2021:153, punti 137 u 138), ippreżentata taħt it-Taqsima II.1., intotalata "Ħatra".

tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja kellha tispira f'dawn il-partijiet fil-kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt.

## 2. Dritt tal-qrati nazzjonali indipendenti li jagħmlu rinviju għal domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

***Sentenza tal-15 ta' Lulju 2021 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596)***

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin – Stat tad-dritt – Indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Ksur dixxiplinari minħabba l-kontenut ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji – Qrati dixxiplinari indipendenti u stabbiliti bil-liġi – Osservanza tat-terminu raġonevoli u tad-drittijiet tad-difiża fil-proċeduri dixxiplinari – Artikolu 267 TFUE – Limitazzjoni tad-dritt u tal-obbligu tal-qrati nazzjonali li jressqu talbiet għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja"*

Fl-2017, il-Polonja adottat sistema dixxiplinari ġdida li kienet tirrigwarda l-Imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) u tal-qrati ordinarji. Fil-kuntest ta' din ir-riforma leġiżlattiva, ġiet stabbilita awla ġdida, l-Izba Dyscyplinarna (iktar 'il quddiem l-"Awla Dixxiplinari"), fi ħdan il-Qorti Suprema. Din l-awla kienet responsabbli, b'mod partikolari, biex tieħu konjizzjoni tal-kawżi dixxiplinari li jirrigwardaw l-imħallfin tal-Qorti Suprema, u, fl-appell, dawk li jirrigwardaw l-imħallfin tal-qrati ordinarji.

Peress li qieset li, bl-adozzjoni ta' din is-sistema dixxiplinari ġdida l-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni [16], il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni sostniet b'mod partikolari li din is-sistema dixxiplinari la kienet tiggarantixxi l-indipendenza u lanqas l-imparzjalità tal-Awla Dixxiplinari, komposta esklużivament minn imħallfin magħżula mill-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja) (iktar 'il quddiem il-"KRS"), li 23 mill-25 membru tiegħu kienu jinħatru mill-awtoritajiet politiċi.

Fis-sentenza mogħtija f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħet ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni. Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din is-sistema dixxiplinari

[16] Il-Kummissjoni qieset li l-Polonja kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE - li jipprevedi l-obbligu, għall-Istati Membri, li jistabbilixxu r-rimedji ġudizzjarji neċessarji sabiex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni - u tat-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 267 TFUE - li jipprevedu l-fakultà (it-tieni paragrafu), għal ċerti qrati nazzjonali, u l-obbligu (it-tielet subparagrafu), għal oħrajn, li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari.

ġdida tal-imħallfin kienet tippreġudika l-indipendenza tagħhom. Min-naħa l-oħra, din l-istess sistema ma kinitx tippermetti lill-imħallfin ikkonċernati josservaw, b'indipendenza sħiħa, l-obbligi imposti fuqhom fil-kuntest tal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, billi ppermettiet li d-dritt tal-qrati nazzjonali li jressqu talbiet għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jiġi llimitat bil-possibbiltà li tinbeda proċedura dixxiplinari, il-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE. Fil-fatt, dispożizzjonijiet nazzjonali li minnhom jirriżulta li l-imħallfin nazzjonali jistgħu jesponu ruħhom għal proċeduri dixxiplinari minħabba l-fatt li jkunu għamlu rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jistgħux jiġu aċċettati peress li jippreġudikaw l-eżerċizzju effettiv mill-qrati nazzjonali kkonċernati tal-possibbiltà jew tal-obbligu li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja, previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet, kif ukoll is-sistema ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja kif stabbilita mit-Trattati sabiex jiġu żgurati l-unità fl-interpretazzjoni u l-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni [17].

***Sentenza tat-23 ta' Novembru 2021 (Awla Manja), IS (Illegalità tad-digriet tar-rinviju) (C-564/19, EU:C:2021:949)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva 2010/64/UE – Artikolu 5 – Kwalità tal-interpretazzjoni u tat- traduzzjoni – Direttiva 2012/13/UE – Dritt għall-informazzjoni fil-kuntest ta' proċeduri kriminali – Artikolu 4(5) u Artikolu 6(1) – Dritt li wieħed jiġi informat dwar l- akkuża miġjuba kontrih – Drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni – Direttiva 2016/343/UE – Dritt għal rimedju effettiv u għal qorti imparzjali – Artikolu 48(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 267 TFUE – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Ammissibiltà – Appell fl-interess tal-liġi kontra deċiżjoni li tordna rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura dixxiplinari – Setgħa tal-qorti superjuri li tiddikjara illegali t-talba għal deċiżjoni preliminari"*

Imħallef tal-Pesti Központi Kerületi Bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest, l-Ungerija) ġie adit bi proċeduri kriminali kontra ċittadin Svediż. Matul l-ewwel smigħ mill-awtorità investigattiva, l-imputat, li ma kienx jaf l-Ungeriż u li kien assistit minn interpretu tal-lingwa Svediża, ġie informat bis-suspetti fil-konfront tiegħu. Madankollu, ma kienet teżisti ebda informazzjoni dwar l-għażla tal-interpretu, dwar il-verifika tal-kompetenzi tiegħu jew dwar il-fatt li huwa u l-imputat kienu jifhmu lil xulxin. Fil-fatt, fl-Ungerija ma kien jeżisti ebda reġistru uffiċjali ta' tradutturi u ta' interpreti u l-leġiżlazzjoni Ungeriża ma kinitx tispeċifika min seta' jinħatar bħala tali fil-proċeduri kriminali, u lanqas skont liema kriterji. Għaldaqstant, skont l-imħallef adit, la l-avukat u lanqas l-imħallef ma kienu f'pożizzjoni li jivverifikaw il-kwalità tal-interpretazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa

[17] Ara wkoll is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-Imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442), ippreżentata fit-Taqsima II. 7., intitolata "Responsabbiltà dixxiplinari".

qies li d-dritt tal-imputat li jiġi informat bid-drittijiet tiegħu u d-drittijiet tad-difiża tiegħu setgħu kienu ppreġudikati.

Kien għalhekk li dan l-imħallef iddeċieda li jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Ungeriża mad-Direttiva 2010/64 [18], dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali, u mad-Direttiva 2012/13 [19], dwar id-dritt għall-informazzjoni fil-kuntest ta' tali proċeduri. Fil-każ ta' inkompatibbiltà, huwa staqsa, barra minn hekk, jekk il-proċeduri kriminali setgħux jitkomplew fl-assenza tal-imputat, peress li tali proċedura kienet prevista fid-dritt Ungeriż, f'ċerti każijiet, meta l-imputat ma jkunx ippreżenta ruħu għas-seduta.

Wara dan ir-rinviju inizjali lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) iddeċidiet appell fl-interess tal-liġi ppreżentat mill-Prosekutur Ġenerali Ungeriż kontra d-deċiżjoni tar-rinviju u qieset li din kienet illegali, mingħajr madankollu ma affettwat l-effetti legali ta' din id-deċiżjoni, minħabba, essenzjalment, li d-domandi magħmula ma kinux rilevanti u neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima kkonċernata. Abbażi tal-istess raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata d-deċiżjoni tal-Kúria (il-Qorti Suprema), inbdiet proċedura dixxiplinari, li fil-frattemp ġiet irtirata, kontra l-imħallef li għamel ir-rinviju. Peress li kellu dubji dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' tali proċedura kif ukoll tad-deċiżjoni tal-Kúria (il-Qorti Suprema) u dwar l-impatt tagħha fuq it-tkomplija tal-proċeduri kriminali fil-kawża prinċipali, l-imsemmi mħallef ressaq talba għal deċiżjoni preliminari addizzjonali f'dan ir-rigward.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, qieset li s-sistema ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, stabbilita permezz tal-Artikolu 267 TFUE, tipprekludi li qorti suprema nazzjonali tikkonstata, wara appell fl-interess tal-liġi, l-illegalità ta' talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti inferjuri, mingħajr ma taffettwa l-effetti legali tad-deċiżjoni tar-rinviju, minħabba li d-domandi magħmula ma jkunux rilevanti u neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, tali stħarriġ tal-legalità jixbah l-istħarriġ tal-ammissibbiltà ta' talba għal deċiżjoni preliminari, li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, tali konstatazzjoni ta' illegalità hija ta' natura, minn naħa, li ddgħajjef l-awtorità tar-risposti li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun ser tipprovdi lill-qorti tar-rinviju u, min-naħa l-oħra, li tillimita l-eżerċizzju tal-kompetenza tal-qrati nazzjonali li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, din il-konstatazzjoni tista' tirrestrinġi l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-individwi jisiltu mid-dritt tal-Unjoni.

F'tali ċirkustanzi, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni kien jeżiġi li l-qorti inferjuri tinjora d-deċiżjoni tal-qorti suprema tal-Istat Membru kkonċernat. Il-fatt li,

[18] Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU 2010, L 280, p. 1).

[19] Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU 2012, L 142, p. 1).

sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet eventwalment tiddikjara inammissibbli d-domandi preliminari magħmula minn din il-qorti inferjuri ma kienx jaffettwa din il-konklużjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi proċeduri dixxiplinari mibdija kontra mħallef nazzjonali minħabba li jkun ressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja peress li s-sempliċi perspettiva li jiġi espost għal tali proċeduri tista' tippreġudika l-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 267 TFUE, kif ukoll l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura, li hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb ta' dan il-mekkaniżmu. Barra minn hekk, tali proċedura tista' tiddisswadi lill-qrati nazzjonali kollha milli jressqu talbiet għal deċiżjoni preliminari, u dan jista' jikkompromettti l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni.

***Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021 (Awla Manja), Euro Box Promotion et (C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, [EU:C:2021:1034](EU:C:2021:1034))***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Deċiżjoni 2006/928/KE – Mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress li sar mir-Rumanija sabiex tikseb ċerti punti ta' riferiment speċifiċi fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni – Natura u effetti legali – Natura obbligatorja għar-Rumanija – Stat tad-Dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Ġlieda kontra l-korruzzjoni – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni – Artikolu 325(1) TFUE – Konvenzjoni 'PIF' – Proċeduri kriminali – Sentenzi tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) dwar il-legalità tal-produzzjoni ta' ċerti provi u l-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni gravi – Obbligu għall-imħallfin nazzjonali li jagħtu effett sħiħ lid-deċiżjonijiet tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) – Responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn id-deċiżjonijiet – Setgħa li jitħallew mhux applikati deċiżjonijiet tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) li ma jikkonformawx mad-dritt tal-Unjoni – Prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni"*

Dawn il-kawżi kienu jagħmlu parti mill-kontinwazzjoni tar-riforma tal-ġustizzja fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-Rumanija, li kienet diġà s-suġġett ta' sentenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja [20]. Din ir-riforma ilha tiġi segwita fil-livell tal-Unjoni Ewropea mis-sena 2007 bis-saħħa tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u ta' verifika stabbilit bid-Deċiżjoni 2006/928 fl-okkażjoni tal-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni (iktar 'il quddiem il-"MKV").

Fil-kuntest ta' dawn il-kawżi qamet il-kwistjoni ta' jekk l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta minn diversi deċiżjonijiet tal-Curtea Constituțională a României (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) dwar ir-regoli tal-proċedura kriminali applikabbli fil-qasam

[20] Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393), ippreżentata fit-Taqsima II. 8., intitolata "Responsabbiltà personali, immunità u sospensjoni".

tal-frodi u tal-korruzzjoni setgħetx tikser id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' dan id-dritt intiżi li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-garanzija ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura u l-valur tal-Istat tad-dritt, kif ukoll il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

Fil-Kawżi C-357/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, l-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem il-"QGħKĠ") ikkundannat lil diversi persuni, inklużi ex membri parlamentari u ministri, għal reati ta' frodi tal-VAT, kif ukoll ta' korruzzjoni u ta' abbuż mill-influwenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni ta' fondi Ewropej. Il-Qorti Kostituzzjonali annullat dawn id-deċiżjonijiet abbażi tal-kompożizzjoni illegali tal-kulleġġi ġudikanti, minħabba, minn naħa, li l-kawżi li fuqhom il-QGħKĠ kienet iddeċidiet fl-ewwel istanza kellhom jiġu deċiżi permezz ta' kulleġġ speċjalizzat fil-qasam tal-korruzzjoni [21] u, min-naħa l-oħra, li, fil-kawżi li fuqhom il-QGħKĠ kienet iddeċidiet fl-appell, l-imħallfin kollha tal-kulleġġ ġudikanti kellhom jinħatru permezz ta' tlugħ bix-xorti [22].

Fil-Kawża C-379/19, kienu nbdew proċeduri kriminali quddiem it-Tribunalul Bihor (il-Qorti tal-Kontea ta' Bihor, ir-Rumanija) kontra diversi persuni akkużati b'reati ta' korruzzjoni u ta' abbuż mill-influwenza. Fil-kuntest ta' talba għall-esklużjoni ta' provi, dik il-qorti kienet ikkonfrontata bl-applikazzjoni ta' ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li ddikjarat antikostituzzjonali l-ġbir ta' provi fil-qasam kriminali mwettaq bil-parteċipazzjoni tas-servizz Rumen għall-ġbir tal-informazzjoni, li wassal għall-esklużjoni retroattiva tal-provi kkonċernati mill-proċeduri kriminali [23].

F'dawn il-kuntesti, il-QGħKĠ u l-Qorti tal-Kontea ta' Bihor staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità ta' dawn id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali mad-dritt tal-Unjoni [24]. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Kontea ta' Bihor kellha dubju dwar in-natura vinkolanti tal-MKV u tar-rapporti stabbiliti mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' dan il-mekkaniżmu [25]. Sussegwentement, il-QGħKĠ qajmet il-kwistjoni ta' eventwali riskju sistemiku ta' impunità fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni. Fl-aħħar nett, dawn il-qrati staqsew ukoll jekk il-prinċipji ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura kinux jippermettulhom iħallu mhux applikata deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali f'sitwazzjoni fejn, skont id-dritt Rumen, in-nuqqas ta' osservanza mill-imħallfin ta' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kien jikkostitwixxi nuqqas dixxiplinari.

21 Sentenza tat-3 ta' Lulju 2019, Nru 417/2019.
22 Sentenza tas-7 ta' Novembru 2018, Nru 685/2018.
23 Sentenzi tas-16 ta' Frar 2016, Nru 51/2016; tal-4 ta' Mejju 2017, Nru 302/2017; u tas-16 ta' Jannar 2019, Nru 26/2019.
24 L-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE, l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni stabbilita abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmata fi Brussell fis-26 ta' Lulju 1995 u annessa mal-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 8, p. 57), kif ukoll id-Deċiżjoni 2006/928.
25 Skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta' Marzu 2018, Nru 104/2018, id-Deċiżjoni 2006/928 ma tistax tikkostitwixxi standard ta' referenza fil-kuntest ta' stħarriġ ta' kostituzzjonalità.

Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jipprekludi li l-qrati nazzjonali, taħt piena ta' sanzjonijiet dixxiplinari, ma jkunux jistgħu jħallu mhux applikati d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali li jkunu kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fil-ġurisprudenza tagħha dwar it-Trattat KEE, hija stabbilixxiet il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt Komunitarju, li għandu jinftiehem fis-sens li jistabbilixxi l-preeminenza ta' dan id-dritt fuq id-dritt tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-istabbiliment mit-Trattat KEE ta' ordinament ġuridiku speċifiku, aċċettat mill-Istati Membri fuq bażi ta' reċiproċità, għandu bħala korollarju li dawn l-Istati Membri ma jistgħux jinvokaw kontra dan l-ordinament ġuridiku miżura unilaterali sussegwenti, u lanqas ma jistgħu jinvokaw kontra d-dritt imnissel mit-Trattat KEE regoli tad-dritt nazzjonali, ikunu liema jkunu, mingħajr ma jtellfu lil dan id-dritt in-natura Komunitarja tiegħu u mingħajr ma jdaħħlu inkwistjoni l-bażi legali tal-Komunità stess. Barra minn hekk, is-saħħa eżekuttiva tad-dritt Komunitarju ma tistax tvarja minn Stat Membru għal ieħor skont il-liġijiet interni sussegwenti, mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-kisba tal-għanijiet tat-Trattat KEE, u lanqas ma tista' tagħti lok għal diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità pprojbita minn dan it-trattat. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk qieset li, għalkemm ġie konkluż fil-forma ta' ftehim internazzjonali, it-Trattat KEE jikkostitwixxi l-karta kostituzzjonali ta' Komunità tad-dritt u li l-karatteristiċi essenzjali tal-ordinament ġuridiku Komunitarju hekk ikkostitwit huma, b'mod partikolari, is-supremazija tiegħu fuq id-drittijiet tal-Istati Membri kif ukoll l-effett dirett ta' serje sħiħa ta' dispożizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini tagħhom u għalihom stess.

Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li dawn il-karatteristiċi essenzjali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u l-importanza tal-osservanza dovuta lilu ġew ikkonfermati bir-ratifika, mingħajr riżerva, tat-Trattati li jemendaw it-Trattat KEE u, b'mod partikolari, tat-Trattat ta' Lisbona. Fil-fatt, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' dan it-trattat, il-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħasset il-bżonn li tfakkar espressament, fid-Dikjarazzjoni Nru 17 tagħha dwar is-supremazija, annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernamentali li adottat it-Trattat ta' Lisbona, li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-Trattati u d-dritt adottat mill-Unjoni abbażi tat-Trattati jipprevalu fuq id-dritt tal-Istati Membri, fil-kundizzjonijiet iddefiniti minn din il-ġurisprudenza.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, peress li l-Artikolu 4(2) TUE jipprevedi li l-Unjoni tosserva l-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati, l-Unjoni tista' tosserva tali ugwaljanza biss jekk, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, għall-Istati Membri jkun impossibbli li jinvokaw, kontra l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, miżura unilaterali, tkun liema tkun. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat wkoll li, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni esklużiva tagħha sabiex tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni, kien il-kompitu tagħha li tippreċiża l-portata tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan id-dritt peress li din il-portata la tista' tiddependi mill-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali u lanqas

mill-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni adottata minn qorti nazzjonali, li ma tkunx tikkorrispondi għal dik tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-effetti marbuta mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni huma imposti fuq il-korpi kollha ta' Stat Membru, mingħajr ma d-dispożizzjonijiet interni, inklużi ta' ordni kostituzzjonali, jistgħu jostakolaw dan. Il-qrati nazzjonali huma għalhekk obbligati jħallu mhux applikata, fuq awtorità tagħhom stess, kull leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali kuntrarja għal dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jkollha effett dirett, mingħajr ma jkollhom għalfejn jitolbu jew jistennew it-tħassir minn qabel ta' din il-leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali permezz ta' proċedura leġiżlattiva jew permezz ta' kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra.

Barra minn hekk, il-fatt li l-qrati nazzjonali ma jkunux esposti għal proċeduri jew għal sanzjonijiet dixxiplinari talli jkunu eżerċitaw il-possibbiltà li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE, li taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tagħhom, kien jikkostitwixxi garanzija inerenti għall-indipendenza tagħhom. Għalhekk, fl-ipoteżi fejn qorti nazzjonali ordinarja tqis, fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ġurisprudenza tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali tkun kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, il-fatt li din il-qorti nazzjonali tħalli mhux applikata l-imsemmija ġurisprudenza ma jistax jagħti lok għar-responsabbiltà dixxiplinari tal-membri ta' dik il-qorti.

## II. L-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura u tal-qrati nazzjonali kompetenti sabiex japplikaw id-dritt tal-Unjoni

F'diversi sentenzi, mogħtija kemm fi tmiem proċeduri għal deċiżjoni preliminari kif ukoll fi proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 19 TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta b'rabta mal-Artikolu 2 TUE, li jipprovdi li l-Unjoni hija bbażata, fost affarijiet oħra, fuq il-valur tal-Istat tad-dritt. Dan il-qafas tad-dritt primarju ta l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja impost fuq il-qrati nazzjonali, li jvarjaw mill-ħatra tal-imħallfin sal-irtirar tagħhom. Dan il-kapitolu jippreżenta l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja skont id-diversi stadji tal-karriera tal-imħallfin.

Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-prinċipju ta' indipendenza jikkonċerna żewġ aspetti. L-ewwel aspett, estern, jippreżumi li l-istanza tkun protetta minn eventwali interventi jew pressjonijiet esterni li jkunu jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tad-deċiżjoni tal-membri tagħha fir-rigward tal-kawżi mressqa quddiemha. It-tieni aspett,

intern, jinvolvi l-kundizzjoni ta' imparzjalità u jikkonċerna l-ekwidistanza fir-rigward tal-partijiet fil-kawża u tal-interessi rispettivi tagħhom fid-dawl tas-suġġett tagħha [26].

## 1. Ħatra

***Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019 (Awla Manja), A.K. et (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2000/78/KE – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età – Tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) – Artikolu 9(1) – Dritt għal azzjoni legali – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Protezzjoni legali effettiva – Prinċipju ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – Ħolqien ta' awla ġdida fi ħdan is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), b'kompetenza b'mod partikolari fir-rigward tal-kawżi dwar l-irtirar obbligatorju tal-imħallfin tal-istess qorti – Awla komposta minn imħallfin maħtura reċentement mill-President tar-Repubblika tal-Polonja fuq proposta tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura – Indipendenza tal-imsemmi kunsill – Setgħa li titħalla mhux applikata l-leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tkunx konformi mad-dritt tal-Unjoni – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni"*

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija fil-kuntest ta' proċedura mħaffa, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li d-dritt għal rimedju effettiv, iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kkonfermat mill-ġdid, f'qasam speċifiku, mid-Direttiva 2000/78, jipprekludi li tilwim dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkun jista' jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva ta' istanza li ma tkunx tikkostitwixxi qorti indipendenti u imparzjali. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ikun il-każ meta l-kundizzjonijiet oġġettivi li fihom tkun inħolqot l-istanza kkonċernata, il-karatteristiċi tagħha u l-mod kif ikunu nħatru l-membri tagħha jkunu ta' natura li joħolqu dubji leġittimi, f'moħħ l-individwi, dwar l-impermeabbiltà ta' din l-istanza fil-konfront ta' elementi esterni, b'mod partikolari, ta' influwenzi diretti jew indiretti mill-poter leġiżlattiv u mill-poter eżekuttiv, u dwar in-newtralità tagħha fil-konfront tal-interessi li jkunu inkwistjoni. Dawn l-elementi jistgħu għalhekk iwasslu għal assenza ta' dehra ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tal-imsemmija istanza li tkun ta' natura li tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fl-imsemmija individwi f'soċjetà demokratika. Il-qorti tar-rinviju kellha tiddetermina, fid-dawl tal-elementi rilevanti kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, jekk dan kienx il-każ fir-rigward tal-awla dixxiplinari ġdida tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja). F'tali każ, il-

[26] Sentenzi tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson (C-506/04, *EU:C:2006:587*), punti 50 sa 52; tal-31 ta' Jannar 2013, D. u A. (C-175/11, *EU:C:2013:45*), punt 96, u, reċentement, tal-21 ta' Diċembru 2023, Krajowa Rada Sądownictwa (Żamma ta' mħallef fil-kariga) (C-718/21, EU:C:2023:1015), punt 61, ippreżentat fit-Taqsima I. 1, intitolata "Kunċett ta' qorti jew tribunal fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE".

prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni kien jobbliga lill-qorti tar-rinviju tħalli mhux applikata d-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tirriżerva l-kompetenza esklużiva sabiex tittieħed konjizzjoni tat-tilwim dwar l-irtirar obbligatorju tal-imħallfin tal-Qorti Suprema lil din l-awla dixxiplinari, b'tali mod li dan it-tilwim ikun jista' jiġi eżaminat minn qorti li tissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità u li kienet tkun kompetenti fil-qasam ikkonċernat li kieku l-imsemmija dispożizzjoni ma kinitx tostakola dan.

Fil-kawżi pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, tlett imħallfin Pollakki (tal-Qorti Amministrattiva Suprema u tal-Qorti Suprema) kienu qegħdin jinvokaw, fost oħrajn, ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fil-qasam tal-impjieg minħabba l-irtirar obbligatorju antiċipat tagħhom, konformement mal-Liġi l-ġdida tat-8 ta' Diċembru 2017 dwar il-Qorti Suprema. Minkejja li, wara emenda reċenti fl-2018, din il-liġi ma kinitx tikkonċerna iktar lill-imħallfin li, bħar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, kienu diġà jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom fi ħdan il-Qorti Suprema meta daħlet fis-seħħ u minkejja li, għalhekk, l-imsemmija rikorrenti kienu nżammu jew ġew integrati mill-ġdid fil-funzjonijiet tagħhom, il-qorti tar-rinviju xorta waħda qieset li kien għad hemm problema ta' natura proċedurali quddiemha. Fil-fatt, filwaqt li t-tip ta' tilwim inkwistjoni kellu normalment jaqa' fil-kompetenza tal-awla dixxiplinari, li kienet twaqqfet reċentement fi ħdan il-Qorti Suprema, il-qorti tar-rinviju kellha dubju dwar jekk, minħabba dubji dwar l-indipendenza ta' din l-istanza, hija kellhiex twarrab ir-regoli nazzjonali dwar it-tqassim tal-kompetenzi ġudizzjarji u, jekk ikun il-każ, tieħu konjizzjoni hija stess tal-mertu ta' dan it-tilwim.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li kkonfermat l-applikabbiltà, f'dan il-każ, kemm tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, fakkret li r-rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati jagħmel parti mill-kontenut essenzjali tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, drittijiet li huma ta' importanza kardinali bħala garanziji tal-protezzjoni tad-drittijiet kollha li l-individwi għandhom taħt id-dritt tal-Unjoni u tal-ħarsien tal-valuri komuni għall-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari l-valur tal-Istat tad-dritt. Hija kompliet billi fakkret fid-dettall il-ġurisprudenza tagħha dwar il-portata ta' dan ir-rekwiżit ta' indipendenza u osservat, b'mod partikolari, li, konformement mal-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri li jikkaratterizza l-funzjonament ta' Stat tad-dritt, l-indipendenza tal-qrati kellha tiġi ggarantita fil-konfront tal-poter leġiżlattiv u tal-poter eżekuttiv.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-elementi speċifiċi li kellhom jiġu eżaminati mill-qorti tar-rinviju sabiex tkun tista' tevalwa jekk l-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema kinitx toffri jew le garanziji suffiċjenti ta' indipendenza.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li s-sempliċi fatt li l-imħallfin tal-awla dixxiplinari kienu jinħatru mill-President tar-Repubblika ma kienx ta' natura li joħloq dipendenza fil-konfront tal-poter politiku, u lanqas ma kien ta' natura li joħloq dubji dwar l-imparzjalità tagħhom jekk, ladarba maħtura, dawn l-imħallfin ma jkunu suġġetti għal ebda pressjoni u ma jirċevux istruzzjonijiet fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, l-

intervent, fi stadju preċedenti, tal-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura), li kellu l-kompitu li jipproponi l-imħallfin sabiex jinħatru, seta' jiddefinixxi oġġettivament il-limiti tal-marġni ta' manuvra tal-President tar-Repubblika, sakemm, iżda, dan il-korp kien huwa nnifsu suffiċjentement indipendenti mill-poter leġiżlattiv u mill-poter eżekuttiv kif ukoll mill-President tar-Repubblika. Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni elementi kemm fattwali u kemm legali marbuta kemm mal-kundizzjonijiet li fihom kienu nħatru l-membri tal-Kunsill tal-Ġudikatura Pollakk il-ġdid u kemm mal-mod kif dan effettivament kien jaqdi r-rwol tiegħu bħala l-gwardjan tal-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li kellha tiġi vverifikata l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-proposti tal-Kunsill tal-Ġudikatura, sa fejn id-deċiżjonijiet ta' ħatra tal-President tar-Repubblika ma setgħux, min-naħa tagħhom, ikunu s-suġġett ta' tali stħarriġ.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat elementi oħra li kienu jikkaratterizzaw b'mod iktar dirett l-awla dixxiplinari. Pereżempju, hija indikat li, fil-kuntest partikolari li ħareġ mill-adozzjoni, li kienet is-suġġett ta' protesti qawwija, tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi l-ġdida dwar il-Qorti Suprema li hija kienet iddikjarat li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531) [27], kien rilevanti li jiġi osservat li l-awla dixxiplinari ngħatat kompetenza esklużiva sabiex tieħu konjizzjoni ta' tilwim dwar l-irtirar obbligatorju tal-imħallfin tal-Qorti Suprema li kien jirriżulta minn din il-liġi, li kellha tiġi fformata biss minn imħallfin maħtura ġodda, jew li tidher li kellha livell ta' awtonomija partikolarment kbir fi ħdan il-Qorti Suprema. B'mod iktar ġenerali, Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, għalkemm kull wieħed mill-elementi eżaminati, meħud waħdu, ma kienx neċessarjament ta' natura li jqiegħed f'dubju l-indipendenza ta' din l-istanza, is-sitwazzjoni setgħet, għall-kuntrarju, tkun differenti jekk dawn kellhom jitqiesu flimkien.

***Sentenza tat-2 ta' Marzu 2021 (Awla Manja), A.B. et (Ħatra tal-Imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors) (C-824/18, [EU:C:2021:153](EU:C:2021:153))***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja – Proċedura ta' ħatra għall-pożizzjoni ta' mħallfin fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) – Ħatra mill-President tar-Repubblika tal-Polonja fuq riżoluzzjoni mill-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura – Nuqqas ta' indipendenza ta' dan il-kunsill – Assenza ta' effettività tal-azzjoni ġudizzjarja miftuħa kontra tali riżoluzzjoni – Sentenza tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Polonja) li tħassar id-dispożizzjoni li fuqha hija bbażata l-kompetenza tal-qorti tar-rinviju – Adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tiddekreta li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni ipso jure f'kawżi pendenti u li teskludi fil-futur kull azzjoni ġudizzjarja f'tali kawżi – Artikolu 267 TFUE – Possibbiltà u/jew obbligu għall-qrati nazzjonali li*

[27] Sentenza ppreżentata fit-Taqsima II. 9., intitolata "Inamovibbiltà tal-imħallfin u età tal-irtirar".

*jagħmlu rinviju preliminari u li jżommuh – Artikolu 4(3) TUE – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Setgħa li jitħallew mhux applikati d-dispożizzjonijiet nazzjonali mhux konformi mad-dritt tal-Unjoni"*

Permezz ta' riżoluzzjonijiet adottati f'Awwissu 2018, il-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja, iktar 'il quddiem il-"KRS") iddeċieda li ma jippreżentax lill-President tar-Repubblika tal-Polonja proposti għall-ħatra ta' ħames persuni (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") għal pożizzjonijiet ta' mħallef tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) u li jippreżenta kandidati oħra għal dawn il-pożizzjonijiet. Ir-rikorrenti għalhekk ippreżentaw rikorsi quddiem in-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Polonja), il-qorti tar-rinviju, kontra dawn ir-riżoluzzjonijiet. Tali rikorsi kienu għalhekk irregolati mil-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-KRS"), kif emendata b'liġi ta' Lulju 2018. B'applikazzjoni ta' din is-sistema, kien previst, minn naħa, li, jekk ir-riżoluzzjoni inkwistjoni tal-KRS ma tkunx ġiet ikkontestata mill-parteċipanti kollha fi proċedura ta' ħatra għal pożizzjoni ta' mħallef tal-Qorti Suprema, din ir-riżoluzzjoni kienet issir definittiva f'dak li jirrigwarda l-kandidat ippreżentat għal din il-pożizzjoni, b'tali mod li dan tal-aħħar seta' jinħatar mill-President tar-Repubblika. Barra minn hekk, l-eventwali annullament ta' tali riżoluzzjoni fuq rikors ta' parteċipant li ma kienx ġie ppreżentat għall-ħatra ma setax iwassal għal evalwazzjoni ġdida tas-sitwazzjoni ta' dan tal-aħħar għall-finijiet tal-eventwali għoti tal-pożizzjoni kkonċernata. Min-naħa l-oħra, skont din l-istess sistema, tali rikors ma setax ikun ibbażat fuq motiv ibbażat fuq evalwazzjoni mhux xierqa tal-osservanza, mill-kandidati, tal-kriterji meħuda inkunsiderazzjoni fl-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar il-preżentazzjoni tal-proposta ta' ħatra. Fit-talba għal deċiżjoni preliminari inizjali tagħha, il-qorti tar-rinviju, filwaqt li qieset li tali sistema kienet fil-prattika teskludi kull effettività tar-rikors ippreżentat minn parteċipant li ma jkunx ġie ppreżentat għall-ħatra, iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità ta' din is-sistema mad-dritt tal-Unjoni.

Wara din it-talba għal deċiżjoni preliminari inizjali, il-Liġi dwar il-KRS ġiet emendata mill-ġdid fl-2019. Bis-saħħa ta' din ir-riforma, minn naħa, sar impossibbli li jiġu ppreżentati rikorsi kontra d-deċiżjonijiet tal-KRS dwar il-preżentazzjoni jew in-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' kandidati għall-ħatra għal pożizzjonijiet ta' mħallef tal-Qorti Suprema. Min-naħa l-oħra, din ir-riforma ddikjarat li *ipso jure* ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq tali rikorsi li kienu għadhom pendenti u b'hekk ċaħħdet, *de facto*, lill-qorti tar-rinviju mill-kompetenza tagħha sabiex tagħti deċiżjoni dwar dan it-tip ta' rikors kif ukoll mill-possibbiltà li tikseb risposta għad-domandi preliminari li hija kienet għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fit-talba għal deċiżjoni preliminari addizzjonali tagħha, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' din is-sistema l-ġdida.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet, l-ewwel nett, li kemm is-sistema ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, kif ukoll il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali,

stipulat fl-Artikolu 4(3) TUE, jipprekludu emendi leġiżlattivi, bħal dawk, imsemmija iktar 'il fuq, imwettqa fl-2019 fil-Polonja, meta jkun jidher li dawn ikollhom l-effett speċifiku li jipprekludu lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tagħti deċiżjoni fuq domandi preliminari bħal dawk magħmula mill-qorti tar-rinviju u li jeskludu kull possibbiltà ta' repetizzjoni futura, minn qorti nazzjonali, ta' domandi analogi għalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwa, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha u, b'mod partikolari, il-kuntest li fih il-leġiżlatur Pollakk adotta dawn l-emendi, jekk dan kienx il-każ fis-sitwazzjoni ineżami.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu r-rimedji ġudizzjarji meħtieġa sabiex jiġi żgurat lill-partijiet fil-kawża r-rispett tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, jista' jipprekludi wkoll dan it-tip ta' emendi leġiżlattivi. Dan ikun il-każ meta jidher, u dan huwa wkoll punt li kellu jiġi evalwat mill-qorti tar-rinviju abbażi tal-elementi rilevanti kollha, li dawn l-emendi jkunu ta' natura li jqajmu dubji leġittimi, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin, maħtura abbażi tar-riżoluzzjonijiet tal-KRS, fil-konfront ta' elementi esterni, b'mod partikolari, ta' influwenzi diretti jew indiretti mill-poter leġiżlattiv u mill-poter eżekuttiv, u dwar in-newtralità tagħhom fil-konfront tal-interessi inkwistjoni. F'tali każ, tali emendi jkunu jistgħu għalhekk iwasslu għal assenza ta' dehra ta' indipendenza jew ta' imparzjalità ta' dawn l-imħallfin, assenza li tkun ta' natura li tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fil-persuni fil-kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt.

Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni jirrikjedu l-eżistenza ta' regoli li jirregolaw il-ħatra tal-imħallfin. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ir-rwol determinanti tal-KRS fil-proċess tal-ħatra għal pożizzjoni ta' mħallef tal-Qorti Suprema, peress li l-att ta' proposta adottat minnu kien jikkostitwixxi kundizzjoni *sine qua non* sabiex kandidat jinħatar sussegwentement. Għaldaqstant, il-livell ta' indipendenza li kien igawdi minnu l-KRS fil-konfront tal-poter leġiżlattiv u tal-poter eżekuttiv Pollakki seta' kien rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk l-imħallfin magħżula minnu kinux ser ikunu f'pożizzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-eventwali assenza ta' rimedju ġudizzjarju fil-kuntest ta' proċess ta' ħatra għal pożizzjonijiet ta' mħallef ta' qorti suprema nazzjonali setgħet tirriżulta problematika meta l-elementi kuntestwali rilevanti kollha li kienu jikkaratterizzaw tali proċess fl-Istat Membru kkonċernat setgħu jqajmu, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dubji ta' natura sistemika fir-rigward tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-imħallfin maħtura fi tmiem dan il-proċess. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-każ li l-qorti tar-rinviju kellha tasal għall-konklużjoni, abbażi tal-elementi rilevanti kollha li hija semmiet fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha u, b'mod partikolari, tal-emendi leġiżlattivi li reċentement kienu affettwaw il-proċess ta' ħatra tal-membri tal-KRS, li dan tal-aħħar ma kienx joffri garanziji ta' indipendenza suffiċjenti, kienet meħtieġa l-eżistenza ta' rimedju ġudizzjarju miftuħ għall-kandidati mhux magħżula sabiex jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-proċess ta' ħatra tal-imħallfin

ikkonċernati minn influwenzi diretti jew indiretti u sabiex jiġi evitat, fl-aħħar mill-aħħar, li jkunu jistgħu jqumu d-dubji msemmija iktar ’il fuq.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, jekk il-qorti tar-rinviju kellha tasal għall-konklużjoni li l-adozzjoni tal-emendi leġiżlattivi tal-2019 saret bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta’ supremazija ta’ dan id-dritt kien jimponi fuq din il-qorti tal-aħħar l-obbligu li tħalli mhux applikati dawn l-emendi, irrispettivament minn jekk dawn kinux ta’ oriġini leġiżlattiva jew kostituzzjonali, u li tkompli tassumi l-kompetenza li kienet tagħha sabiex tieħu konjizzjoni tat-tilwim li kellha quddiemha qabel ma saru dawn l-emendi.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kien jipprekludi emendi leġiżlattivi, bħal dawk, imsemmija iktar ’il fuq, li saru fl-2018 fil-Polonja, meta jidher li dawn ikunu ta’ natura li joħolqu dubji leġittimi, f’moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin hekk maħtura fir-rigward ta’ elementi esterni, u fir-rigward tan-newtralità tagħhom fil-konfront tal-interessi inkwistjoni, u li dawn l-emendi jwasslu għalhekk għal assenza ta’ dehra ta’ indipendenza jew ta’ imparzjalità ta’ dawn l-imħallfin li tkun ta’ natura li tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fil-partijiet fil-kawża f’soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt.

Fl-aħħar mill-aħħar, kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta’ jekk dan kienx il-każ f’din il-kawża. Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet li l-qorti tar-rinviju kellha tieħu inkunsiderazzjoni f’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ir-rimedju ġudizzjarju miftuħ fil-kuntest ta’ proċess ta’ ħatra għal pożizzjonijiet ta’ mħallef ta’ qorti suprema nazzjonali setgħu jkunu problematiċi fid-dawl tar-rekwiżiti li kienu jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni meta jġibu fix-xejn l-effettività tar-rikors li kien jeżisti sa dak iż-żmien. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, l-ewwel, li, wara l-emendi leġiżlattivi tal-2018, ir-rikors inkwistjoni issa kien ġie mċaħħad minn kull effettività reali u kien joffri biss dehra ta’ rimedju ġudizzjarju. It-tieni, hija enfasizzat li, f’dan il-każ, l-elementi kuntestwali marbuta mar-riformi l-oħra kollha li reċentement kienu affettwaw lill-Qorti Suprema u lill-KRS kellhom ukoll jittieħdu inkunsiderazzjoni. F’dan ir-rigward, hija rrilevat, lil hinn mid-dubji msemmija preċedentement dwar l-indipendenza tal-KRS, iċ-ċirkustanza li l-emendi leġiżlattivi tal-2018 ġew introdotti ftit żmien qabel ma l-KRS fil-kompożizzjoni l-ġdida tiegħu ntalab jiddeċiedi dwar il-kandidaturi, bħal dawk tar-rikorrenti, ippreżentati sabiex jimtlew diversi pożizzjonijiet ta’ mħallef tal-Qorti Suprema ddikjarati vakanti jew maħluqa b’mod ġdid minħabba d-dħul fis-seħħ ta’ diversi emendi tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, jekk il-qorti tar-rinviju kellha tasal għall-konklużjoni li l-emendi leġiżlattivi tal-2018 kienu jiksru d-dritt tal-Unjoni, hija kien ikollha, skont il-prinċipju ta’ supremazija ta’ dan id-dritt, tħalli mhux applikati dawn l-emendi favur l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ preċedentement filwaqt li kellha teżerċita hija stess l-istħarriġ previst f’dawn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar.

***Sentenza tal-20 ta' April 2021 (Awla Manja), Repubblika (C-896/19, EU:C:2021:311)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 2 TUE – Valuri tal-Unjoni Ewropea – Stat tad-dritt – Artikolu 49 TUE – Adeżjoni mal-Unjoni – Assenza ta' rigress fil-livell ta' protezzjoni tal-valuri tal-Unjoni – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Artikolu 19 TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Kamp ta' applikazzjoni – Indipendenza tal-membri tal-ġudikatura ta' Stat Membru – Proċedura tal-ħatra – Setgħa tal-Prim Ministru – Involviment ta' kumitat dwar il-ħatriet tal-ġudikatura"*

Fiż-żmien tal-kawża, Repubblika kienet assoċjazzjoni li l-għan tagħha kien li tippromwovi l-protezzjoni tal-ġustizzja u tal-Istat tad-dritt f'Malta. Wara l-ħatra ta' membri tal-ġudikatura ġodda, li saret f'April 2019, hija ressqet *actio popolaris* quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali (Malta) bil-għan, b'mod partikolari, li tikkontesta l-proċedura ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura Maltin, kif irregolata mill-Kostituzzjoni [28]. Id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali kkonċernati, li sa riforma fl-2016 kienu baqgħu l-istess sa mill-adozzjoni tagħhom fl-1964, kienu jagħtu lill-Prim Ministru (Malta) is-setgħa li jippreżenta lill-President tar-Repubblika kandidat sabiex jinħatar bħala membru tal-ġudikatura. Fil-prattika, il-Prim Ministru b'hekk kellu setgħa deċiżiva fil-ħatra tal-membri tal-ġudikatura Maltin, li, skont Repubblika, kienet tqajjem dubji dwar l-indipendenza ta' dawn il-membri tal-ġudikatura. Madankollu, il-kandidati kellhom jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, li kienu wkoll previsti fil-Kostituzzjoni, u, minn wara r-riforma tal-2016, twaqqaf Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura li kien responsabbli għall-evalwazzjoni tal-kandidati u li kien responsabbli għall-evalwazzjoni tal-kandidati u li jagħti parir lill-Prim Ministru.

F'dan il-kuntest, il-qorti li quddiemha tressqet il-kawża ddeċidiet li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità tas-sistema Maltija tal-ħatra tal-membri tal-ġudikatura mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod iktar preċiż, mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Tfakkar li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu r-rimedji meħtieġa sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni filwaqt li l-Artikolu 47 tal-Karta jistabbilixxi d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv għal kull parti f'kawża li jinvoka, f'qasam partikolari, dritt li huwa jgawdi bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni ma kienx jipprekludi dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali bħalma kienu d-dispożizzjonijiet tad-dritt Malti dwar il-ħatra tal-membri tal-ġudikatura. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet ma dehrux li setgħu jwasslu għal assenza ta' dehra ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tal-membri tal-ġudikatura li kienet ta' natura li tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fil-partijiet f'kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt.

[28] Artikoli 96, 96A u 100 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel, iddeċidiet li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kien japplika f'din il-kawża, sa fejn l-azzjoni mressqa kienet intiża li tiġi kkontestata l-konformità, mad-dritt tal-Unjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li kienu jirregolaw il-proċedura ta' ħatra ta' membri tal-ġudikatura li kienu mistennija jagħtu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' applikazzjoni jew ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom kien qed jiġi allegat li setgħu jaffettwaw l-indipendenza tagħhom. Fir-rigward tal-Artikolu 47 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, għalkemm bħala tali ma kienx applikabbli [29] sa fejn Repubblika ma kinitx qiegħda tinvoka dritt suġġettiv li hija kienet tgawdi minnu bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, dan l-artikolu kellu xorta waħda jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE ma jipprekludix dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu jagħtu lill-Prim Ministru setgħa deċiżiva fil-proċess ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura, filwaqt li jipprevedu l-involviment, f'dan il-proċess, ta' korp indipendenti responsabbli, b'mod partikolari, għall-evalwazzjoni tal-kandidati għal pożizzjoni ta' membru tal-ġudikatura u sabiex jagħti parir lill-Prim Ministru.

Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-ewwel nett, b'mod ġenerali, li, fost ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li kellhom jissodisfaw il-qrati nazzjonali li setgħu jagħtu deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura kienet ta' importanza fundamentali, b'mod partikolari għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, u dan għal diversi raġunijiet. Fil-fatt, din l-indipendenza kienet essenzjali għall-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, previst fl-Artikolu 267 TFUE, li jista' jinbeda biss minn istanza indipendenti. Barra minn hekk, l-indipendenza tagħmel parti mill-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u għal smigħ xieraq previst fl-Artikolu 47 tal-Karta.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza reċenti tagħha [30], li fiha għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-membri tal-ġudikatura meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni. Dawn il-garanziji jeħtieġu, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' regoli li jippermettu li jiġi eskluż kull dubju leġittimu, f'moħħ il-partijiet f'kawża, dwar l-impermeabbiltà tal-membri tal-ġudikatura fil-konfront ta' elementi esterni, b'mod partikolari ta' influwenzi diretti jew indiretti mill-poter leġiżlattiv u mill-poter eżekuttiv, u dwar in-newtralità tagħhom fir-rigward tal-interessi inkwistjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, skont l-Artikolu 49 TUE, l-Unjoni tiġbor fi ħdanha Stati li b'mod liberu u volontarju aderixxew għall-valuri komuni previsti fl-

---

29 Konformement mal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

30 Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C--585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982), kif ukoll tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema - Rikors) (C-824/18, EU:C:2021:153), ippreżentati f'din it-taqsima.

Artikolu 2 TUE, bħalma huwa l-valur tal-Istat tad-dritt, li josservaw dawn il-valuri u li jimpenjaw ruħhom li jippromwovu l-istess valuri. Għaldaqstant, Stat Membru ma jistax jemenda l-leġiżlazzjoni tiegħu, b'mod partikolari fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ġustizzja, b'mod li jimplika rigress fil-protezzjoni tal-valur tal-Istat tad-dritt, valur li huwa espress konkretament, b'mod partikolari, permezz tal-Artikolu 19 TUE. F'dan id-dawl, l-Istati Membri għandhom jastjenu milli jadottaw regoli li jwasslu sabiex tiġi ppreġudikata l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura.

Wara li għamlet dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, minn naħa, li t-twaqqif fl-2016 tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura saħħaħ, għall-kuntrarju, il-garanzija ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura Maltin meta mqabbla mas-sitwazzjoni li kienet tirriżulta mid-dispożizzjonijiet kostituzzjonali fis-seħħ meta Malta aderixxiet mal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, bħala prinċipju, l-involviment ta' tali korp seta' kien ta' natura li jikkontribwixxi sabiex tiżdied l-oġġettività tal-proċess ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura, billi kien jipprovdi qafas għall-marġni ta' manuvra tal-Prim Ministru f'dan il-qasam, bil-kundizzjoni iżda li min-naħa tiegħu dan il-korp ikun suffiċjentement indipendenti. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-eżistenza ta' sensiela ta' regoli li dehru li kienu ta' natura li jiggarantixxu din l-indipendenza.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għalkemm il-Prim Ministru kellu setgħa konkreta fil-ħatra tal-membri tal-ġudikatura, l-eżerċizzju ta' din is-setgħa kien suġġett għall-kundizzjonijiet dwar l-esperjenza professjonali, previsti fil-Kostituzzjoni, li kellhom jiġu ssodisfatti mill-kandidati għall-pożizzjonijiet ta' membru tal-ġudikatura. Barra minn hekk, għalkemm kien minnu li l-Prim Ministru seta' jiddeċiedi li jippreżenta għal ħatra lill-President tar-Repubblika kandidat li ma kienx ġie propost mill-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura, f'tali każ il-Prim Ministru kien meħtieġ jikkomunika r-raġunijiet tiegħu, b'mod partikolari lill-poter leġiżlattiv. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm il-Prim Ministru jeżerċita din is-setgħa eċċezzjonalment biss u josserva b'mod strett u effettiv tali obbligu ta' motivazzjoni, is-setgħa tiegħu ma kinitx ta' natura li toħloq dubji leġittimi fir-rigward tal-indipendenza tal-kandidati magħżula.

***Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021 (Awla Manja), W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra) (C-487/19, EU:C:2021:798)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Stat tad-Dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Prinċipji ta' impediment ta' tneħħija u ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – Trasferiment mingħajr kunsens ta' mħallef ta' qorti ordinarja – Rikors – Digriet ta' inammissibbiltà adottat minn imħallef tas-Sąd Najwyższy (Izba Kontroli Nadzwyczajnej i Spraw Publicznych) (il-Qorti Suprema (l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi), il-Polonja) – Imħallef maħtur mill-President tar-Repubblika tal-Polonja abbażi ta' riżoluzzjoni mogħtija mill-Kunsill Nazzjonali tal-Maġistratura minkejja deċiżjoni ġudizzjarja li tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni sakemm tingħata sentenza dwar deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja – Imħallef li ma jikkostitwixxix qorti indipendenti*

*u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni" – Possibbiltà li tali digriet ta' inammissibbiltà jiġi kkunsidrat li huwa ineżistenti"*

F'Awwissu 2018, l-Imħallef W.Ż., li kien sedenti f'qorti reġjonali fil-Polonja, ġie ttrasferit mingħajr il-kunsens tiegħu mid-diviżjoni tal-qorti li lilha kien assenjat lejn diviżjoni oħra tal-istess qorti. Huwa ppreżenta, quddiem il-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja) (iktar 'il quddiem il-"KRS"), rikors kontra dan it-trasferiment, li wassal għal riżoluzzjoni li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni. F'Novembru 2018, W.Ż. ikkontesta din ir-riżoluzzjoni quddiem is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), fejn talab ukoll ir-rikuża tal-imħallfin kollha li kienu jifformaw l-awla adita bir-rikors tiegħu, jiġifieri l-Izba Kontroli Nadzwyczajnej i Spraw Publicznych (l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi, il-Polonja, iktar 'il quddiem l-"Awla ta' Stħarriġ"). Huwa qies li, fid-dawl tal-modalitajiet tal-ħatra tagħhom, il-membri ta' din l-awla ma kinux joffru l-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità meħtieġa.

F'dan ir-rigward, is-Sąd Najwyższy (Izba cywilna) (il-Qorti Suprema (Awla Ċivili), il-Polonja), li kellha tagħti deċiżjoni dwar din it-talba għal rikuża, indikat, fid-digriet tar-rinviju tagħha, li kienu ġew ippreżentati rikorsi quddiem in-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Polonja) kontra r-Riżoluzzjoni tal-KRS Nru 331/2018, li pproponiet lill-President tar-Repubblika l-lista tal-imħallfin il-ġodda tal-Awla ta' Stħarriġ. Madankollu, minkejja s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni ordnata minn din l-aħħar qorti, il-President tar-Repubblika ħatar fil-pożizzjonijiet ta' mħallef ta' din l-Awla ta' Stħarriġ uħud mill-kandidati ppreżentati f'din ir-riżoluzzjoni.

F'Marzu 2019, filwaqt li, minn naħa, l-imsemmija proċedura quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema kienet għadha pendenti u filwaqt li, min-naħa l-oħra, din il-qorti tal-aħħar kienet ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar riżoluzzjoni oħra tal-KRS li tipproponi lill-President tar-Repubblika lista ta' kandidati għal pożizzjonijiet ta' mħallef tal-Qorti Suprema [31], inħatar imħallef ġdid tal-Awla ta' Stħarriġ (iktar 'il quddiem l-"Imħallef tal-Awla ta' Stħarriġ") fuq il-bażi tar-Riżoluzzjoni Nru 331/2018. Abbażi ta' deċiżjoni li ngħatat fil-formazzjoni ta' mħallef uniku, mingħajr ma kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-atti tal-proċess u mingħajr is-smigħ ta' W.Ż., dan l-imħallef il-ġdid adotta digriet (iktar 'il quddiem id-"digriet kontenzjuż") li ċaħad bħala inammissibbli r-rikors ta' dan tal-aħħar kontra r-riżoluzzjoni tal-KRS fis-sens li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk imħallef maħtur f'tali ċirkustanzi setax jiġi kklassifikat bħala qorti indipendenti, imparzjali u stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens, b'mod partikolari, tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE , u talbitha tippreċiża l-implikazzjonijiet li seta' jkollha, għad-digriet kontenzjuż, il-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' tali klassifikazzjoni.

[31] Jiġifieri, il-kawża li tat lok għas-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A.B. *et* (Ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema - Rikors) (C-824/18, EU:C:2021:153), ippreżentata f'din it-taqsima.

Fis-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar iċ-ċirkustanzi li kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni minn qorti nazzjonali sabiex tikkonkludi dwar l-eżistenza, fil-proċedura ta' ħatra ta' mħallef, ta' irregolaritajiet ta' natura li jipprekludu li dan ikun jista' jitqies li jikkostitwixxi qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif ukoll dwar il-konsegwenzi li, f'tali każ, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jimplika għal deċiżjoni, bħalma kien id-digriet kontenzjuż, adottata minn tali imħallef.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, b'mod partikolari, li l-ħatra tal-imħallef tal-Awla ta' Stħarriġ bi ksur tad-deċiżjoni finali tal-Qorti Amministrattiva Suprema li ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-KRS Nru 331/2018, u mingħajr l-istennija tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża A. B. *et* (Ħatra tal-Imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors) (C-824/18) [32] ippreġudikat l-effettività tas-sistema tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE. Fil-fatt, meta seħħet din il-ħatra, ir-risposta mistennija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dik il-kawża setgħet twassal lill-Qorti Amministrattiva Suprema sabiex ikollha, skont il-każ, tannulla r-Riżoluzzjoni tal-KRS Nru 331/2018 fl-intier tagħha.

Fir-rigward taċ-ċirkustanzi l-oħra li fihom seħħet il-ħatra tal-imħallef tal-Awla ta' Stħarriġ, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li hija reċentement kienet iddeċidiet li wħud miċ-ċirkustanzi msemmija mill-qorti tar-rinviju, dwar emendi li saru fl-2017 li affettwaw il-kompożizzjoni tal-KRS, setgħu joħolqu dubji leġittimi f'dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-indipendenza tiegħu [33]. Barra minn hekk, din il-ħatra u d-digriet kontenzjuż seħħew meta l-qorti tar-rinviju kienet adita b'talba għal rikuża diretta kontra l-imħallfin kollha li dak iż-żmien kienu fil-kariga fi ħdan l-Awla ta' Stħarriġ.

Ikkunsidrati flimkien, iċ-ċirkustanzi msemmija iktar 'il fuq kienu, bla ħsara għall-evalwazzjonijiet finali li kellhom isiru mill-qorti tar-rinviju, ta' natura li setgħu jwasslu għall-konklużjoni li l-ħatra tal-imħallef tal-Awla ta' Stħarriġ saret bi ksur manifest tar-regoli fundamentali li jirregolaw il-ħatra tal-imħallfin fil-Qorti Suprema. Dawn l-istess ċirkustanzi setgħu wkoll iwasslu lill-qorti tar-rinviju tikkonkludi li ċ-ċirkustanzi li fihom saret din il-ħatra pperikolaw l-integrità tal-eżitu li wassal għalih l-imsemmi proċess ta' ħatra, billi kkontribwixxew għall-ħolqien, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, ta' dubji leġittimi u għal assenza ta' dehra ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tal-imħallef tal-Awla ta' Stħarriġ li setgħet tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fl-imsemmija partijiet fil-kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, qorti nazzjonali adita b'talba għal rikuża, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandha, meta tali

32 Sentenza ppreżentata f'din it-taqsima.

33 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596), punti 104 sa 108, ippreżentata fit-Taqsima II. 7., intitolata "Responsabbiltà dixxiplinari".

konsegwenza tkun indispensabbli fid-dawl tas-sitwazzjoni proċedurali inkwistjoni sabiex tiġi ggarantita s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, tqis bħala ineżistenti digriet bħalma huwa d-digriet kontenzjuż, jekk mill-kundizzjonijiet u miċ-ċirkustanzi kollha li fihom ikun żvolġa l-proċess ta' ħatra tal-imħallef li adotta dan id-digriet ikun jirriżulta li dan l-imħallef ma kienx jikkostitwixxi qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

***Sentenza tat-22 ta' Marzu 2022 (Awla Manja), Prokurator Generalny et (Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema – Ħatra (C-508/19, EU:C:2022:201)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Neċessità tal-interpretazzjoni mitluba sabiex il-qorti tar-rinviju tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha – Kunċett – Proċeduri dixxiplinari mibdija kontra mħallef ta' qorti ordinarja – Ħatra tal-qorti dixxiplinari kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni ta' din il-proċedura mill-President tal-Awla Dixxiplinari tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) – Azzjoni ċivili għall-konstatazzjoni tal-ineżistenza ta' relazzjoni ta' xogħol bejn il-President ta' din l-Awla Dixxiplinari u l-Qorti Suprema – Assenza ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju sabiex tistħarreġ il-validità tal-ħatra ta' Mħallef tal-Qorti Suprema u Inammissibbiltà ta' tali azzjoni skont id-dritt nazzjonali – Inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari"*

F'Jannar 2019, inbdew proċeduri dixxiplinari kontra M. F., Imħallef fi ħdan is-Sąd Rejonowy w P. (il-Qorti Distrettwali ta' P., il-Polonja), għal allegat dewmien fit-trattament tal-kawżi li dwarhom din il-qorti kienet mitluba tiddeċiedi. J. M., bħala President tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) li kien imexxi l-ħidma tal-Awla Dixxiplinari ta' din l-aħħar qorti, kien ħatar lis-Sąd Dyscyplinarny przy Sądzie Apelacyjnym w […] (il-Qorti Dixxiplinari tal-Qorti tal-Appell ta' […], il-Polonja) sabiex tieħu konjizzjoni ta' din il-proċedura.

Peress li qieset li l-ħatra ta' J. M. fi ħdan din l-Awla Dixxiplinari kienet ivvizzjata b'diversi irregolaritajiet, M. F. adixxiet lill-Qorti Suprema b'azzjoni ċivili intiża sabiex tiġi kkonstatata l-ineżistenza ta' relazzjoni ta' xogħol bejn J. M. u din l-istess qorti, filwaqt li talbet lil din tal-aħħar tissospendi l-proċeduri dixxiplinari mibdija kontra M. F. Waħda mill-awli tal-Qorti Suprema, l-Izba Pracy i Ubezpieczeń Społecznych (l-Awla Industrijali u tas-Sigurtà Soċjali, iktar 'il quddiem, "il-qorti tar-rinviju"), għalhekk ġiet adita biex teżamina dawn it-talbiet.

Il-qorti tar-rinviju, wara li kienet ikkonstatat li l-mandat ta' qorti jirrifletti relazzjoni legali li taqa' taħt id-dritt pubbliku, u mhux taħt id-dritt ċivili, u li rikors bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għalhekk, ma setax jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċi ta' proċedura ċivili, madankollu staqsiet jekk il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li kien stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, u l-obbligu impost fuq l-Istati Membri, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jiżguraw ruħhom li l-qrati tal-ordinament ġuridiku tagħhom, li jistgħu jiddeċiedu f'oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw minn dan il-prinċipju u, b'mod partikolari, dawk dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom u l-fatt li jiġu stabbiliti mil-liġi, kellhomx bħala

konsegwenza li jagħtuha s-setgħa, li hija ma kellhiex taħt id-dritt Pollakk, li tikkonstata, fil-kuntest tal-proċedura fil-kawża prinċipali, li l-konvenut ikkonċernat ma kellux mandat ta' mħallef.

Fis-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat it-talba għal deċiżjoni preliminari inammissibbli. F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li, filwaqt li, fil-kuntest tal-missjoni ġudizzjarja li għandha skont l-Artikolu 267 TFUE, il-funzjoni tagħha tikkonsisti fl-għoti lil kull qorti tal-Unjoni tal-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għaliha għas-soluzzjoni ta' tilwim reali quddiemha, id-domandi li sarulha f'dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari kienu jmorru lil hinn mill-kuntest ta' din il-missjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-domandi magħmula minn qorti nazzjonali għandhom jissodisfaw bżonn oġġettiv għas-soluzzjoni tat-tilwima li hija tkun adita biha u li l-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE tippreżumi għalhekk, bħala prinċipju, li l-qorti tar-rinviju jkollha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi l-kawża prinċipali, sabiex din ma titqiesx bħala purament ipotetika. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li jista' jkun differenti f'ċerti ċirkustanzi eċċezzjonali, tali soluzzjoni ma setgħetx tiġi adottata f'dan il-każ.

Fil-fatt, l-ewwel nett, il-qorti tar-rinviju stess enfasizzat li, meta tkun adita b'azzjoni ċivili għall-konstatazzjoni tal-ineżistenza ta' relazzjoni ġuridika, hija ma jkollhiex, skont id-dritt nazzjonali, il-kompetenza li tippermettilha tiddeċiedi dwar ir-regolarità tal-att ta' ħatra inkwistjoni.

It-tieni nett, l-azzjoni ċivili mressqa minn M. F. kienet intiża, fir-realtà, sabiex tikkontesta mhux tant l-eżistenza ta' relazzjoni ta' xogħol bejn J. M. u l-Qorti Suprema jew ta' drittijiet u obbligi li jirriżultaw minn tali relazzjoni, iżda d-deċiżjoni li permezz tagħha J. M. ħatar il-qorti dixxiplinari kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tal-proċeduri dixxiplinari mibdija kontra M. F., proċeduri li barra minn hekk din tal-aħħar talbet is-sospensjoni tagħhom, provviżorjament, mill-qorti tar-rinviju. B'hekk, id-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja kienu jirrigwardaw intrinsikament tilwima differenti minn dik fil-kawża prinċipali u li din tal-aħħar kienet tikkostitwixxi biss aċċessorju tagħha. Għaldaqstant, sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi ta' din it-tilwima l-oħra pjuttost milli timxi mal-konfigurazzjoni tal-kawża prinċipali, kif jeżiġi l-Artikolu 267 TFUE.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fin-nuqqas ta' dritt ta' azzjoni diretta kontra l-ħatra ta' J. M. bħala President tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema jew kontra l-att ta' J. M. li kien jaħtar l-qorti dixxiplinari responsabbli mill-eżami tat-tilwima, M. F. setgħet tqajjem, quddiem din l-aħħar qorti, kontestazzjoni bbażata fuq l-eventwali ksur, riżultanti mill-att ta' ħatra inkwistjoni, tad-dritt tagħha li l-imsemmija tilwima tiġi deċiża minn qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, barra minn hekk, f'dan ir-rigward, li hija ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, sa fejn kienu jagħtu lill-President tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema s-

setgħa diskrezzjonali li jaħtar il-qorti dixxiplinari kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tal-proċeduri dixxiplinari mibdija kontra mħallfin tal-qrati ordinarji, ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżit li jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jipprovdi li tali kawżi kellhom ikunu jistgħu jiġu eżaminati minn qorti “stabbilita bil-liġi” [34]. Din id-dispożizzjoni, sa fejn timponi tali rekwiżit, għandha, barra minn hekk, titqies li għandha effett dirett, b’tali mod li l-prinċipju ta’ supremazija tad-dritt tal-Unjoni jimponi fuq qorti dixxiplinari hekk maħtura li tħalli mhux applikati d-dispożizzjonijiet nazzjonali li bis-saħħa tagħhom tkun saret il-ħatra tagħha u, għaldaqstant, li tiddikjara nuqqas ta’ ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża mressqa quddiemha.

Fir-raba’ lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, f’dan il-każ, l-azzjoni fil-kawża prinċipali kienet intiża, essenzjalment, sabiex tinkiseb forma ta’ annullament *erga omnes* tal-ħatra ta’ J. M. fil-funzjonijiet tiegħu ta’ mħallef, minkejja li d-dritt nazzjonali ma kienx jawtorizza u qatt ma kien awtorizza lill-individwi kollha jikkontestaw il-ħatra tal-imħallfin permezz ta’ azzjoni diretta għal annullament jew għal invalidazzjoni ta’ tali ħatra.

***Sentenza tad-29 ta’ Marzu 2022 (Awla Manja), Getin Noble Bank (C-132/20, EU:C:2022:235)***

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ammissibiltà – Artikolu 267 TFUE – Kunċett ta’ ‘qorti’ – Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Prinċipju ta’ indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – Qorti stabbilita minn qabel bil-liġi – Korp ġudizzjarju li membru tiegħu nħatar għall-ewwel darba għal kariga ta’ mħallef minn korp politiku tal-poter eżekuttiv ta’ reġim mhux demokratiku – Mod ta’ funzjonament tal-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja) – Antikostituzzjonalità tal-liġi li abbażi tagħha ġie kompost dan il-Kunsill – Possibbiltà li dan il-korp jiġi kklassifikat bħala qorti imparzjali u indipendenti fis-sens tad-dritt tal-Unjoni”*

Fl-2017, fil-Polonja, diversi konsumaturi adixxew lill-qorti reġjonali kompetenti b’rikors li kien jirrigwarda n-natura allegatament inġusta ta’ klawżola inkluża fil-kuntratt ta’ kreditu li huma kienu kkonkludew ma’ Getin Noble Bank, istituzzjoni bankarja. Peress li ma kisbu sodisfazzjon sħiħ la fl-ewwel istanza u lanqas fl-appell, ir-rikorrenti ppreżentaw appell quddiem is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), il-qorti tar-rinviju.

Sabiex teżamina l-ammissibbiltà tal-appell ippreżentat quddiemha, dik il-qorti kienet obbligata, skont id-dritt nazzjonali, li tivverifika n-natura regolari tal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti li ta s-sentenza appellata. F’dan il-kuntest, sedenti b’kulleġġ ġudikanti b’imħallef uniku, hija staqsiet dwar il-konformità, mad-dritt tal-Unjoni, tal-kompożizzjoni tal-qorti tal-appell. Fil-fehma tagħha, l-indipendenza u l-imparzjalità tat-tlett imħallfin ta’ appell setgħu jitqiegħdu f’dubju minħabba ċ-ċirkustanzi li fihom huma kienu nħatru għall-karigi ta’ mħallef.

[34] Sentenza tal-15 ta’ Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596, punt 176), ippreżentata fit-Taqsimiet “I. 2. Dritt tal-qrati nazzjonali indipendenti li jagħmlu rinviju għal domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja” u “II. 7. Responsabbiltà dixxiplinari”.

F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju rreferiet, minn naħa, għall-fatt li l-ewwel ħatra ta' wieħed mill-imħallfin (FO) għal tali kariga kienet tirriżulta minn deċiżjoni adottata minn korp tar-reġim mhux demokratiku li kien fil-poter fil-Polonja qabel l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea u li huwa nżamm f'din il-kariga wara t-tmiem ta' dan ir-reġim, mingħajr ma ħa l-ġurament mill-ġdid u billi bbenefika mill-anzjanità miksuba meta dan ir-reġim kien fil-poter [35]. Min-naħa l-oħra, l-imħallfin ikkonċernati allegatament kienu nħatru fil-qorti tal-appell fuq proposta tal-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja, iktar 'il quddiem il-"KRS"), wieħed minnhom, fl-1998, meta r-riżoluzzjonijiet ta' dan il-korp la kienu mmotivati u lanqas setgħu jkunu s-suġġett ta' azzjoni ġudizzjarja, it-tnejn l-oħra, fl-2012 u fl-2015, fi żmien li fih, skont it-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Polonja), il-KRS ma kienx jiffunzjona b'mod trasparenti u li fih il-kompożizzjoni tiegħu kienet tmur kontra l-Kostituzzjoni.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-partijiet f'kawża għandhom taħt id-dritt tal-Unjoni [36] kellu jiġi interpretat fis-sens li l-irregolaritajiet invokati mill-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-imħallfin tal-appell inkwistjoni ma kinux minnhom infushom tali li jqajmu dubji leġittimi u serji, f'moħħ il-partijiet f'kawża, fir-rigward tal-indipendenza u tal-imparzjalità ta' dawn l-imħallfin, u lanqas, għaldaqstant, li jqiegħdu f'dubju l-kwalità ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, tal-kulleġġ ġudikanti li fih huma sedenti.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fis-sens li l-imħallef uniku tal-Qorti Suprema Pollakka, mitlub sabiex jeżamina l-ammissibbiltà tal-appell ippreżentat quddiem dik il-qorti, ma kienx awtorizzat jagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja fid-dawl tad-difetti li bihom kienet ivvizzjata l-ħatra proprja tiegħu, li allegatament iqiegħdu f'dubju l-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu. Fil-fatt, sakemm rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun sar minn qorti nazzjonali, kellu jiġi preżunt li din tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkostitwixxi "qorti" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Tali preżunzjoni tista' madankollu tiġi kkonfutata meta deċiżjoni ġudizzjarja definittiva mogħtija minn qorti nazzjonali jew internazzjonali twassal sabiex jitqies li l-imħallef li jikkostitwixxi l-qorti tar-rinviju ma jkollux il-kwalità ta' qorti indipendenti, imparzjali u stabbilita bil-liġi. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex informazzjoni li tippermetti li tiġi kkonfutata tali preżunzjoni, it-talba għal deċiżjoni preliminari kienet għalhekk ammissibbli.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat iż-żewġ partijiet tad-domandi magħmula.

---

35 Iktar 'il quddiem, ser isir riferiment għalihom bħala "ċirkustanzi qabel l-adeżjoni".

36 Prinċipju li għalih jagħmel riferiment it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, u li huwa stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll fid-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100). Din tal-aħħar tafferma mill-ġdid, fl-Artikolu 7(1) u (2) tagħha, id-dritt għal rimedju effettiv li minnu jibbenefikaw il-konsumaturi li jqisu lilhom infushom leżi mill-imsemmija klawżoli.

Permezz tal-ewwel parti, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta kinux jipprekludu li jiġi kklassifikat bħala qorti indipendenti u imparzjali kulleġġ ġudikanti ta' qorti nazzjonali li fih ikun sedenti mħallef li, bħal FO, kien beda l-karriera tiegħu taħt ir-reġim Komunist u li nżamm fil-kariga tiegħu wara t-tmiem ta' dan ir-reġim.

F'dan ir-rigward, wara li ddikjarat li kellha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni [37], il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, għalkemm l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri kienet taqa' taħt il-kompetenza ta' dawn tal-aħħar, dawn kellhom, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, josservaw l-obbligi li jirriżultaw għalihom mid-dritt tal-Unjoni, inkluż dak li jiżguraw l-osservanza tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Fir-rigward tal-effett fuq l-indipendenza u l-imparzjalità ta' mħallef taċ-ċirkustanzi qabel l-adeżjoni, invokati mill-qorti tar-rinviju fir-rigward ta' mħallfin bħal FO, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fil-mument tal-adeżjoni tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea, tqies li, bħala prinċipju, is-sistema ġudizzjarja tagħha kienet konformi mad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni konkreta li turi kif il-kundizzjonijiet tal-ewwel ħatra ta' FO setgħu jippermettu li fil-preżent tiġi eżerċitata influwenza indebita fuqu. Għalhekk, iċ-ċirkustanzi marbuta mal-ewwel ħatra tiegħu ma setgħux minnhom infushom jitqiesu li kienu tali li jqajmu dubji leġittimi u serji, f'moħħ il-partijiet f'kawża, dwar l-indipendenza u l-imparzjalità ta' dan l-imħallef, waqt l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji sussegwenti tiegħu.

Permezz tat-tieni parti tagħhom, id-domandi magħmula kienu intiżi sabiex isir magħruf jekk, essenzjalment, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll l-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 93/13 kinux jipprekludu li jiġi kklassifikat bħala qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, kulleġġ ġudikanti ta' qorti ta' Stat Membru ieħor li fih kien sedenti mħallef li l-ewwel ħatra tiegħu għal kariga ta' mħallef jew il-ħatra sussegwenti tiegħu f'qorti superjuri tkun seħħet jew wara l-għażla tiegħu bħala kandidat għall-kariga ta' mħallef minn korp kompost abbażi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li sussegwentement ġew iddikjarati li jmorru kontra l-Kostituzzjoni mill-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru (iktar 'il quddiem l-"ewwel ċirkustanza inkwistjoni") jew wara l-għażla tiegħu bħala kandidat għall-kariga ta' mħallef minn korp kompost b'mod regolari iżda wara proċedura li la kienet trasparenti, la pubblika u lanqas waħda li setgħet tkun is-suġġett ta' azzjoni ġudizzjarja (iktar 'il quddiem it-"tieni ċirkustanza inkwistjoni").

[37] Skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni biss f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' dan id-dritt fi Stat Membru ġdid mid-data tal-adeżjoni ta' dan tal-aħħar mal-Unjoni. F'dan il-każ, minkejja li kienet tirrigwarda ċirkustanzi qabel l-adeżjoni tal-Polonja mal-Unjoni, id-domanda magħmula kellha bħala suġġett sitwazzjoni li ma pproduċietx l-effetti kollha tagħha qabel din id-data għaliex FO, maħtur imħallef qabel l-adeżjoni, kien fil-preżent imħallef u kien jeżerċita funzjonijiet li jikkorrispondu għal dan l-istatus.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li mhux kull żball li seta’ jseħħ matul il-proċedura ta’ ħatra ta’ mħallef kien tali li jqajjem dubju dwar l-indipendenza u l-imparzjalità ta’ dan l-imħallef.

F’dan il-każ, fir-rigward tal-ewwel ċirkustanza inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Qorti Kostituzzjonali ma kinitx tat deċiżjoni dwar l-indipendenza tal-KRS meta hija ddikjarat li l-kompożizzjoni ta’ dan il-korp, kif kienet teżisti fiż-żmien tal-ħatra taż-żewġ imħallfin minbarra FO fil-kulleġġ ġudikanti li ta s-sentenza appellata quddiem il-qorti tar-rinviju, kienet tmur kontra l-Kostituzzjoni. Din id-dikjarazzjoni ta’ nuqqas ta’ kostituzzjonalità ma setgħetx għalhekk, waħedha, twassal sabiex titqiegħed f’dubju l-indipendenza ta’ dan il-korp, u lanqas sabiex toħloq, f’moħħ il-partijiet f’kawża, dubji dwar l-indipendenza ta’ dawn l-imħallfin minn elementi esterni. Barra minn hekk, l-ebda element konkret tali li jissostanzja l-eżistenza ta’ tali dubji ma tressaq mill-qorti tar-rinviju f’dan is-sens.

L-istess konklużjoni kienet tapplika fir-rigward tas-sitwazzjoni tat-tieni ċirkustanza inkwistjoni. Fil-fatt, mid-deċiżjoni tar-rinviju ma kienx jirriżulta li l-KRS, hekk kif kien kompost wara t-tmiem tar-reġim mhux demokratiku Pollakk, ma kienx indipendenti mill-poter eżekuttiv u mill-poter leġiżlattiv.

F’dan l-isfond, dawn iż-żewġ ċirkustanzi ma kinux tali li jistabbilixxu ksur tar-regoli fundamentali applikabbli fil-qasam tal-ħatra tal-imħallfin. Għalhekk, peress li l-irregolaritajiet invokati ma kinux joħolqu riskju reali li l-poter eżekuttiv seta’ jeżerċita setgħa diskrezzjonali indebita li tipperikola l-integrità tar-riżultat li jwassal għalih il-proċess ta’ ħatra tal-imħallfin, id-dritt tal-Unjoni ma kienx jipprekludi li jiġi kklassifikat bħala qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita bil-liġi, kulleġġ ġudikanti li fih ikunu sedenti l-imħallfin ikkonċernati.

***Sentenza tad-9 ta’ Jannar 2024 (Awla Manja), G. et (Ħatra tal-imħallfin tal-qrati ordinarji fil-Polonja) (C-181/21 u C-269/21, EU:C:2024:1)***

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Possibbiltà għall-qorti tar-rinviju li tieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja – Neċessità tal-interpretazzjoni mitluba biex il-qorti tar-rinviju tkun tista’ tagħti s-sentenza tagħha – Indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – Kundizzjonijiet ta’ ħatra tal-imħallfin tal-qrati ordinarji – Possibbiltà li jitqiegħed inkwistjoni digriet li ta deċiżjoni definittiva dwar talba għall-għoti ta’ miżuri kawtelatorji – Possibbiltà li mħallef jiġi eskluż minn kulleġġ ġudikanti – Inammissibbiltà tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari”*

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li kienu inammissibbli żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qrati Pollakki, li kellhom dubji dwar il-konformità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti tagħhom, fil-kawżi prinċipali, mar-rekwiżiti inerenti għal qorti indipendenti u imparzjali, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni.

Fl-ewwel kawża (C-181/21), kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin fi ħdan is-Sąd Okręgowy w Katowicach (il-Qorti Reġjonali ta' Katowice, il-Polonja) inħatar biex jeżamina lment kontra digriet li kien ċaħad l-oppożizzjoni ta' konsumatur kontra ordni ta' ħlas. L-Imħallef Relatur inkarigat minn din il-kawża esprima dubji dwar jekk dan il-kulleġġ ġudikanti kienx jikkostitwixxi "qorti", fid-dawl taċ-ċirkustanzi li fihom seħħet il-ħatra tal-Imħallef A. Z. fil-Qorti Reġjonali ta' Katowice, li wkoll tagħmel parti mill-imsemmi kulleġġ ġudikanti. It-tħassib tiegħu kien jirrigwarda, b'mod partikolari, l-istatus u l-metodu ta' funzjonament tal-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja, iktar 'il quddiem il-"KRS" [38]), li jintervjeni f'tali proċedura ta' ħatra.

Fir-rigward tal-Kawża C-269/21, kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin sedenti fi ħdan is-Sąd Okręgowy w Krakowie (il-Qorti Reġjonali ta' Kraków, il-Polonja) eżamina l-ilment ta' bank kontra digriet li permezz tiegħu kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku fi ħdan din l-istess qorti kien laqa' talba għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji mressqa minn konsumaturi. Dan il-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin biddel id-digriet ikkontestat, ċaħad din it-talba fl-intier tagħha u reġa' bagħat lura l-kawża lill-kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku. Dan tal-aħħar kellu dubji dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti li ta deċiżjoni dwar l-ilment tal-bank u, sussegwentement, fir-rigward tal-validità tad-deċiżjoni tiegħu. Fil-fatt, il-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin kien jinkludi lill-Imħallef A. T., li kienet inħatret fil-Qorti Reġjonali ta' Kraków fl-2021, wara proċedura li kienet tinvolvi lill-KRS.

F'dan il-kuntest, l-Imħallef Relatur, fl-ewwel kawża, u l-kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku, fit-tieni kawża, iddeċidew li jressqu domandi preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għall-konstatazzjoni, essenzjalment, dwar jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari li fihom seħħew il-ħatriet tal-Imħallfin A. Z. u A. T., il-kulleġġi ġudikanti li fi ħdanhom kienu sedenti dawn l-imħallfin kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti inerenti għal qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, u jekk dan tal-aħħar [39] kienx jimponi li tali mħallfin jiġu esklużi *ex officio* milli jeżaminaw il-kawżi inkwistjoni.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li kemm mill-kliem kif ukoll mill-istruttura tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li l-proċedura għal deċiżjoni preliminari tippreżumi, b'mod partikolari, li tilwima tkun effettivament pendenti quddiem il-qrati nazzjonali, li fil-kuntest tagħha jkunu mitluba jagħtu deċiżjoni li tista' tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza dwar id-deċiżjoni preliminari [40].

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, għalkemm kull qorti għandha l-obbligu li tivverifika jekk, bil-kompożizzjoni tagħha, tkunx tikkostitwixxi qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens, b'mod partikolari, tat-tieni subparagrafu

---

[38] Fil-kompożizzjoni tiegħu ta' wara l-2018.

[39] L-Artikolu 2 u l-Artikolu 19(1) TUE, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

[40] Sentenza tat-22 ta' Marzu 2022 (Awla Manja), Prokurator Generalny *et* (Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema - Ħatra) (C-508/19, EU:C:2022:201, punt 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), ippreżentata f'din l-istess taqsima.

tal-Artikolu 19(1) TUE, meta jqum dubju serju fuq dan il-punt, xorta jibqa' l-fatt li l-ħtieġa, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, tal-interpretazzjoni preliminari mitluba mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja timplika li l-qorti tar-rinviju tkun tista', waħedha, tislet il-konsegwenzi ta' din l-interpretazzjoni billi tevalwa, fid-dawl tagħha, il-legalità tal-ħatra ta' mħallef ieħor tal-istess kulleġġ ġudikanti u, jekk ikun il-każ, billi tirrikuża lil dan tal-aħħar.

F'dan ir-rigward, dan ma kienx il-każ tal-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-181/21 peress li la mid-deċiżjoni tar-rinviju u lanqas mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma kien jirriżulta li, bis-saħħa tar-regoli tad-dritt nazzjonali, hija setgħet, waħedha, timxi b'dan il-mod. L-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni mitluba fil-Kawża C-181/21 għalhekk ma kinitx tissodisfa bżonn oġġettiv marbut ma' deċiżjoni li l-qorti tar-rinviju setgħet tieħu, waħedha, fil-kawża prinċipali.

Fir-rigward tal-Kawża C-269/21, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-qorti tar-rinviju nnifisha enfasizzat li d-digriet mogħti mill-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin li biddel id-deċiżjoni tagħha stess u li ċaħad it-talba għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji fformulata mill-konsumaturi kkonċernati ma kienx iżjed appellabbli u għaldaqstant kellu jitqies li kien definittiv skont id-dritt Pollakk. Issa, għalkemm invokat in-nuqqas ta' ċertezza legali madwar dan id-digriet minħabba dubji dwar il-legalità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti li tah, madankollu l-qorti tar-rinviju ma indikat ebda dispożizzjoni tad-dritt proċedurali Pollakk li kienet tagħtiha l-kompetenza biex tipproċedi, barra minn hekk, b'kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku, għal eżami tal-konformità, b'mod partikolari mad-dritt tal-Unjoni, ta' digriet definittiv mogħti fuq tali talba minn kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin. Barra minn hekk mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja kien jirriżulta li d-digriet mogħti mill-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin kien jorbot lill-qorti tar-rinviju u li din tal-aħħar la kienet kompetenti biex "tirrikuża" mħallef li jagħmel parti mill-kulleġġ ġudikanti li ta dan id-digriet u lanqas biex tqiegħed inkwistjoni dan id-digriet.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-269/21 ma kinitx kompetenti, bis-saħħa tar-regoli tad-dritt nazzjonali, biex tevalwa, fid-dawl, b'mod partikolari, tad-dritt tal-Unjoni, il-legalità tal-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin li ta d-digriet li jaqta' definittivament it-talba għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji u, b'mod partikolari, il-legalità tal-kundizzjonijiet ta' ħatra tal-Imħallef A. T., u biex tqiegħed dan id-digriet inkwistjoni, jekk ikun il-każ.

Fil-fatt, peress li t-talba għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ġiet miċħuda fl-intier tagħha, it-trattament ta' din it-talba ġie definittivament magħluq mill-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin. Għalhekk, id-domandi magħmula fil-Kawża C-269/21 kienu jirrigwardaw intrinsikament stadju tal-proċedura fil-kawża prinċipali li ġie definittivament magħluq u li kien distint mit-tilwima fuq il-mertu li waħedha kienet pendenti quddiem il-qorti tar-rinvju. Għaldaqstant dawn id-domandi ma kinux jikkorrispondu għal ħtieġa oġġettiva għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima iżda kienu intiżi li jiksbu mill-Qorti tal-Ġustizzja evalwazzjoni ġenerali, mhux konnessa mal-ħtiġijiet tal-imsemmija tilwima, dwar il-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin ordinarji fil-Polonja.

## 2. Etika professjonali

***Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442)***

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Indipendenza ġudizzjarja – Artikolu 267 TFUE – Possibbiltà li jsiru domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Kompetenzi fil-qasam ta' tneħħija tal-immunità kriminali tal-imħallfin u fil-qasam tad-dritt tax-xogħol, tas-sigurtà soċjali u tal-irtirar kmieni tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) mogħtija lill-Awla Dixxiplinari ta' dik il-qorti – Projbizzjoni għall-qrati nazzjonali li jikkontestaw il-leġittimità tal-qrati u tal-korpi kostituzzjonali jew li jikkonstataw jew jevalwaw il-legalità tal-ħatra tal-imħallfin jew tas-setgħat ġudizzjarji tagħhom – Verifika minn qorti tal-osservanza ta' ċerti rekwiżiti dwar l-eżistenza ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi meqjusa bħala 'reat dixxiplinari' – Kompetenza esklużiva sabiex jiġu eżaminati l-kwistjonijiet relatati mal-assenza ta' indipendenza ta' qorti jew ta' mħallef mogħtija lill-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) – Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Il-punti (c) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1), u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(3) – Artikolu 9(1) – Data sensittiva – Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq l-imħallfin l-obbligu li jagħmlu dikjarazzjoni dwar is-sħubija tagħhom f'assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet jew partiti politiċi, kif ukoll dwar il-funzjonijiet eżerċitati fihom, u li tipprevedi t-tqegħid online tad-data li tinsab f'dawn id-dikjarazzjonijiet"*

Fl-2017 ġew stabbiliti żewġ awli ġodda fi ħdan is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), jiġifieri l-Izba Dyscyplinarna (l-Awla Dixxiplinari) u l-Izba Kontroli Nadzwyczajnej i Spraw Publicznych (l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi).

Permezz ta' liġi tal-20 ta' Diċembru 2019 li emendat il-Liġi dwar il-Qorti Suprema, li daħlet fis-seħħ fl-2020, dawn iż-żewġ awli ngħataw kompetenzi ġodda, b'mod partikolari, sabiex jawtorizzaw il-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra mħallfin jew it-tpoġġija tagħhom f'detenzjoni provviżorja [41]. Min-naħa tagħha, l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi ngħatat kompetenza esklużiva sabiex teżamina l-ilmenti u l-kwistjonijiet ta' liġi dwar l-indipendenza ta' qorti jew ta' mħallef [42]. Barra minn hekk, skont din il-Liġi Emendatorja, il-Qorti Suprema, inkluż din l-aħħar awla, kienet ipprojbita milli tikkontesta l-leġittimità tal-qrati, tal-korpi kostituzzjonali tal-Istat u tal-korpi ta'

[41] Il-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, Artikolu 27(1).

[42] Għalhekk, l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi kellha kompetenza, b'mod partikolari, fil-qasam ta' rikuża tal-imħallfin jew tal-ilmenti bbażati fuq l-assenza ta' indipendenza ta' qorti jew ta' mħallef, kif ukoll sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikorsi intiżi sabiex tiġi kkonstatata l-illegalità ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji meta din tkun tikkonsisti fil-kontestazzjoni tal-istatus tal-persuna maħtura fil-kariga ta' mħallef li ddeċieda fil-kawża (il-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, Artikolu 26(2) sa (6)). Hija kellha wkoll kompetenza esklużiva sabiex teżamina l-kwistjonijiet ta' liġi dwar l-indipendenza ta' qorti jew ta' mħallef li jqumu quddiem il-Qorti Suprema (il-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, Artikolu 82(2) sa (5)).

stħarriġ u ta' protezzjoni tad-dritt u milli tikkonstata u tevalwa l-legalità tal-ħatra ta' mħallef [43]. L-imsemmija liġi għamlet ukoll preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett ta' nuqqas dixxiplinari tal-imħallfin [44].

Din l-istess Liġi Emendatorja emendat ukoll il-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, billi daħħlet fiha dispożizzjonijiet analogi għal dawk li emendaw il-Liġi dwar il-Qorti Suprema [45]. Din stabbilixxiet ukoll is-sistema applikabbli għal eventwali proċeduri kriminali mibdija fil-konfront tal-imħallfin tal-qrati ordinarji [46]. Barra minn hekk, din imponiet fuqhom, kif ukoll fuq l-imħallfin tal-Qorti Suprema, obbligi ta' dikjarazzjoni fil-qasam ta' sħubija f'assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru u partiti politiċi, inkluż għal perijodi preċedenti għad-dħul fil-funzjonijiet tagħhom, u kienet tipprevedi l-pubblikazzjoni online ta' din l-informazzjoni [47]. Numru kbir ta' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda kienu japplikaw ukoll għall-qrati amministrattivi [48].

Billi qieset li, bl-adozzjoni ta' dawn ir-regoli l-ġodda, il-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni [49], il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 258 TFUE.

Fis-sentenza mogħtija f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħet ir-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni. Hija kkonstatat li dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali ġodda kienu jippreġudikaw l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura ggarantita mid-dispożizzjonijiet magħquda tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u kienu jiksru, barra minn hekk, minn naħa, l-obbligi imposti fuq il-qrati nazzjonali fil-kuntest tal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari u, min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni. Barra

---

43 Il-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, Artikolu 29(2) u (3).

44 Imħallef tal-Qorti Suprema kien responsabbli, fil-livell dixxiplinari, għal ksur ta' obbligi professjonali tiegħu, b'mod partikolari, fil-każ ta' ksur manifest u flagranti tal-liġi, ta' atti jew ommissjonijiet ta' tali tip li jipprevjenu jew jimminaw serjament il-funzjonament ta' awtorità ġudizzjarja jew atti li jpoġġu f'dubju l-eżistenza tar-relazzjoni ta' xogħol ta' mħallef, l-effettività tal-ħatra ta' mħallef jew il-leġittimità ta' korp kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Polonja (il-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, Artikolu 72(1)).

45 Għalhekk, l-Artikolu 42a tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji kien jirrepeti t-test tal-Artikolu 29(2) u (3) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, filwaqt li l-Artikolu 107(1) tagħha kien jirrepeti t-test tal-Artikolu 72(1) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema. (ara iktar 'il fuq).

46 Ara l-Artikoli 80 u 129(1) sa (3) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji.

47 L-Artikolu 88a tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji kien jippreċiża, fil-paragrafi 1 u 4 tiegħu, li:
"1. Imħallef għandu jkun meħtieġ li jissottometti dikjarazzjoni bil-miktub li ssemmi:
1) is-sħubija tiegħu f'assoċjazzjoni, inkluż l-isem u l-uffiċċju reġistrat tal-assoċjazzjoni, il-karigi miżmuma u l-perijodu tas-sħubija;
2) il-pożizzjoni miżmuma fi ħdan korp ta' fondazzjoni mingħajr skop ta' lukru, inkluż l-isem u l-uffiċċju reġistrat tal-fondazzjoni u l-perijodu li matulu nżammet il-pożizzjoni;
3) is-sħubija tiegħu f'partit politiku qabel il-ħatra tiegħu għal kariga ta' mħallef u s-sħubija tiegħu f'partit politiku matul il-mandat tiegħu qabel id-29 ta' Diċembru 1989, inkluż l-isem tal-partit, il-karigi miżmuma u l-perijodu tas-sħubija.
[…]
4. L-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun pubblika u tkun disponibbli fil-[Biuletyn Informacji Publicznej (il-Bullettin ta' Informazzjoni Pubblika)] […]. "
Fir-rigward tal-imħallfin tal-Qorti Suprema, ara l-Artikolu 45(3) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema.

48 Ara b'mod partikolari l-Artikolu 5(1a) u (1b), l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 29(1) u l-Artikolu 49(1) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Amministrattivi.

49 Il-Kummissjoni qieset li l-Polonja kienet naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – li jipprevedi l-obbligu, għall-Istati Membri, li jistabbilixxu r-rimedji ġudizzjarji neċessarji sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni –, skont l-Artikolu 47 tal-Karta – dwar id-dritt għal rimedju effettiv u ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi -, skont it-tieni u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE – li jipprevedi l-possibbiltà (it-tieni subparagrafu), għal ċerti qrati nazzjonali, u l-obbligu (it-tielet paragrafu), għal oħrajn, li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari –, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta u tal-punti (c) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1), l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 9(1) tal-GDPR, dwar id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu mekkaniżmi ta' dikjarazzjoni għall-imħallfin u l-pubblikazzjoni online tad-data miġbura b'dan il-mod kienu jiksru d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali stabbiliti mill-Karta u mill-GDPR.

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni fuq l-ilmenti mqajma mill-Kummissjoni dwar l-istanzi ta' ksur tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Unjoni hija bbażata fuq valuri li huma komuni għall-Istati Membri [50] u li l-osservanza ta' dawn il-valuri tikkostitwixxi prekundizzjoni għall-adeżjoni mal-Unjoni [51]. L-Unjoni tiġbor għalhekk fi ħdanha Stati li jkunu aderixxew liberament u volontarjament għall-imsemmija valuri, u l-osservanza u l-promozzjoni tagħhom tikkostitwixxi l-premessa fundamentali tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. L-osservanza ta' dawn il-valuri minn Stat Membru tikkostitwixxi għalhekk kundizzjoni għat-tgawdija tad-drittijiet kollha li joħorġu mill-applikazzjoni tat-Trattati għal dan l-Istat Membru u ma għandhiex tiġi ridotta għal obbligu li għandu jiġi osservat minn Stat kandidat sabiex jaderixxi mal-Unjoni u li huwa jista' ma jkomplix josserva wara l-adeżjoni tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-Artikolu 19 TUE jikkonkretizza l-valur tal-Istat tad-dritt affermat fl-Artikolu 2 TUE [52] u pprevediet li kienu l-Istati Membri li kellhom jipprevedu sistema ta' rimedji ġudizzjarji u ta' proċeduri li jiżguraw lill-partijiet f'kawża r-rispett tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżiti li joħorġu mill-osservanza ta' valuri u prinċipji bħall-Istat tad-dritt, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva u l-indipendenza ġudizzjarja ma jistgħux jaffettwaw l-identità nazzjonali ta' Stat Membru, fis-sens tal-Artikolu 4(2) TUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, għalhekk, li, fl-għażla tal-mudell kostituzzjonali rispettiv tagħhom, l-Istati Membri huma obbligati jikkonformaw mar-rekwiżit ta' indipendenza ġudizzjarja li joħroġ mill-Artikolu 2 u mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u li għalhekk b'mod partikolari huma obbligati li jiżguraw li tiġi evitata kull rigressjoni, fir-rigward tal-valur tal-Istat tad-dritt, tal-leġiżlazzjoni tagħhom fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ġustizzja, billi jastjenu, b'mod partikolari, milli jadottaw regoli li jippreġudikaw l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, f'dan ir-rigward, li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, kien jimponi fuq l-Istati Membri obbligu ta' riżultat ċar u preċiż u mingħajr ebda kundizzjoni, b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati mitluba biex jinterpretaw u japplikaw id-dritt tal-Unjoni u r-rekwiżit li dawn ikunu stabbiliti minn qabel bil-liġi, u

[50] Artikolu 2 TUE
[51] Artikolu 49 TUE
[52] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 32) ippreżentata fit-Taqsima II. 3., intitolata "Remunerazzjoni".

kien igawdi minn effett dirett li jimplika, konformement mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, li titħalla mhux applikata kwalunkwe dispożizzjoni, ġurisprudenza jew prattika nazzjonali kuntrarja għal dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni, hija għaldaqstant, jekk ikun il-każ, il-qorti kostituzzjonali nazzjonali kkonċernata li jkollha temenda l-ġurisprudenza rispettiva tagħha li tkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li kellha ġurisdizzjoni sabiex teżamina l-ilmenti mqajma mill-Kummissjoni.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-portata tal-ilmenti mqajma mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, permezz tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet li kienu jimponu fuq l-imħallfin obbligu ta' komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom fi ħdan assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru, kif ukoll dwar is-sħubija tagħhom f'partit politiku, qabel il-ħatra tagħhom, u billi kienu jipprevedu l-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni [53], il-Polonja kisret id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ggarantiti mill-Karta [54] kif ukoll mill-GDPR [55].

F'dan ir-rigward, wara li kkonkludiet li l-GDPR kien applikabbli f'dan il-każ, u b'mod iżjed speċifiku l-punti (c) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-għanijiet mogħtija mill-Polonja insostenn tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni u li kienu jikkonsistu fit-tnaqqis tar-riskju li l-imħallfin ikunu jistgħu jiġu influwenzati, fl-eżerċizzju tal-karigi tagħhom, minn kunsiderazzjonijiet dwar interessi privati jew politiċi, kif ukoll fit-tisħiħ tal-fiduċja tal-partijiet f'kawża dwar l-eżistenza ta' tali imparzjalità kienu jaqgħu taħt għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, jew għan ta' interess pubbliku leġittimu, fis-sens tal-GDPR [56]. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, madankollu, li, għalkemm tali għan seta' għaldaqstant jawtorizza limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, dan kien biss il-każ madankollu, b'mod partikolari, meta dawn il-limitazzjonijiet ikunu effettivament jissodisfaw tali għan u jkunu proporzjonali għalih.

Fl-eżami tan-natura neċessarja tal-miżuri inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Polonja ma ppreżentatx spjegazzjonijiet ċari u konkreti li jindikaw għal liema raġunijiet il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sħubija ta' mħallef f'partit politiku qabel il-ħatra tiegħu u matul l-eżerċizzju tal-mandat tiegħu ta' mħallef qabel id-29 ta' Diċembru 1989 kienet ta' natura li setgħet tikkontribwixxi attwalment għat-tisħiħ tad-dritt tal-partijiet f'kawża sabiex il-kawża tagħhom tinstema' minn qorti li tissodisfa r-rekwiżit ta' imparzjalità. Fid-dawl tal-kuntest partikolari li ġew adottati fih il-Liġi Emendatorja u l-

[53] Artikolu 88a tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji, Artikolu 45(3) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema kif ukoll Artikolu 8(2) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Amministrattivi.
[54] Artikolu 7 u Artikolu 8(1) tal-Karta.
[55] Il-punti (c) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1), Artikolu 6(3) u Artikolu 9(1) tal-GDPR.
[56] Fis-sens tal-Artikolu 6(3) u tal-Artikolu 9(2)(g) tal-GDPR.

imsemmija miżuri, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, barra minn hekk, li dawn il-miżuri ġew, fir-realtà, adottati, b'mod partikolari, sabiex issir ħsara għar-reputazzjoni professjonali tal-imħallfin ikkonċernati u għall-perċezzjoni li l-partijiet f'kawża jkollhom tagħhom. Għaldaqstant, l-imsemmija miżuri ma kinux xierqa sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu allegat f'dan il-każ.

Fir-rigward tal-informazzjoni l-oħra, dwar is-sħubija attwali jew fil-passat tal-imħallfin f'assoċjazzjoni jew f'fondazzjoni mingħajr skop ta' lukru, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma setax jiġi eskluż, *a priori*, li t-tqegħid online ta' tali informazzjoni kien jikkontribwixxi għall-iżvelar tal-eżistenza ta' kunflitti ta' interess potenzjali li setgħu jinfluwenzaw l-eżerċizzju imparzjali mill-imħallfin tal-funzjonijiet tagħhom fl-ipproċessar ta' kawżi partikolari, u li tali trasparenza setgħet, barra minn hekk, tikkontribwixxi, b'mod iżjed ġenerali, għat-tisħiħ tal-fiduċja tal-partijiet f'kawża f'din l-imparzjalità u fil-ġustizzja. Hija rrilevat, madankollu, minn naħa, li, f'dan il-każ, id-data personali kkonċernata kienet tirrigwarda b'mod partikolari perijodi preċedenti għad-data li minnha mħallef kien obbligat li jagħmel id-dikjarazzjoni meħtieġa. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fl-assenza ta' limitazzjoni *ratione temporis* fir-rigward tal-perijodi preċedenti kkonċernati, ma setax jitqies li l-miżuri inkwistjoni kienu limitati għal dak li kien strettament neċessarju sabiex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tad-dritt tal-partijiet f'kawża li l-kawża tagħhom tinstema' minn qorti li tkun tissodisfa r-rekwiżit ta' imparzjalità. Min-naħa l-oħra, u fir-rigward tal-ibbilanċjar li kellu jsir bejn l-għan ta' interess ġenerali mfittex u d-drittijiet inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, qabelxejn, li t-tqegħid online tal-informazzjoni personali inkwistjoni setgħet, skont l-għan tal-assoċjazzjonijiet jew tal-fondazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru kkonċernati, tiżvela informazzjoni fuq ċerti aspetti sensittivi tal-ħajja privata tal-imħallfin ikkonċernati, b'mod partikolari l-konvinzjonijiet reliġjużi jew filosofiċi ta' dawn tal-aħħar. Hija osservat, sussegwentement, li l-ipproċessar tad-data personali inkwistjoni kien iwassal sabiex din id-data ssir liberament aċċessibbli fuq l-internet għall-pubbliku inġenerali u, għalhekk, għal numru potenzjalment illimitat ta' persuni. Fl-aħħar nett, hija rrilevat li, fil-kuntest partikolari li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kkontestati ġew adottati fih, it-tqegħid online ta' din id-data setgħet tesponi lill-imħallfin ikkonċernati għal riskji ta' stigma indebita, li taffettwa b'mod inġustifikat il-perċezzjoni li jkollhom tagħhom kemm il-partijiet f'kawża kif ukoll il-pubbliku inġenerali, kif ukoll għar-riskju li l-iżvilupp tal-karriera tagħhom jiġi ostakolat b'mod indebitu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li pproċessar tad-data personali bħal dak inkwistjoni kien jikkostitwixxi indħil partikolarment gravi fid-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom u għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom.

Filwaqt li wettqet, għalhekk, l-ibbilanċjar tal-gravità ta' dan l-indħil mal-importanza tal-għan ta' interess ġenerali allegat, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fid-dawl tal-kuntest nazzjonali ġenerali u speċifiku tal-adozzjoni tal-miżuri inkwistjoni u tal-konsegwenzi partikolarment gravi li setgħu joħorġu minnu għall-imħallfin ikkonċernati, ir-riżultat ta' dan l-ibbilanċjar ma kienx ekwilibrat. B'paragun mal-istatus *quo ante* riżultanti mill-qafas ġuridiku nazzjonali preeżistenti, it-tqegħid online tad-data personali kkonċernata kienet

tirrappreżenta, fil-fatt, indħil potenzjalment kunsiderevoli fid-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikolu 7 u fl-Artikolu 8(1) tal-Karta, mingħajr ma dan l-indħil seta' jkun, f'dan il-każ, iġġustifikat mill-benefiċċji eventwali li setgħu jirriżultaw minnu f'termini ta' prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess tal-imħallfin u ta' żieda tal-fiduċja fl-imparzjalità ta' dawn tal-aħħar.

## 3. Remunerazzjoni

***Sentenza tas-27 ta' Frar 2018 (Awla Manja), Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 19(1) TUE – Rimedji ġudizzjarji – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Indipendenza ġudizzjarja – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 47 – Tnaqqis tar-remunerazzjonijiet fis-servizz pubbliku nazzjonali – Miżuri ta' awsterità baġitarja"*

Il-leġiżlatur Portugiż naqqas, mix-xahar ta' Ottubru 2014 u temporanjament, l-ammont tar-remunerazzjoni ta' sensiela ta' persuni f'karigi u ta' persuni li jeżerċitaw funzjonijiet fis-settur pubbliku, fosthom l-imħallfin tat-Tribunal de Contas (il-Qorti tal-Awdituri, il-Portugall). Liġi tal-2015, skont proċess progressiv, temmet, b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, dawn il-miżuri ta' tnaqqis.

L-Associação Sindical dos Juízes Portugueses (l-Assoċjazzjoni sindakali tal-imħallfin Portugiżi, iktar 'il-quddiem l-"ASJP"), li kienet taġixxi f'isem il-membri ta' din il-qorti, ippreżentat rikors quddiem is-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall) kontra dawn il-miżuri baġitarji. L-ASJP qieset li l-miżuri ta' tnaqqis tas-salarji kienu jiksru l-"prinċipju ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura", stabbilit mhux biss mill-Kostituzzjoni Portugiża, iżda wkoll mid-dritt tal-Unjoni.

Skont il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-miżuri ta' tnaqqis temporanju tal-ammont tar-remunerazzjonijiet tas-settur pubbliku kienu bbażati fuq rekwiżiti ta' tnaqqis tad-defiċit eċċessiv tal-baġit tal-Istat Portugiż imposti fuq il-Gvern Portugiż mill-Unjoni inkambju, b'mod partikolari, għal assistenza finanzjarja lil dan l-Istat Membru. Madankollu, il-Qorti Amministrattiva Suprema nnotat li l-Istat Portugiż kien ukoll obbligat li josserva l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, inkluż dak ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura, applikabbli kemm għall-qrati tal-Unjoni kif ukoll għall-qrati nazzjonali. Fil-fatt, skont il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li jirriżultaw mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kienet żgurata, prinċipalment, mill-qrati nazzjonali. Dawn kienu mitluba jimplimentaw din il-protezzjoni b'osservanza tal-prinċipji ta' indipendenza u ta' imparzjalità. Il-qorti tar-rinviju enfasizzat, f'dan ir-rigward, li l-indipendenza tal-korpi ġudizzjarji kienet tiddependi fuq il-garanziji marbuta mal-istatus tal-membri tagħhom, inkluż f'termini ta' remunerazzjoni. Għalhekk, hija staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-prinċipju ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura kienx jipprekludi l-applikazzjoni ta' miżuri ġenerali ta' tnaqqis tas-salarji fuq membri tal-ġudikatura ta' Stat

Membru, meta tali miżuri jkunu, bħal f'dan il-każ, marbuta ma' restrizzjonijiet li jeliminaw defiċit baġitarju eċċessiv kif ukoll ma' programm ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, bdiet billi enfasizzat li l-Artikolu 19 TUE, li jikkonkretizza l-valur tal-Istat tad-dritt affermat fl-Artikolu 2 TUE, jafda l-kompitu li jiġi żgurat l-istħarriġ ġudizzjarju fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni mhux biss f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja, iżda wkoll f'idejn il-qrati nazzjonali. Hija fakkret, f'dan ir-rigward, li l-eżistenza stess ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv intiż li jiżgura l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni hija inerenti għall-eżistenza tal-Istat tad-dritt. Għaldaqstant, kull Stat Membru kellu jiżgura li l-istanzi li, bħala "qorti" fis-sens iddefinit mid-dritt tal-Unjoni, jagħmlu parti mis-sistema tiegħu ta' rimedji fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. B'hekk, peress li l-Qorti tal-Awdituri, fil-kwalità tagħha ta' qorti, setgħet tagħti deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Portugall kellu jiggarantixxi li din l-istanza tissodisfa r-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, sabiex tiġi ggarantita din il-protezzjoni, iż-żamma tal-indipendenza ta' tali istanza hija primordjali, kif ikkonfermat mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jsemmi l-aċċess għal qorti "indipendenti" fost ir-rekwiżiti marbuta mad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv. Fil-fatt, il-garanzija ta' indipendenza ma hijiex meħtieġa biss fil-livell tal-Unjoni iżda wkoll fil-livell tal-Istati Membri, fir-rigward tal-qrati nazzjonali. Dan il-kunċett ta' indipendenza jeżiġi, b'mod partikolari, li l-istanza kkonċernata teżerċita l-funzjonijiet ġudizzjarji tagħha b'awtonomija sħiħa, mingħajr ma tkun suġġetta għal ebda rabta ġerarkika jew ta' subordinazzjoni fir-rigward ta' jkun min ikun u mingħajr ma tirċievi ordnijiet jew istruzzjonijiet minn kwalunkwe sors, u li din l-istanza tkun protetta minn interventi jew minn pressjonijiet esterni li jkunu jistgħu jippreġudikaw l-indipendenza tal-ġudizzju tal-membri tagħha u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li dawn il-membri jirċievu livell ta' remunerazzjoni li jirrifletti l-importanza tal-funzjonijiet li jeżerċitaw jikkostitwixxi garanzija inerenti għall-indipendenza tal-qrati.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-miżuri ta' tnaqqis tas-salarju inkwistjoni ma kinux applikati biss għall-membri tal-Qorti tal-Awdituri u għalhekk kienu jagħmlu parti minn miżuri ġenerali maħsuba sabiex għadd ta' membri tas-servizz pubbliku nazzjonali jikkontribwixxu fl-isforz ta' awsterità. Barra minn hekk, dawn il-miżuri kienu ta' natura temporanja u twaqqfu b'mod definittiv fl-1 ta' Ottubru 2016. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE ma kienx jipprekludi l-applikazzjoni ta' miżuri ġenerali ta' tnaqqis tas-salarju, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, marbuta ma' restrizzjonijiet sabiex jiġi eliminat defiċit baġitarju eċċessiv kif ukoll ma' programm ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni.

## 4. Delega

***Sentenza tas-16 ta' Novembru 2021 (Awla Manja), Prokuratura Rejonowa w Mińsku Mazowieckim et (C-748/19 sa C-754/19, [EU:C:2021:931](EU:C:2021:931))***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Stat tad-Dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-possibbiltà għall-Ministru għall-Ġustizzja li jikkolloka mħallfin fi ħdan qrati ta' grad superjuri u li jirrevoka dawn il-kollokamenti – Kulleġġi ġudikanti f'kawżi kriminali li jinkludu mħallfin ikkollokati mill-Ministru għall-Ġustizzja – Direttiva (UE) 2016/343 – Preżunzjoni ta' innoċenza"*

Fil-kuntest ta' seba' kawżi kriminali pendenti quddiemha, is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja) kellha dubju dwar il-konformità, mad-dritt tal-Unjoni, tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti mitluba jagħtu deċiżjoni dwar dawn il-kawżi, fid-dawl tal-preżenza, f'dawn il-kulleġġi, ta' mħallef ikkollokat bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja skont il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji [57].

Skont din il-qorti, bis-saħħa tar-regoli Pollakki dwar il-kollokament ta' mħallfin, il-Ministru għall-Ġustizzja seta' jassenja mħallef permezz ta' kollokament lil qorti kriminali ta' grad superjuri abbażi ta' kriterji li ma jkunux magħrufa uffiċjalment, u mingħajr ma d-deċiżjoni ta' kollokament setgħet tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju. Barra minn hekk, huwa seta' jirrevoka dan il-kollokament f'kull mument mingħajr ma tali revoka tkun suġġetta għal kriterji ddefiniti minn qabel fid-dritt u mingħajr ma jkollha għalfejn tkun motivata.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità tar-regoli ċċitati iktar 'il fuq mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE [58] u dwar jekk dawn ir-regoli kinux jippreġudikaw il-preżunzjoni ta' innoċenza applikabbli għall-proċeduri kriminali, li jirriżultaw b'mod partikolari mid-Direttiva 2016/343.

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 2 TUE, kif ukoll id-Direttiva 2016/343 [59] jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprovdu li l-Ministru għall-Ġustizzja ta' Stat Membru jkun jista', abbażi ta' kriterji li ma jsirux pubbliċi, minn naħa, jikkolloka mħallef fi ħdan qorti kriminali ta' grad superjuri għal żmien determinat jew indeterminat u, min-naħa l-oħra, f'kull mument u permezz ta' deċiżjoni li ma tkunx motivata, jirrevoka dan il-kollokament, indipendentement minn jekk l-imsemmi kollokament ikunx għal żmien determinat jew indeterminat.

---

[57] Ustawa Prawo o ustroju sądów powszechnych (il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji), tas-27 ta' Lulju 2001, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (Dz. U. tal-2019, intestatura 52).

[58] Skont din id-dispożizzjoni, "[l-]Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni".

[59] Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva 2016/343.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-qrati ordinarji Pollakki, li minnhom kienet tagħmel parti l-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, kienu jagħmlu parti mis-sistema Pollakka ta' rimedji fl-"oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni", fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. Sabiex tali qrati jkunu jistgħu jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva meħtieġa minn din id-dispożizzjoni, il-ħarsien tal-indipendenza tagħhom kien primordjali. L-osservanza ta' dan ir-rekwiżit ta' indipendenza kienet timponi b'mod partikolari li r-regoli dwar il-kollokament ta' mħallfin jagħtu l-garanziji neċessarji sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju li dan il-kollokament jintuża bħala mezz ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għalkemm il-fatt li l-Ministru għall-Ġustizzja seta' jikkolloka mħallfin biss bil-kunsens tagħhom kien jikkostitwixxi protezzjoni proċedurali importanti, kienet teżisti madankollu sensiela ta' elementi li, skont il-qorti tar-rinviju, kienu jawtorizzaw lil dan il-Ministru jinfluwenza lil dawn l-imħallfin, u setgħu jqajmu dubji dwar l-indipendenza tagħhom. Filwaqt li analizzat dawn id-diversi elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat l-ewwel nett li, sabiex jiġu evitati l-arbitrarjetà u r-riskju ta' manipulazzjoni, id-deċiżjoni dwar il-kollokament ta' mħallef u dik li ttemmu kellhom jittieħdu abbażi ta' kriterji magħrufa minn qabel u kellhom ikunu debitament motivati. Barra minn hekk, peress li r-revoka tal-kollokament ta' mħallef mingħajr il-kunsens tiegħu seta' jkollha, għal dan tal-aħħar, effetti analogi għal dawk ta' sanzjoni dixxiplinari, tali miżura kellha tkun tista' tiġi kkontestata quddiem qorti skont proċedura li tiggarantixxi b'mod sħiħ id-drittijiet tad-difiża. Barra minn hekk, filwaqt li rrilevat li l-Ministru għall-Ġustizzja kellu wkoll il-funzjoni ta' prosekutur ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li huwa għalhekk ikollu, f'kawża kriminali partikolari, setgħa kemm fuq il-prosekutur tad-dritt ordinarju kif ukoll fuq l-imħallfin ikkollokati, b'tali mod li setgħu jitqajmu dubji leġittimi f'moħħ il-partijiet fil-kawża dwar l-imparzjalità tal-imsemmija mħallfin ikkollokati. Fl-aħħar nett, imħallfin ikkollokati fi ħdan kulleġġi ġudikanti mitluba jagħtu deċiżjoni fit-tilwimiet fil-kawżi prinċipali kellhom ukoll il-funzjonijiet ta' assistenti tal-uffiċjal dixxiplinari tal-imħallfin tal-qrati ordinarji, li kien il-korp inkarigat jinvestiga l-proċeduri dixxiplinari mibdija kontra mħallfin. Issa, il-kumulu ta' dawn iż-żewġ funzjonijiet, f'kuntest fejn l-assistenti tal-uffiċjal dixxiplinari tal-qrati ordinarji kienu jinħatru wkoll mill-Ministru għall-Ġustizzja, kien tali li jqajjem dubji leġittimi f'moħħ il-partijiet fil-kawża fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-membri l-oħra tal-kulleġġi ġudikanti kkonċernati fil-konfront ta' elementi esterni.

Ikkunsidrati flimkien, dawn id-diversi ċirkustanzi kienu, bla ħsara għall-evalwazzjonijiet finali li kellha tagħmel il-qorti tar-rinviju, tali li setgħu jwasslu għall-konklużjoni li l-Ministru għall-Ġustizzja kellu, abbażi ta' kriterji li ma kinux magħrufa, is-setgħa li jikkolloka mħallfin fi ħdan qrati ta' grad superjuri u li jtemm il-kollokament tagħhom, mingħajr ma jkollu għalfejn jagħti motivazzjoni għal din id-deċiżjoni, bl-effett li, matul il-perijodu li matulu dawn l-imħallfin ikunu kkollokati, huma ma jkunux jibbenefikaw mill-garanziji u mill-indipendenza li kull imħallef għandu normalment jibbenefika minnhom fi Stat tad-dritt. Tali setgħa ma setgħetx titqies li kienet kompatibbli mal-obbligu ta' osservanza tar-rekwiżit ta' indipendenza.

## 5. Trasferiment

***Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021 (Awla Manja), W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra) (C-487/19, EU:C:2021:798)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Prinċipji ta' impediment ta' tneħħija u ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – Trasferiment mingħajr kunsens ta' mħallef ta' qorti ordinarja – Rikors – Digriet ta' inammissibbiltà adottat minn imħallef tas-Sąd Najwyższy (Izba Kontroli Nadzwyczajnej i Spraw Publicznych) (il-Qorti Suprema (l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi), il-Polonja) – Imħallef maħtur mill-President tar-Repubblika tal-Polonja abbażi ta' riżoluzzjoni mogħtija mill-Kunsill Nazzjonali tal-Maġistratura minkejja deċiżjoni ġudizzjarja li tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni sakemm tingħata sentenza dwar deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja – Imħallef li ma jikkostitwixxix qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Possibbiltà li tali digriet ta' inammissibbiltà jiġi kkunsidrat li huwa ineżistenti"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [60], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li qorti ordinarja bħalma kienet qorti reġjonali Pollakka tagħmel parti mis-sistema Pollakka ta' rimedji ġudizzjarji fl-"oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni", fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. Sabiex tali qorti tkun tista' tiżgura l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva meħtieġa minn din id-dispożizzjoni, il-ħarsien tal-indipendenza tagħha kien primordjali. Issa, trasferiment ta' mħallef mingħajr il-kunsens tiegħu seta' potenzjalment ikun ta' natura li jippreġudika l-prinċipji ta' inamovibbiltà u ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura. Fil-fatt, dan seta' jaffettwa l-portata tas-setgħat tal-maġistrat ikkonċernat u l-ipproċessar tal-proċessi fdati lilu, kif ukoll ikollu konsegwenzi sinjifikattivi fuq il-ħajja u l-karriera tiegħu; dan seta', għalhekk, jikkostitwixxi mezz sabiex jiġi eżerċitat kontroll fuq il-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u jkollu effetti analogi għal dawk ta' sanzjoni dixxiplinari. Għaldaqstant, ir-rekwiżit ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura jeżiġi li s-sistema applikabbli għat-trasferimenti tal-membri tal-ġudikatura mingħajr il-kunsens tagħhom toffri l-garanziji meħtieġa sabiex jiġi evitat kull riskju li din l-indipendenza tiġi pperikolata permezz ta' interventi esterni diretti jew indiretti. Tali miżuri ta' trasferiment, li jistgħu jiġu deċiżi biss għal raġunijiet leġittimi marbuta b'mod partikolari mat-tqassim tar-riżorsi disponibbli, għandhom għalhekk ikunu jistgħu jiġu kkontestati b'mod ġudizzjarju, skont proċedura li tiggarantixxi b'mod sħiħ id-drittijiet tad-difiża.

[60] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II. 1., intitolat "Ħatra".

## 6. Promozzjoni

***Sentenza tas-7 ta' Settembru 2023 (L-Ewwel Awla), Asociahebia "Forumul Judecătorilor din România" (C-216/21, EU:C:2023:628)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Deċiżjoni 2006/928/KE – Mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni – Artikolu 2 TUE – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Stat tad-dritt – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 47 – Indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – Leġiżlazzjoni nazzjonali li timmodifika s-sistema ta' promozzjoni tal-membri tal-ġudikatura"*

Fl-2019, il-Consiliul Superior al Magistraturii (il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, ir-Rumanija) (iktar 'il quddiem il-"KSM") approva riforma tal-proċedura ta' promozzjoni tal-imħallfin għall-qrati superjuri. L-assoċjazzjoni "Forum tal-Membri tal-Ġudikatura tar-Rumanija" u individwu kkontestaw din ir-riforma quddiem il-Curtea de Apel Ploiereuhti (il-Qorti tal-Appell ta' Ploiești, ir-Rumanija).

Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostnew li s-sostituzzjoni tal-eżamijiet bil-miktub preċedenti b'evalwazzjoni tax-xogħol u tal-kondotta tal-kandidati mill-President u mill-membri tal-qorti superjuri kkonċernata kienet tagħmel is-sistema ta' promozzjoni suġġettiva u diskrezzjonali. Il-Qorti tal-Appell ta' Ploiești staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' tali riforma mal-prinċipju ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-sistema ta' promozzjoni tal-imħallfin għandha tiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li d-dritt tal-Unjoni ma kienx jipprekludi, bħala prinċipju, li l-promozzjoni ta' mħallfin għal qorti superjuri tkun ibbażata fuq evalwazzjoni tax-xogħol tagħhom u tal-kondotta tagħhom minn kummissjoni komposta mill-President u mill-membri ta' din il-qorti superjuri. Madankollu, il-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali li jirregolaw l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' promozzjoni għandhom ikunu tali li ma jkunux jistgħu joħolqu, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dubji leġittimi dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallfin ikkonċernati, ladarba l-persuni kkonċernati jkunu ġew promossi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-proċedura ta' promozzjoni tal-imħallfin fil-kariga fil-qrati inferjuri fir-Rumanija kienet strutturata f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi, li kienet tippermetti promozzjoni "fuq il-post", mingħajr ma tinbidel l-assenjazzjoni, kienet ibbażata fuq kompetizzjoni bil-miktub intiża li tevalwa kemm il-konoxxenzi teoretiċi kif ukoll il-kompetenzi prattiċi tal-kandidati. It-tieni fażi, imsejħa ta' "promozzjoni effettiva", kienet tippermetti lill-kandidati diġà promossi "fuq il-post" li jiġu effettivament assenjati lil qorti superjuri.

Kien biss fil-kuntest ta’ din it-tieni fażi li l-evalwazzjoni kienet issir minn kummissjoni komposta, fil-livell ta’ kull qorti tal-appell, mill-President tagħha u minn erbgħa mill-membri tagħha, maħtura mit-taqsima tal-imħallfin tal-KSM.

Minkejja li r-riforma tat-tieni fażi, skont il-Qorti tal-Appell ta’ Ploiești, setgħet twassal għal konċentrazzjoni ta’ setgħat f’idejn ċerti membri tal-kummissjoni ta’ evalwazzjoni, u b’mod iktar partikolari l-President tagħha, hija ma setgħetx, madankollu, titqies li kienet, bħala tali, inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Fil-fatt, kien meħtieġ ukoll li l-Qorti tal-Appell ta’ Ploiești tivverifika jekk din il-konċentrazzjoni ta’ setgħat setgħetx toffri, fil-prattika, waħedha jew flimkien ma’ fatturi oħra, lill-persuni li jibbenefikaw minnha l-kapaċità li jinfluwenzaw l-orjentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati u li b’hekk joħolqu assenza ta’ indipendenza jew apparenza ta’ parzjalità tagħhom li tkun tali li tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fil-partijiet fil-kawża f’soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-proċess ma kien jinkludi ebda element intiż li jistabbilixxi li din il-konċentrazzjoni eventwali ta’ setgħat setgħet, waħedha, tagħti fil-prattika tali kapaċità ta’ influwenza u lanqas ebda element ieħor li seta’, flimkien mal-imsemmija konċentrazzjoni ta’ setgħat, jipproduċi tali effetti li setgħu joħolqu, f’moħħ il-partijiet fil-kawża, dubji dwar l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura promossi.

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet sostantivi għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta’ promozzjoni effettiva u, b’mod partikolari, tal-evalwazzjoni tax-xogħol u tal-kondotta tal-kandidati, din kienet ibbażata fuq kriterji li dehru rilevanti għall-evalwazzjoni tal-merti professjonali tagħhom. Barra minn hekk, dawn il-kriterji dehru li kienu s-suġġett ta’ evalwazzjonijiet oġġettivi abbażi ta’ elementi verifikabbli.

Fir-rigward tal-modalitajiet proċedurali għall-adozzjoni ta’ dawn id-deċiżjonijiet, dawn lanqas ma dehru li kienu ta’ natura li jipperikolaw l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura promossi. Fil-fatt, il-kummissjoni ta’ evalwazzjoni kellha timmotiva l-evalwazzjonijiet tagħha u l-kandidat ikkonċernat seta’ jikkontestahom quddiem is-Sezzjoni tal-Imħallfin tal-KSM.

## 7. Responsabbiltà dixxiplinari

***Sentenza tas-26 ta’ Marzu 2020 (Awla Manja), Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18,*** **EU:C:2020:234*****)***

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Prinċipju ta’ indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – Sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin nazzjonali – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Artikolu 267 TFUE – Ammissibiltà – Interpretazzjoni neċessarja sabiex il-qorti tar-rinviju tkun tista’ tagħti s-sentenza tagħha – Kunċett”*

Permezz tas-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat inammissibbli t-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Łodzi (il-Qorti Reġjonali ta' Łódź, il-Polonja) u mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja). Permezz ta' dawn iż-żewġ talbiet, il-qrati tar-rinviju essenzjalment staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni tal-konformità tal-leġiżlazzjoni Pollakka l-ġdida dwar is-sistema dixxiplinari tal-imħallfin mad-dritt tal-individwi għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, iggarantit mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

L-ewwel kawża (C-558/18) saret fil-kuntest ta' tilwima bejn il-belt ta' Łowicz, fil-Polonja, u t-Teżor Pubbliku, dwar talba għall-ħlas ta' sussidji pubbliċi. Il-qorti tar-rinviju ppreċiżat li kien probabbli li d-deċiżjoni li hija ntalbet tagħti f'dan il-każ kienet ser tkun sfavorevoli għat-Teżor Pubbliku. It-tieni kawża (C-563/18) kienet tikkonċerna, min-naħa tagħha, proċedura kriminali mibdija kontra tliet persuni għal reati mwettqa fl-2002 u fl-2003, fejn il-qorti tar-rinviju kellha tikkunsidra li tagħtihom tnaqqis straordinarju tal-pieni peress li huma kienu kkooperaw mal-awtoritajiet kriminali billi ammettew il-fatti allegati kontrihom. Iż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari qajmu tħassib li tali deċiżjonijiet setgħu jwasslu li jinbdew proċeduri dixxiplinari kontra l-Imħallef uniku responsabbli għal kull waħda minn dawn il-kawżi. Il-qrati tar-rinviju semmew ir-riformi leġiżlattivi li seħħew fil-Polonja fl-2017, li kienu jwasslu li jiddaħħlu inkwistjoni l-oġġettività u l-imparzjalità tal-proċeduri dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin u li jaffettwaw l-indipendenza tal-qrati Pollakki. Filwaqt li enfasizzaw b'mod partikolari s-setgħa ta' influwenza kunsiderevoli li issa kellu l-Ministru għall-Ġustizzja fil-proċeduri dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin tal-qrati ordinarji, il-qrati tar-rinviju insistew dwar l-assenza ta' garanziji adegwati li jakkumpanjaw din is-setgħa. Għall-qrati tar-rinviju, proċeduri dixxiplinari hekk maħsuba kienu jagħtu lill-poter leġiżlattiv u lill-poter eżekuttiv mezz biex jeskludu lill-imħallfin li d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu fastidjużi għalihom u b'dan il-mod kienu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ġudizzjarji li dawn kellhom jagħtu.

Wara li kkonfermat il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tinterpreta t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' dawn iż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari. F'dan ir-rigward, hija qabelxejn fakkret li, skont l-Artikolu 267 TFUE, id-deċiżjoni preliminari mitluba għandha tkun "meħtieġa" sabiex tippermetti li l-qrati tar-rinviju "ikunu jistgħu jagħtu s-sentenza". Hija speċifikat ukoll li, bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, kif interpretata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-proċedura għal deċiżjoni preliminari tirrikjedi, b'mod partikolari, li quddiem il-qrati nazzjonali tkun effettivament pendenti tilwima li fil-kuntest tagħha l-qrati nazzjonali jkollhom jieħdu inkunsiderazzjoni s-sentenza dwar deċiżjoni preliminari. Filwaqt li enfasizzat in-natura partikolari tal-missjoni tagħha fil-kuntest tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari, jiġifieri li tassisti lill-qorti tar-rinviju fis-soluzzjoni tat-tilwima konkreta pendenti quddiem din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement iddikjarat li għandu jkun hemm fattur ta' konnessjoni bejn din it-tilwima u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom tkun mitluba. Din ir-rabta għandha tkun tali li din l-interpretazzjoni tissodisfa bżonn oġġettiv għad-deċiżjoni li l-qorti tar-rinviju għandha tieħu.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, l-ewwel, li l-kawżi prinċipali ma kellhom l-ebda fattur ta' konnessjoni mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li kien is-suġġett tad-domandi preliminari. Għalhekk, hija ddeċidiet li l-qrati tar-rinviju ma kinux mitluba japplikaw dan id-dritt sabiex jagħtu deċiżjoni fuq il-mertu ta' dawn il-kawżi. Filwaqt li fakkret, it-tieni, li kien minnu li hija kienet diġà ddeċidiet li domandi dwar l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet proċedurali tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti tar-rinviju kkonċernata kellha tapplika sabiex tagħti s-sentenza tagħha kienu ammissibbli [61], il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li din ma kinitx il-portata tad-domandi magħmula fiż-żewġ każijiet. It-tielet, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li risposta għal dawn id-domandi lanqas ma kienet tidher ta' natura li tagħti lill-qrati tar-rinviju interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tippermettilhom jaqtgħu kwistjonijiet proċedurali tad-dritt nazzjonali qabel ma jkunu jistgħu jiddeċiedu, skont il-każ, fuq il-mertu tal-kawżi prinċipali [62]. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mid-deċiżjonijiet tar-rinviju ma kienx jirriżulta li kien hemm, bejn id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni msemmija fid-domandi preliminari u l-kawżi prinċipali, fattur ta' konnessjoni li jagħmel neċessarja l-interpretazzjoni mitluba sabiex il-qrati tar-rinviju jkunu jistgħu, b'applikazzjoni tal-awtorità li tirriżulta minn tali interpretazzjoni, jagħtu s-sentenzi rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, hija qieset li d-domandi magħmula kienu ta' natura ġenerali, b'tali mod li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari kellhom jiġu ddikjarati inammissibbli.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li ma jistgħux jiġu aċċettati dispożizzjonijiet nazzjonali li jesponu lill-imħallfin nazzjonali għal proċeduri dixxiplinari minħabba l-fatt li jkunu ressqu rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [63]. Fil-fatt, tali perspettiva ta' proċeduri dixxiplinari hija ta' natura li tippreġudika l-eżerċizzju effettiv, mill-imħallfin nazzjonali kkonċernati, tal-possibbiltà li jagħmlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja u tal-funzjonijiet ta' qorti responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma għandhom permezz tat-Trattati. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-assenza ta' riskju ta' espożizzjoni għal tali proċeduri jew sanzjonijiet dixxiplinari għal din ir-raġuni tikkostitwixxi, barra minn hekk, garanzija inerenti għall-indipendenza tagħhom.

***Sentenza tal-15 ta' Lulju 2021 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596)***

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin – Stat tad-dritt – Indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Ksur dixxiplinari minħabba l-kontenut ta' deċiżjonijiet*

---

[61] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Frar 2011, Weryński (C-283/09, *EU:C:2011:85*).

[62] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (Kawżi magħquda C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982), ippreżentati fit-Taqsima II 1., intitolata "Ħatra".

[63] Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Ottubru 2018, Miasto Łowicz u Prokuratura Okręgowa w Płocku (Kawżi magħquda C-558/18 u C-563/18, *EU:C:2018:923*).

*ġudizzjarji – Qrati dixxiplinari indipendenti u stabbiliti bil-liġi – Osservanza tat-terminu raġonevoli u tad-drittijiet tad-difiża fil-proċeduri dixxiplinari – Artikolu 267 TFUE – Limitazzjoni tad-dritt u tal-obbligu tal-qrati nazzjonali li jressqu talbiet għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [64], il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħet ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni. Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din is-sistema dixxiplinari ġdida tal-imħallfin kienet tippreġudika l-indipendenza tagħhom. Min-naħa l-oħra, din l-istess sistema ma kinitx tippermetti lill-imħallfin ikkonċernati josservaw, b'indipendenza sħiħa, l-obbligi imposti fuqhom fil-kuntest tal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jistabbilixxi r-rimedji neċessarji sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tagħha, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u r-rekwiżit ta' indipendenza ġudizzjarja li jirriżulta minn din id-dispożizzjoni jeżiġu li s-sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin tal-qrati nazzjonali li jaqgħu taħt is-sistema ta' rimedji ġudizzjarji tagħhom fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni tipprovdi l-garanziji neċessarji sabiex jiġi evitat kull riskju ta' użu ta' tali sistema bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, li jirrikjedi, b'mod partikolari, il-promulgazzjoni ta' regoli li jiddefinixxu l-aġir li jikkostitwixxi ksur dixxiplinari u li jipprevedu l-intervent ta' istanza indipendenti konformement ma' proċedura li tiggarantixxi bis-sħiħ id-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża, kif ukoll il-possibbiltà li d-deċiżjonijiet tal-korpi dixxiplinari jiġu kkontestati f'qorti.

Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ewwel lok, il-Polonja ma żguratx l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Awla Dixxiplinari u, b'hekk, ippreġudikat l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura billi ma żguratx lill-imħallfin li l-proċeduri dixxiplinari mressqa kontrihom kienu ser jiġu mistħarrġa minn istanza li toffri tali garanziji. Konformement mal-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri, l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura għandha tiġi żgurata fil-konfront tal-poter leġiżlattiv u tal-poter eżekuttiv. Issa, skont ir-riforma leġiżlattiva tal-2017, il-proċess ta' ħatra tal-imħallfin fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) u, b'mod partikolari, dak tal-membri tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema jiġi essenzjalment iddeterminat mill-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja) - korp li ġie mibdul b'mod estensiv mill-poter eżekuttiv u mill-poter leġiżlattiv Pollakki. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat wkoll li l-Awla Dixxiplinari kienet mistennija tkun komposta esklużivament minn imħallfin ġodda magħżula mill-KRS li ma

[64] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima I. 2, intitolata "Dritt tal-qrati nazzjonali indipendenti li jagħmlu rinviju għal domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja".

kinux sedenti diġà fi ħdan il-Qorti Suprema u li kienu jibbenefikaw b'mod partikolari minn remunerazzjoni għolja ħafna u minn grad ta' awtonomija organizzattiva, funzjonali u finanzjarja partikolarment elevat, meta mqabbel mal-kundizzjonijiet prevalenti fl-awli ġudizzjarji l-oħra ta' din il-qorti. Dawn l-elementi kollha huma ta' natura li joħolqu dubji leġittimi, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-impermeabbiltà ta' din l-istanza dixxiplinari fir-rigward ta' influwenzi diretti jew indiretti tal-poter leġiżlattiv u tal-poter eżekuttiv Pollakki, u tan-newtralità tagħha fil-konfront tal-interessi inkwistjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni, f'dan ir-rigward, il-fatt li l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Awla Dixxiplinari b'hekk ma kinux iggarantiti, li l-Polonja ppermettiet li l-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji jkun jista' jiġi kklassifikat bħala reat dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin tal-qrati ordinarji. Filwaqt li fakkret il-ħtieġa li jiġi evitat li s-sistema dixxiplinari tkun tista' tintuża għal finijiet ta' kontroll politiku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji jew ta' pressjoni fuq l-imħallfin, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, f'dan il-każ, is-sistema dixxiplinari l-ġdida tal-imħallfin, li ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' preċiżjoni fir-rigward tal-aġir li jista' jagħti lok għar-responsabbiltà ta' dawn tal-aħħar, kienet qed tippreġudika wkoll l-indipendenza ta' dawn l-imħallfin.

Fit-tielet lok, il-Polonja, minn naħa, lanqas ma żgurat li l-kawżi dixxiplinari indirizzati kontra l-imħallfin tal-qrati ordinarji jiġu eżaminati f'terminu raġonevoli, u b'hekk ippreġudikat mill-ġdid l-indipendenza ta' dawn l-imħallfin. Fil-fatt, skont is-sistema dixxiplinari l-ġdida, imħallef li kien is-suġġett ta' proċeduri dixxiplinari magħluqa permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja definittiva kien jista' jerġa' jkun is-suġġett ta' tali proċeduri fl-istess kawża, b'tali mod li dan l-imħallef jibqa', b'mod permanenti, taħt it-theddida potenzjali ta' tali proċeduri. Min-naħa l-oħra, ir-regoli proċedurali l-ġodda applikabbli għall-proċeduri dixxiplinari kontra l-imħallfin kienu ta' natura li jillimitaw id-drittijiet tad-difiża tal-imħallfin imqiegħda inkwistjoni. Fil-fatt, skont din is-sistema l-ġdida, l-atti marbuta mal-ħatra ta' avukat ta' mħallef u mal-patroċinju tad-difiża min-naħa tiegħu ma kinux iwaqqfu l-proċedura, u l-proċedura setgħet tiżvolġi minkejja l-assenza ġġustifikata tal-imħallef jew tal-avukat tiegħu. Barra minn hekk, speċifikament meta kienu jaqgħu, bħal f'dan il-każ, fil-kuntest ta' sistema dixxiplinari li jkollha n-nuqqasijiet diġà rrilevati iktar 'il fuq, ir-regoli proċedurali l-ġodda ċċitati iktar 'il fuq kien jista' jkollhom it-tendenza li jżidu r-riskju li s-sistema dixxiplinari tintuża bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi tat lill-President tal-Awla Dixxiplinari msemmija iktar 'il fuq is-setgħa diskrezzjonali li jaħtar il-qorti dixxiplinari kompetenti fl-ewwel istanza fil-kawżi dixxiplinari relatati mal-imħallfin tal-qrati ordinarji, il-Polonja ma żguratx li tali kawżi jiġu eżaminati minn qorti "stabbilita bil-liġi" kif jeżiġi wkoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

***Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021 (Awla Manja), Euro Box Promotion et (C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Deċiżjoni 2006/928/KE – Mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress li sar mir-Rumanija sabiex tikseb ċerti punti ta' riferiment speċifiċi fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni – Natura u effetti legali – Natura obbligatorja għar-Rumanija – Stat tad-dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Ġlieda kontra l-korruzzjoni – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni – Artikolu 325(1) TFUE – Konvenzjoni 'PIF' – Proċeduri kriminali – Sentenzi tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) dwar il-legalità tal-produzzjoni ta' ċerti provi u l-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni gravi – Obbligu għall-imħallfin nazzjonali li jagħtu effett sħiħ lid-deċiżjonijiet tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) – Responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn id-deċiżjonijiet – Setgħa li jitħallew mhux applikati deċiżjonijiet tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) li ma jikkonformawx mad-dritt tal-Unjoni – Prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [65], il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà, mad-dritt tal-Unjoni, tal-applikazzjoni ta' ġurisprudenza tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija).

Id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jorbtu lill-qrati ordinarji, sakemm tiġi ggarantita l-indipendenza ta' dik il-qorti fil-konfront b'mod partikolari tal-poter leġiżlattiv u tal-poter eżekuttiv. Għall-kuntrarju, dan id-dritt jipprekludi li r-responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin nazzjonali tiġi stabbilita minħabba kwalunkwe nuqqas ta' osservanza ta' tali deċiżjonijiet.

L-ewwel, peress li l-eżistenza ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv intiż li jiżgura l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni hija inerenti għal Stat tad-dritt, kull qorti mitluba tapplika jew tinterpreta d-dritt tal-Unjoni għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Sabiex tagħmel dan, l-indipendenza tal-qrati hija primordjali. F'dan ir-rigward, l-imħallfin għandhom ikunu protetti minn interventi jew pressjonijiet esterni li jkunu jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tagħhom. Barra minn hekk, konformement mal-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri li jikkaratterizza l-funzjonament ta' Stat tad-dritt, għandha tiġi ggarantita l-indipendenza tal-poter ġudizzjarju fil-konfront tal-poter leġiżlattiv u tal-poter eżekuttiv.

It-tieni, minkejja li d-dritt tal-Unjoni ma jimponix fuq l-Istati Membri mudell kostituzzjonali preċiż li jirregola r-relazzjonijiet bejn id-diversi poteri tal-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Istati Membri xorta waħda għandhom josservaw, b'mod partikolari,

[65] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima I. 2, intitolata "Dritt tal-qrati nazzjonali indipendenti li jagħmlu rinviju għal domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja".

ir-rekwiżiti ta' indipendenza tal-qrati li jirriżultaw minn dan id-dritt. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jistgħu jorbtu lill-qrati ordinarji, sakemm id-dritt nazzjonali jiggarantixxi l-indipendenza ta' din il-qorti b'mod partikolari fil-konfront tal-poter leġiżlattiv u tal-poter eżekuttiv. Għall-kuntrarju, jekk id-dritt nazzjonali ma jiggarantixxix din l-indipendenza, id-dritt tal-Unjoni jipprekludi tali leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali peress li tali qorti kostituzzjonali ma tkunx tista' tiżgura l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva meħtieġa minn dan id-dritt.

It-tielet, sabiex titħares l-indipendenza tal-qrati, is-sistema dixxiplinari għandha jkollha l-garanziji meħtieġa sabiex jiġi evitat kull riskju li tali sistema tintuża bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. F'dan ir-rigward, il-fatt li deċiżjoni ġudizzjarja tinkludi eventwali żball fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni, jew fl-evalwazzjoni tal-fatti u fl-evalwazzjoni tal-provi, ma jistax, waħdu, iwassal sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallef ikkonċernat. Fil-fatt, l-istabbiliment tar-responsabbiltà dixxiplinari ta' mħallef minħabba deċiżjoni ġudizzjarja għandu jkun limitat għal każijiet kompletament eċċezzjonali u għandu jkun limitat minn garanziji intiżi li jiġi evitat kull riskju ta' pressjoni esterna fuq il-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li kwalunkwe nuqqas ta' osservanza tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali mill-qrati nazzjonali tad-dritt ordinarju jkun ta' natura li jagħti lok għar-responsabbiltà dixxiplinari tal-membri ta' dawn il-qrati ma tosservax dawn il-kundizzjonijiet.

***Sentenza tat-22 ta' Frar 2022 (Awla Manja), RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali) (C-430/21, EU:C:2022:99)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Stat tad-dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Assenza ta' setgħa ta' qorti nazzjonali sabiex teżamina l-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali meqjusa konformi mal-kostituzzjoni mill-qorti kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat – Proċeduri dixxiplinari"*

Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni dwar il-prinċipju ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura, stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri flimkien b'mod partikolari mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, f'kuntest fejn qorti ordinarja ta' Stat Membru ma jkollhiex is-setgħa, b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali, teżamina l-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, meqjusa konformi mal-Kostituzzjoni mill-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru, u fejn l-imħallef nazzjonali jiġi espost għal proċeduri u sanzjonijiet dixxiplinari jekk jiddeċiedi li jwettaq tali eżami.

Fil-każ ineżami, RS ġie kkundannat wara proċeduri kriminali fir-Rumanija. Il-konjuġi tiegħu mbagħad ressqet ilment dwar, b'mod partikolari, diversi maġistrati għal istanzi ta' ksur allegatament imwettqa matul l-imsemmija proċeduri kriminali. Sussegwentement, RS ippreżenta rikors quddiem il-Curtea de Apel Craiova (il-Qorti tal-Appell ta' Craiova, ir-

Rumanija), sabiex jikkontesta n-natura eċċessiva tat-tul tal-proċeduri kriminali mibdija wara dan l-ilment.

Sabiex tagħti deċiżjoni dwar dan ir-rikors, il-Qorti tal-Appell ta' Craiova qieset li kellha tevalwa l-kompatibbiltà, mad-dritt tal-Unjoni [66], tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li stabbilixxiet taqsima speċjalizzata tal-Uffiċċju tal-Prosekutur inkarigata bl-investigazzjonijiet dwar l-istanzi ta' ksur imwettqa fi ħdan is-sistema ġudizzjarja, bħal dik li kienet inbdiet fil-każ ineżami. Madankollu, fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) [67], mogħtija wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et* [68], il-Qorti tal-Appell ta' Craiova ma kellhiex is-setgħa, b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali, twettaq tali eżami ta' konformità. Fil-fatt, permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet bħala infondata l-eċċezzjoni ta' antikostituzzjonalità mqajma fir-rigward ta' diversi dispożizzjonijiet ta' din il-leġiżlazzjoni, filwaqt li enfasizzat li, meta hija tiddikjara leġiżlazzjoni nazzjonali konformi mad-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni li timponi l-osservanza tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni [69], qorti ordinarja ma jkollhiex is-setgħa teżamina l-konformità ta' din il-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Appell ta' Craiova ddeċidiet li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċċara, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni kienx jipprekludi l-assenza ta' setgħa ta' mħallef ta' qorti nazzjonali ordinarja sabiex jeżamina l-konformità ta' leġiżlazzjoni mad-dritt tal-Unjoni, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-każ ineżami, u l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dixxiplinari fil-konfront ta' dan l-imħallef, minħabba li dan ikun iddeċieda li jwettaq tali eżami.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, qieset li tali leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali kienet tmur kontra d-dritt tal-Unjoni [70].

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE ma jipprekludix leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali li tipprevedi li l-qrati ordinarji ta' Stat Membru, skont id-dritt kostituzzjonali nazzjonali, ikunu marbuta b'deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru li tiddeċiedi li leġiżlazzjoni nazzjonali tkun konformi mal-Kostituzzjoni tal-imsemmi Stat, bil-kundizzjoni li d-dritt nazzjonali jiggarantixxi l-indipendenza ta' din il-qorti kostituzzjonali, b'mod partikolari fil-konfront tal-poteri leġiżlattivi u eżekuttivi. Madankollu, dan ma jkunx il-każ meta l-applikazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni jew ta' tali prattika timplika l-esklużjoni ta' ġurisdizzjoni ta' dawn il-qrati

[66] Konkretament, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll id-Deċiżjoni 2006/928

[67] Sentenza Nru 390/2021, tat-8 ta' Ġunju 2021.

[68] Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393), ippreżentata fit-Taqsima II. 8., intitolata "Responsabbiltà personali, immunità u sospensjoni", li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod partikolari li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tmur kontra d-dritt tal-Unjoni meta l-ħolqien ta' tali taqsima speċjalizzata ma jkunx iġġustifikat minn rekwiżiti oġġettivi u verifikabbli bbażati fuq l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u ma jkunx akkumpanjat minn garanziji speċifiċi identifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-punt 5 tad-dispożittiv ta' dik is-sentenza).

[69] Fis-sentenza tagħha Nru 390/2021, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet konformi mal-Artikolu 148 tal-Constituția României (il-Kostituzzjoni Rumena).

[70] Fid-dawl tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri flimkien mal-Aritkolu 2 u mal-Artikolu 4(2) u (3) TUE, l-Artikolu 267 TFUE kif ukoll il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

ordinarji sabiex jevalwaw il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tali qorti kostituzzjonali tkun qieset konformi ma' dispożizzjoni kostituzzjonali nazzjonali li tipprevedi s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-osservanza tal-obbligu tal-qorti nazzjonali li tapplika b'mod sħiħ kull dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jkollha effett dirett hija neċessarja b'mod partikolari sabiex tiżgura l-osservanza tal-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati, li teskludi l-possibbiltà li tiġi invokata, kontra l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, miżura unilaterali, tkun xi tkun, u tikkostitwixxi espressjoni tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, li jimponi li ma tiġi applikata ebda dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, kemm jekk din tkun preċedenti u kemm jekk sussegwenti, possibbilment kuntrarja għar-regola tad-dritt tal-Unjoni li jkollha effett dirett.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li diġà ddeċidiet, minn naħa, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/928 u li kellha, konsegwentement, tosserva r-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-Artikolu 2 u mill-Artikolu 19(1) TUE [71]. Min-naħa l-oħra, kemm it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll l-għanijiet ta' referenza speċifiċi fil-qasam tar-riforma tas-sistema ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni 2006/928 huma fformulati bi kliem ċar u preċiż u ma huma suġġetti għal ebda kundizzjoni u għalhekk għandhom effett dirett [72]. Minn dan kien isegwi li, jekk ma jkollhomx is-setgħa jipproċedu għal interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li tkun konformi mal-imsemmija dispożizzjoni jew mal-imsemmija għanijiet, il-qrati ordinarji Rumeni jkollhom, fuq inizjattiva tagħhom stess, iħallu mhux applikati dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-qrati ordinarji Rumeni kellhom, bħala prinċipju, ġurisdizzjoni sabiex jevalwaw il-kompatibbiltà ma' dawn ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali, mingħajr il-bżonn li jressqu talba quddiem il-Qorti Kostituzzjonali għal dan il-għan. Madankollu, huma jiġu mċaħħda minn din il-ġurisdizzjoni meta l-Qorti Kostituzzjonali tkun iddeċidiet li dawn id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi huma konformi ma' dispożizzjoni kostituzzjonali nazzjonali li tipprevedi s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, inkwantu dawn il-qrati jkollhom jikkonformaw ruħhom ma' din id-deċiżjoni. Issa, tali regola jew prattika nazzjonali tostakola l-effettività sħiħa tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni, sa fejn din tipprekludi lill-qorti ordinarja mitluba tiżgura l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni milli tevalwa hija stess il-kompatibbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi ma' dan id-dritt.

---

71 Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19), punti 183 u 184, ippreżentata fit-Taqsima II. 8., intitolata "Responsabbiltà personali, immunità u sospensjoni".

72 Sentenza Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 249 u 250, u s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion *et*, C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, EU:C:2021:1034), punt 253 (ippreżentati f'din l-istess taqsima).

Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta’ tali regola jew ta’ tali prattika nazzjonali tippreġudika l-effettività tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita mill-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, billi tiddisswadi lill-qorti ordinarja mitluba taqta’ l-kawża milli tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, u dan sabiex tikkonforma ruħha mad-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dawn il-konstatazzjonijiet huma iktar u iktar meħtieġa f’sitwazzjoni fejn sentenza tal-qorti kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat tirrifjuta li tagħti segwitu għal sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, billi tibbaża ruħha, b’mod partikolari, fuq l-identità kostituzzjonali ta’ dan l-Istat Membru u fuq il-kunsiderazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun marret lil hinn mill-ġurisdizzjoni tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li hija tista’, skont l-Artikolu 4(2) TUE, tintalab tivverifika li obbligu tad-dritt tal-Unjoni ma jkunx jippreġudika l-identità nazzjonali ta’ Stat Membru. Għall-kuntrarju, din id-dispożizzjoni la għandha l-għan u lanqas l-effett li tawtorizza qorti kostituzzjonali ta’ Stat Membru, bi ksur tal-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni, li teskludi l-applikazzjoni ta’ regola tad-dritt tal-Unjoni, minħabba li din ir-regola tkun tippreġudika l-identità nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat kif iddefinita mill-qorti kostituzzjonali nazzjonali. Għaldaqstant, jekk il-qorti kostituzzjonali ta’ Stat Membru tqis li dispożizzjoni tad-dritt sekondarju tal-Unjoni, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, tkun tikser l-obbligu ta’ osservanza tal-identità nazzjonali ta’ dan l-Istat Membru, hija jkollha tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari, għall-evalwazzjoni tal-validità ta’ din id-dispożizzjoni fid-dawl tal-Artikolu 4(2) TUE, peress li hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata l-invalidità ta’ att tal-Unjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, peress li hija għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tipprovdi l-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni, il-qorti kostituzzjonali ta’ Stat Membru ma tistax, abbażi tal-interpretazzjoni tagħha stess ta’ dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, tiddeċiedi validament li l-Qorti tal-Ġustizzja tat sentenza li tmur lil hinn mill-isfera tal-ġurisdizzjoni tagħha u, għaldaqstant, tirrifjuta li tagħti segwitu għal sentenza preliminari ta’ din tal-aħħar.

Barra minn hekk, billi bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza preċedenti tagħha [73], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jipprekludu leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali li jippermettu li tiġi stabbilita r-responsabbiltà dixxiplinari ta’ mħallef nazzjonali għal kwalunkwe nuqqas ta’ osservanza tad-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali u, b’mod partikolari, peress li ma jkunx applika deċiżjoni li permezz tagħha din tkun irrifjutat li tagħti segwitu għal sentenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja.

---

[73] Sentenza Euro Box Promotion *et*, iċċitata iktar ’il fuq.

***Sentenza tal-11 ta' Mejju 2023 (L-Ewwel Awla), Inspecţia Judiciară (C-817/21, [EU:C:2023:391](EU:C:2023:391))***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Stat tad-dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Deċiżjoni 2006/928/KE – Indipendenza tal-ġudikatura – Proċeduri dixxiplinari – Spettorat Ġudizzjarju – Spettur Kap li għandu setgħat ta' regolamentazzjoni, ta' għażla, ta' evalwazzjoni, ta' ħatra u investigazzjoni dixxiplinarja"*

Fir-Rumanija, parti f'diversi kawżi kriminali ressqet ilmenti dixxiplinari quddiem l-Ispettorat Ġudizzjarju kompetenti kontra ċerti mħallfin u prosekuturi involuti. Peress li l-ilmenti kollha tagħha ġew miċħuda mingħajr ma ttieħdet azzjoni ulterjuri fir-rigward tagħhom, hija ressqet ilment kontra l-ispettur kap, li wkoll ġie miċħud mingħajr ma ttieħdet azzjoni ulterjuri. Hija għalhekk ippreżentat rikors quddiem il-Curtea de Apel Bucureşti (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija) sabiex tikkontesta din iċ-ċaħda mingħajr teħid ta' azzjoni ulterjuri, filwaqt li sostniet b'mod partikolari li kien impossibbli li jiġu eżerċitati azzjonijiet dixxiplinari minħabba l-konċentrazzjoni tas-setgħat f'idejn l-Ispettur Kap. Tali konċentrazzjoni ta' setgħat tmur, skont din il-parti, kontra d-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha [74] li, għalkemm l-organizzazzjoni tal-ġustizzja taqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri, l-eżerċizzju ta' dik is-setgħa għandu josserva d-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, is-sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin li jistgħu jintalbu japplikaw id-dritt tal-Unjoni għandha tipprovdi l-garanziji neċessarji sabiex jiġi evitat kull riskju li din tintuża bħala strument ta' kontroll politiku tal-attivitajiet tagħhom.

Ir-regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' korp kompetenti biex iwettaq investigazzjonijiet dixxiplinari u biex jeżerċita azzjoni dixxiplinari kontra mħallfin u prosekuturi għandhom għalhekk jikkonformaw ruħhom mar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mill-Istat tad-dritt.

Sabiex jiġi vverifikat jekk dan ikunx il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwa l-leġiżlazzjoni Rumena bħala tali u fil-kuntest ġuridiku u fattwali nazzjonali tagħha.

Fir-rigward tal-elementi rilevanti għal tali eżami, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fid-dritt Rumen, azzjoni dixxiplinari intiża li trażżan abbużi mwettqa mill-Ispettur Kap setgħet tinbeda biss minn membru tal-persunal li l-karriera tiegħu kienet tiddependi, fil-parti l-kbira, mid-deċiżjonijiet tal-Ispettur Kap. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet dwar l-Ispettur Kap setgħu jiġu rriveduti mid-Deputat Spettur Kap, li jkun inħatar mill-Ispettur Kap u li l-mandat tiegħu jiskadi fl-istess żmien bħal dak tal-aħħar. Tali sistema dixxiplinari kienet

[74] Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociaţia "Forumul Judecătorilor din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19), ippreżentata fit-Taqsima II. 8., intitolata "Responsabbiltà personali, immunità u sospensjoni".

tidher, bla ħsara għall-verifiki li kellhom isiru mill-Qorti tal-Appell ta’ Bukarest, ta’ natura li tostakola, fil-prattika, l-eżerċizzju effettiv ta’ azzjoni dixxiplinari kontra l-Ispettur Kap, minkejja li dan tal-aħħar kellu jkun is-suġġett ta’ lmenti serjament issostanzjati.

Ċertament, iċ-ċaħda ta’ lment mingħajr ma tittieħed azzjoni ulterjuri kontra l-Ispettur Kap setgħet tkun is-suġġett ta’ rikors li seta’ jwassal, skont il-każ, għall-annullament tad-deċiżjoni li ma titteħidx azzjoni ulterjuri. Madankollu, kienet il-Qorti tal-Appell ta’ Bukarest li kellha tevalwa sa fejn is-setgħat li kellhom f’dan ir-rigward il-qrati Rumeni setgħu jippermettu l-eżerċizzju effettiv ta’ azzjonijiet dixxiplinari kontra l-Ispettur Kap kif ukoll ipproċessar effikaċi u imparzjali tal-ilmenti mressqa kontra dan tal-aħħar.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, f’dan ir-rigward, li, fil-każ li din il-qorti kellha tikkonkludi li l-azzjoni tal-Ispettur Kap ma setgħetx tkun is-suġġett, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ta’ stħarriġ reali u effettiv, kien hemm lok li jitqies li din il-leġiżlazzjoni ma kinitx maħsuba b’mod li ma seta’ jinħoloq ebda dubju leġittimu, f’moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-użu tal-prerogattivi u tal-funzjonijiet tal-Inspecţia Judiciară (l-Ispettorat Ġudizzjarju, ir-Rumanija) bħala strument ta’ pressjoni fuq l-attività ġudizzjarja jew ta’ kontroll politiku ta’ din l-attività.

Fir-rigward tal-kuntest ġuridiku u fattwali nazzjonali, kien jidher li s-setgħat tal-Ispettur Kap ġew imsaħħa fil-kuntest iktar globali ta’ riformi tal-organizzazzjoni tal-ġudikatura Rumena li kellhom l-għan jew l-effett li jnaqqsu l-garanziji ta’ indipendenza u ta’ imparzjalità tal-imħallfin Rumeni. Barra minn hekk, kien jidher li l-Ispettur Kap kien marbut mill-qrib mal-poteri eżekuttivi jew leġiżlattivi. Fl-aħħar nett, kellha tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-prattika konkreta segwita mill-Ispettur Kap fl-eżerċizzju tal-prerogattivi tiegħu li setgħu jintużaw għal finijiet ta’ kontroll politiku tal-attività ġudizzjarja.

Bla ħsara għall-verifiki li kellha twettaq il-Qorti tal-Appell ta’ Bukarest, kien jidher għalhekk li dawn il-punti tal-kuntest ġuridiku u fattwali li tressqu għall-konjizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja kienu jikkorroboraw, pjuttost milli jinvalidaw, konstatazzjoni possibbli li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma kinitx maħsuba b’mod li ma setgħet tqajjem ebda dubju leġittimu, f’moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-użu tal-prerogattivi u tal-funzjonijiet tal-Ispettorat Ġudizzjarju bħala strument ta’ pressjoni fuq l-attività ġudizzjarja jew strument ta’ kontroll politiku ta’ din l-attività.

***Sentenza tal-5 ta’ Ġunju 2023 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442).***

*“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Indipendenza ġudizzjarja – Artikolu 267 TFUE – Possibbiltà li jsiru domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Kompetenzi fil-qasam ta’ tneħħija tal-immunità kriminali tal-imħallfin u fil-qasam tad-dritt tax-xogħol, tas-sigurtà soċjali u tal-irtirar kmieni tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-*

*Polonja) mogħtija lill-Awla Dixxiplinari ta' dik il-qorti – Projbizzjoni għall-qrati nazzjonali li jikkontestaw il-leġittimità tal-qrati u tal-korpi kostituzzjonali jew li jikkonstataw jew jevalwaw il-legalità tal-ħatra tal-imħallfin jew tas-setgħat ġudizzjarji tagħhom – Verifika minn qorti tal-osservanza ta' ċerti rekwiżiti dwar l-eżistenza ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi meqjusa bħala 'reat dixxiplinari' – Kompetenza esklużiva sabiex jiġu eżaminati l-kwistjonijiet relatati mal-assenza ta' indipendenza ta' qorti jew ta' mħallef mogħtija lill-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) – Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Il-punti (c) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1), u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(3) – Artikolu 9(1) – Data sensittiva – Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq l-imħallfin l-obbligu li jagħmlu dikjarazzjoni dwar is-sħubija tagħhom f'assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet jew partiti politiċi, kif ukoll dwar il-funzjonijiet eżerċitati fihom, u li tipprevedi t-tqegħid online tad-data li tinsab f'dawn id-dikjarazzjonijiet"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġiet indikata preċedentement [75], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-ewwel lok, li, billi tat lill-Awla Dixxiplinari tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma humiex iggarantiti, is-setgħa li taqta' kawżi b'impatt dirett fuq l-istatus u l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallfin u assistenti mħallfin, bħall-kawżi fil-qasam ta' tneħħija ta' immunità kriminali tal-imħallfin u fil-qasam tad-dritt tax-xogħol, ta' sigurtà soċjali u tal-irtirar kmieni tal-imħallfin tal-Qorti Suprema, il-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi garanziji xierqa sabiex jiġi evitat kull riskju ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji jew ta' pressjoni u intimidazzjoni fil-konfront tal-imħallfin li jistgħu b'mod partikolari joħolqu apparenza ta' assenza ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tagħhom li tista' tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira fil-partijiet f'kawża f'soċjetà demokratika u fi Stat tad-dritt [76]. Għalhekk, kien importanti, bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet fir-rigward tar-regoli applikabbli għas-sistema dixxiplinari tal-imħallfin [77], li, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-konsegwenzi kbar li setgħu jirriżultaw minn dan f'dak li jirrigwarda kemm l-iżvolġiment tal-karriera tal-imħallfin kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' ħajja tagħhom, id-deċiżjonijiet li jawtorizzaw il-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontrihom, l-arrest tagħhom u t-tpoġġija f'detenzjoni tagħhom, jew it-tnaqqis tar-remunerazzjoni tagħhom, jew id-deċiżjonijiet relatati ma' aspetti essenzjali tas-sistemi tad-dritt tax-xogħol, ta' sigurtà soċjali jew ta' irtirar kmieni applikabbli għal dawn l-imħallfin, jiġu adottati jew mistħarrġa minn istanza

---

[75] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II. 2., intitolat "Etika professjonali". Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II. 10, intitolata "Ġurisdizzjoni tal-istħarriġ tal-indipendenza ġudizzjarja".

[76] Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 216), ippreżentata fit-Taqsima II. 8., intitolata "Responsabbiltà personali, immunità u sospensjoni".

[77] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596, punt 80), ippreżentata taħt din it-taqsima.

li hija stess tkun tissodisfa l-garanziji inerenti fi protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fosthom dik tal-indipendenza.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, billi adottat id-dispożizzjonijiet li jippermettu li jiġi kklassifikat bħala reat dixxiplinari l-eżami tal-osservanza tar-rekwiżiti tal-Unjoni dwar qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi [78], il-Polonja naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll skont l-Artikolu 267 TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq jimplika b'mod partikolari li kull qorti għandha l-obbligu li tivverifika jekk, permezz tal-kompożizzjoni tagħha, hija tkunx tikkostitwixxi tali qorti meta jitnissel dubju serju fuq dan il-punt. Hija fakkret ukoll li l-verifika tal-osservanza tar-rekwiżiti msemmija iktar 'il fuq tista' tkun vinkolanti għall-qrati nazzjonali f'diversi ċirkustanzi oħrajn u li tali verifika tista' b'mod partikolari tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk irregolarità li tivvizzja l-proċedura ta' ħatra ta' mħallef setgħetx twassal għal ksur ta' dan id-dritt fundamentali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt, għal qorti nazzjonali, li teżerċita l-kompiti li huma mogħtija lilha mit-Trattati u li tikkonforma mal-obbligi imposti fuqha skont it-Trattati, billi tagħti effett għal dispożizzjonijiet bħat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta, ma jistax, minnu nnifsu, jiġi stabbilit bħala reat dixxiplinari mingħajr l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jkunu *ipso facto* miksura.

Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, qabelxejn, li d-definizzjonijiet tar-reati dixxiplinari inkwistjoni kienu ta' natura wiesgħa u impreċiża ħafna, b'tali mod li dawn kienu jkopru sitwazzjonijiet li fihom l-imħallfin kellhom jeżaminaw jekk huma stess, il-qorti li jkunu sedenti fiha, imħallfin oħrajn jew qrati oħrajn, kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti li joħorġu mid-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma kinux jippermettu, barra minn hekk, li jiġi żgurat li r-responsabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati minħabba d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu ntalbu jagħtu tkun strettament limitata għal każijiet totalment eċċezzjonali u li s-sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin ma tkunx tista', konsegwentement, tintuża għal finijiet ta' kontroll politiku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Barra minn hekk, fid-dawl tal-kundizzjonijiet u tal-kuntest partikolari li dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali ġew adottati fihom, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-kliem magħżul mil-leġiżlatur Pollakk kien jirrifletti manifestament sensiela ta' kwistjonijiet li wasslu lil diversi qrati Pollakki jagħmlu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jirrigwarda l-konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u mal-Artikolu 47 tal-Karta ta' diversi emendi leġiżlattivi li seħħew fl-2019 li affettwaw l-organizzazzjoni ġudizzjarja fil-Polonja. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, konsegwentement, li r-riskju li l-

[78] Il-punti (2) u (3) tal-Artikolu 107(1) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji u l-punti (1) sa (3) tal-Artikolu 72(1) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema.

imsemmija dispożizzjonijiet nazzjonali jkunu s-suġġett ta' interpretazzjoni li tippermetti li s-sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin tintuża sabiex il-qrati nazzjonali kkonċernati jiġu preklużi milli jagħmlu ċerti konstatazzjonijiet li jeżiġi min-naħa tagħhom id-dritt tal-Unjoni u li jiġu influwenzati d-deċiżjonijiet ġudizzjarji ta' dawn il-qrati billi tiġi ppreġudikata l-indipendenza tal-imsemmija membri tal-ġudikatura, kien stabbilit u l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni kienu, konsegwentement, inkisru għal din ir-raġuni. Dawn l-istess dispożizzjonijiet nazzjonali kisru wkoll l-Artikolu 267 TFUE, sa fejn dawn wasslu għal riskju li l-imħallfin nazzjonali jiġu ssanzjonati b'mod dixxiplinari talli jkunu għamlu rinviji għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

F'dak li kien jirrigwarda, b'mod iżjed partikolari, ir-reat dixxiplinari bbażat fuq il-"ksur manifest u flagranti tal-liġi" mill-imħallfin tal-Qorti Suprema [79], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedih kienet tippreġudika wkoll l-indipendenza ta' dawn l-imħallfin peress li din ma kinitx tippermetti li jiġi evitat li s-sistema dixxiplinari applikabbli fil-konfront tal-imsemmija mħallfin tintuża sabiex isiru pressjoni u effett dissważiv li jistgħu jinfluwenzaw il-kontenut tad-deċiżjonijiet tagħhom. Din id-dispożizzjoni llimitat ukoll l-obbligu tal-Qorti Suprema li tagħmel talbiet għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bil-possibbiltà li jinbdew proċeduri dixxiplinari.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi adottat id-dispożizzjonijiet li jipprojbixxu lil kull qorti nazzjonali milli tivverifika l-osservanza ta' rekwiżiti li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni dwar il-garanzija ta' qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi [80], il-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali kienu jipprojbixxu mhux biss li mħallef "jistabbilixxi" iżda wkoll li "jevalwa", għal-"legalità" tagħhom, kemm il-"ħatra" nnifisha kif ukoll is-"setgħa li jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji li tirriżulta minn din il-ħatra". Barra minn hekk, dawn l-istess dispożizzjonijiet kienu jipprojbixxu kull "tqegħid f'dubju" tal-"leġittimità" tal-"qrati" u tal-"korpi kostituzzjonali tal-Istat jew il-korpi responsabbli għall-istħarriġ u l-protezzjoni tal-liġi". Issa, tali formulazzjonijiet setgħu jwasslu, b'mod partikolari fil-kuntest speċifiku li ġew adottati fih, għal sitwazzjoni fejn sensiela ta' atti li l-qrati kkonċernati kienu madankollu obbligati li jadottaw, konformement mal-obbligi imposti fuqhom sabiex jiżguraw l-osservanza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta, setgħu, minħabba l-kontenut tagħhom jew l-effetti tagħhom, ikunu suġġetti għall-projbizzjonijiet hekk stabbiliti. Barra minn hekk, peress li l-imsemmija dispożizzjonijiet nazzjonali setgħu jostakolaw li l-qrati Pollakki jħallu mhux applikati dispożizzjonijiet kuntrarji għal dawn iż-

[79] Il-punt (1) tal-Artikolu 72(1) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema.
[80] Artikolu 42a(1) u (2) u Artikolu 55(4) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Ordinarji, Artikolu 26(3) u Artikolu 29(2) u (3) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema, kif ukoll Artikolu 5(1a) u (1b) tal-Liġi Emendata dwar il-Qrati Amministrattivi.

żewġ dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, li kellhom effett dirett, dawn ukoll kienu ta' natura li jiksru l-prinċipju ta' supremazija ta' dan id-dritt.

## 8. Responsabbiltà personali, immunità ġudizzjarja u sospensjoni

***Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021 (Awla Manja), Asociația "Forumul Judecătorilor din România" et (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea – Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni – Artikoli 37 u 38 – Miżuri xierqa – Mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni – Deċiżjoni 2006/928/KE – Natura u effetti legali tal-mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika u tar-rapporti stabbiliti mill-Kummissjoni fuq il-bażi tiegħu – Stat tad-dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Liġijiet u digrieti governattivi ta' urġenza adottati fir-Rumanija matul is-snin 2018 u 2019 fil-qasam tal-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja u tar-responsabbiltà tal-imħallfin – Ħatra ad interim fil-pożizzjonijiet ta' tmexxija tal-Ispettorat Ġudizzjarju – Stabbiliment fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' taqsima inkarigata mill-investigazzjoni tar-reati mwettqa fi ħdan is-sistema ġudizzjarja – Responsabbiltà patrimonjali tal-Istat u responsabbiltà personali tal-imħallfin fil-każ ta' żball ġudizzjarju"*

Sitt talbiet għal deċiżjoni preliminari tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn qrati Rumeni fil-kuntest ta' tilwimiet bejn persuni ġuridiċi jew persuni fiżiċi u awtoritajiet jew korpi bħall-Inspecţia Judiciară (l-Ispettorat Ġudizzjarju, ir-Rumanija), il-Consiliul Superior al Magistraturii (il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura, ir-Rumanija) u l-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casaţie şi Justiţie (l-Uffiċċju tal-Prosekutur fi ħdan il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija).

It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali kienu jaqgħu fil-kuntest ta' riforma kbira fil-qasam tal-ġustizzja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-Rumanija, riforma li ilha mill-2007 suġġetta għal monitoraġġ fil-livell tal-Unjoni Ewropea permezz tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u ta' verifika stabbilit bid-Deċiżjoni 2006/928 fl-okkażjoni tal-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni (iktar 'il quddiem il-"MKV").

Fil-kuntest tan-negozjati għall-finijiet tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni, ir-Rumanija kienet adottat, matul is-sena 2004, tliet liġijiet, imsejħa "Liġijiet dwar il-Ġustizzja", dwar ir-regoli li jirregolaw lill-imħallfin u lill-prosekuturi, dwar l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja u dwar il-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura, bil-għan li tittejjeb l-indipendenza u l-effettività tal-ġustizzja. Matul is-snin 2017 sa 2019, saru emendi għall-imsemmija liġijiet permezz ta' liġijiet u ta' digrieti governattivi ta' urġenza adottati abbażi tal-Kostituzzjoni Rumena. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkontestaw il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' wħud minn dawn l-emendi leġiżlattivi. Insostenn tar-rikorsi tagħhom, huma għamlu riferiment

għal ċerti opinjonijiet u rapporti stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress li sar mir-Rumanija taħt il-MKV, li kienu jikkritikaw, fil-fehma tagħhom, id-dispożizzjonijiet adottati mir-Rumanija matul is-snin 2017 sa 2019 fid-dawl tar-rekwiżiti ta' effikaċja tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u tal-garanzija tal-indipendenza tal-poter ġudizzjarju.

F'dan il-kuntest, il-qrati tar-rinviju staqsew dwar in-natura u l-effetti ġuridiċi tal-MKV kif ukoll dwar il-portata tar-rapporti stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tiegħu. Skont dawn il-qrati, il-kontenut, in-natura u t-tul tal-imsemmi mekkaniżmu kellhom jitqiesu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat ta' Adeżjoni u r-rekwiżiti fformulati f'dawn ir-rapporti kellhom ikunu ta' natura obbligatorja għar-Rumanija. F'dan ir-rigward, madankollu, l-imsemmija qrati għamlu riferiment għal ġurisprudenza nazzjonali fis-sens li d-dritt tal-Unjoni ma kellux supremazija fuq l-ordni kostituzzjonali Rumen u li d-Deċiżjoni 2006/928 ma setgħetx tikkostitwixxi regola ta' riferiment fil-kuntest ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità peress li din id-deċiżjoni kienet ġiet adottata qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni u peress li l-kwistjoni ta' jekk il-kontenut, in-natura u t-tul tagħha kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat ta' Adeżjoni ma kienet is-suġġett ta' ebda interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Wara li kkonstatat li l-leġiżlazzjonijiet li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fir-Rumanija kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/928, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-eżistenza stess ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv intiż li jiżgura l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni hija inerenti għall-valur tal-Istat tad-dritt, li huwa protett mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Hija enfasizzat sussegwentement li kull Stat Membru għandu jiżgura li l-istanzi li, bħala "qrati", jaqgħu taħt is-sistema ta' rimedji tiegħu fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Peress li kienu japplikaw għall-qrati ordinarji msejħa sabiex jaqtgħu kwistjonijiet marbuta mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kellhom għalhekk jissodisfaw l-imsemmija rekwiżiti. F'dan ir-rigward, iż-żamma tal-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura inkwistjoni kienet primordjali, sabiex ikunu protetti kontra interventi jew pressjonijiet esterni, u b'hekk tiġi eskluża kull influwenza diretta iżda wkoll il-forom ta' influwenza iktar indiretta li setgħu jiggwidaw id-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, fir-rigward tar-regoli li kienu jirregolaw is-sistema dixxiplinari tal-imħallfin, li r-rekwiżit ta' indipendenza jimponi li jiġu previsti l-garanziji meħtieġa sabiex jiġi evitat li din is-sistema tintuża bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. B'hekk, leġiżlazzjoni nazzjonali ma tkunx tista' tqajjem dubji f'moħħ il-partijiet fil-kawża dwar l-użu tal-prerogattivi ta' korp ġudizzjarju inkarigat mill-investigazzjonijiet u mill-azzjonijiet dixxiplinari kontra l-imħallfin u l-prosekuturi bħala strument ta' pressjoni fuq l-attività tagħhom jew bħala strument ta' tali kontroll.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali tista' toħloq tali dubji meta jkollha, anki b'mod provviżorju, l-effett li tippermetti lill-Gvern tal-Istat Membru kkonċernat jipproċedi b'ħatriet fil-pożizzjonijiet

ta' tmexxija tal-korp li jkollu l-kompitu li jwettaq l-investigazzjonijiet dixxiplinari u li jeżerċita l-azzjoni dixxiplinari kontra mħallfin u prosekuturi, bi ksur tal-proċedura ordinarja ta' ħatra prevista fid-dritt nazzjonali.

- Il-ħolqien ta' taqsima speċjalizzata tal-proċeduri kriminali li jkollha ġurisdizzjoni esklużiva għar-reati mwettqa mill-membri tal-ġudikatura

Fid-dawl tal-istess kunsiderazzjonijiet ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-ħolqien ta' taqsima speċjalizzata tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku li jkollha l-kompetenza esklużiva sabiex tmexxi l-investigazzjonijiet dwar reati mwettqa mill-imħallfin u mill-prosekuturi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex tkun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, tali leġiżlazzjoni kellha, minn naħa, tkun iġġustifikata minn rekwiżiti oġġettivi u verifikabbli marbuta mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u, min-naħa l-oħra, tiggarantixxi li din it-taqsima ma tkunx tista' tintuża bħala strument ta' kontroll politiku tal-attività tal-imsemmija mħallfin u prosekuturi u teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha b'osservanza tar-rekwiżiti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Fil-każ li dawn ir-rekwiżiti ma jkunux issodisfatti, din il-leġiżlazzjoni setgħet tiġi pperċepita bħala intiża li tistabbilixxi strument ta' pressjoni u ta' intimidazzjoni fir-rigward tal-imħallfin, li tippreġudika l-fiduċja fil-ġustizzja min-naħa tal-partijiet fil-kawża. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma setax ikollha l-effett li tikser l-obbligi speċifiċi tar-Rumanija skont id-Deċiżjoni 2006/928 fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Kienet il-qorti nazzjonali li kellha tivverifika li r-riforma li wasslet, fir-Rumanija, għall-ħolqien ta' taqsima speċjalizzata tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku inkarigat mill-investigazzjonijiet fir-rigward tal-imħallfin u tal-prosekuturi kif ukoll ir-regoli dwar il-ħatra tal-prosekuturi assenjati f'din it-taqsima ma kinux ta' natura li jirrendu l-imsemmija taqsima permeabbli għal influwenzi esterni. Fir-rigward tal-Karta, kienet il-qorti nazzjonali li kellha tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kinitx tipprekludi li l-kawża tal-imħallfin u tal-prosekuturi kkonċernati tkun tista' tinstema' fi żmien raġonevoli.

- Ir-responsabbiltà patrimonjali tal-Istat u r-responsabbiltà personali tal-imħallfin minħabba żball ġudizzjarju

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola r-responsabbiltà patrimonjali tal-Istat u r-responsabbiltà personali tal-imħallfin għad-danni kkawżati minn żball ġudizzjarju setgħet tkun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni biss sa fejn l-invokazzjoni, fil-kuntest ta' azzjoni għal rimedju, tar-responsabbiltà personali ta' mħallef minħabba tali żball ġudizzjarju kienet limitata għal każijiet eċċezzjonali u kienet irregolata minn kriterji oġġettivi u verifikabbli marbuta ma' rekwiżiti bbażati fuq l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, kif ukoll minn garanziji intiżi li jiġi evitat kull riskju ta' pressjoni esterna fuq il-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Għal dan il-għan, regoli ċari u preċiżi li jiddefinixxu l-aġir li seta' jistabbilixxi r-responsabbiltà personali tal-imħallfin kienu essenzjali sabiex

tiġi ggarantita l-indipendenza inerenti għall-kompitu tagħhom u sabiex jiġi evitat li dawn ikunu esposti għar-riskju li r-responsabbiltà personali tagħhom tkun tista' tiġi stabbilita sempliċement minħabba d-deċiżjoni tagħhom. Il-fatt li deċiżjoni tinvolvi żball ġudizzjarju ma setax, fih innifsu, ikun biżżejjed sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà personali tal-imħallef ikkonċernat.

Fir-rigward tal-modalitajiet relatati mal-invokazzjoni tar-responsabbiltà personali tal-imħallfin, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kellha tipprevedi b'mod ċar u preċiż il-garanziji meħtieġa li jiżguraw li la l-investigazzjoni intiża li tivverifika l-eżistenza tal-kundizzjonijiet u taċ-ċirkustanzi li setgħu jistabbilixxu din ir-responsabbiltà u lanqas l-azzjoni għal rimedju ma jkunu jidhru li jistgħu jinbidlu fi strumenti ta' pressjoni fuq l-attività ġudizzjarja. Sabiex jiġi evitat li tali modalitajiet ikollhom effett dissważiv fir-rigward tal-imħallfin fl-eżerċizzju tal-missjoni tagħhom li jagħtu deċiżjoni b'indipendenza sħiħa, l-awtoritajiet kompetenti, sabiex jiftħu u jmexxu din l-investigazzjoni kif ukoll sabiex iressqu l-imsemmija azzjoni, kellhom ikunu huma stess awtoritajiet li jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali, u l-kundizzjonijiet sostantivi kif ukoll il-modalitajiet proċedurali kellhom ikunu tali li ma setgħux joħolqu dubji leġittimi dwar l-imparzjalità ta' dawn l-awtoritajiet. Bl-istess mod, id-drittijiet stabbiliti mill-Karta, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża tal-imħallef, kellhom jiġu rrispettati b'mod sħiħ u l-istanza li tkun kompetenti sabiex tagħti deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà personali tal-imħallef kellha tkun qorti. B'mod partikolari, il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' żball ġudizzjarju ma setgħetx tiġi imposta fil-kuntest ta' azzjoni għal rimedju mressqa mill-Istat kontra l-imħallef ikkonċernat minkejja li dan tal-aħħar ma jkunx instema' matul il-proċedura preċedenti intiża sabiex titqiegħed inkwistjoni r-responsabbiltà patrimonjali tal-Istat.

***Sentenza tat-13 ta' Lulju 2023 (Awla Manja), YP et (Tneħħija tal-immunità u sospensjoni ta' mħallef) (C-615/20 u C-671/20, EU:C:2023:562)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Indipendenza tal-imħallfin – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Artikolu 4(3) TUE – Obbligu ta' kooperazzjoni leali – Tneħħija tal-immunità minn proċeduri kriminali u sospensjoni tal-funzjonijiet ta' mħallef ordnati mill-Izba Dyscyplinarna (l-Awla Dixxiplinari) tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) – Nuqqas ta' indipendenza u ta' imparzjalità ta' din l-awla – Bidla fil-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti mitlub jieħu konjizzjoni ta' kawża li sa dak iż-żmien kienet fdata lil dak l-imħallef – Projbizzjonijiet għall-qrati nazzjonali li jikkontestaw il-leġittimità ta' qorti, li jikkompromettu l-funzjonament tagħha jew li jevalwaw il-legalità jew l-effettività tal-ħatra tal-imħallfin jew tas-setgħat ġudizzjarji tagħhom taħt piena ta' sanzjonijiet dixxiplinari – Obbligu għall-qrati kkonċernati u għall-korpi kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti li jeskludu l-applikazzjoni tal-miżuri ta' tneħħija tal-immunità u ta' sospensjoni tal-imħallef ikkonċernat – Obbligu għal dawn l-istess qrati u korpi li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprevedu l-imsemmija projbizzjonijiet"*

*Il-kawża C-615/20*

Abbażi ta' att ta' akkuża mill-Prokuratura Okręgowa w Warszawie (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja), YP u persuni oħra ġew akkużati quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja) b'sensiela ta' reati kriminali. Din il-kawża ġiet assenjata lil kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku ta' din il-qorti, kompost mill-Imħallef I. T.

Filwaqt li din il-kawża kienet tinsab fi stadju avvanzat ħafna tal-proċedura, il-Prokuratura Krajowa Wydział Spraw Wewnętrznych (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Nazzjonali, Taqsima tal-Affarijiet Interni, il-Polonja), fl-14 ta' Frar 2020, adixxa lill-Awla Dixxiplinari tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) [81] b'talba għal awtorizzazzjoni sabiex jinfetħu proċeduri kriminali kontra l-Imħallef I. T. talli, f'Diċembru 2017, awtorizza rappreżentanti tal-mezzi ta' komunikazzjoni jirreġistraw immaġni u ħsejjes matul seduta kif ukoll matul l-għoti ta' deċiżjoni fil-kawża kkonċernata u l-espożizzjoni orali tal-motivi tagħha u, b'dan il-mod, żvela allegatament informazzjoni li toriġina mill-proċedura istruttorja tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Reġjonali ta' Varsavja fil-kawża inkwistjoni.

Permezz ta' riżoluzzjoni tat-18 ta' Novembru 2020 (iktar 'il quddiem ir-"riżoluzzjoni kontenzjuża"), l-Awla Dixxiplinari awtorizzat il-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra l-Imħallef I. T., issospendietu mill-funzjonijiet tiegħu u naqqset l-ammont tar-remunerazzjoni tiegħu b'25 % għat-tul ta' din is-sospensjoni.

Il-qorti tar-rinviju, li kienet il-kulleġġ ġudikanti tal-Qorti Reġjonali ta' Varsavja responsabbli għall-proċeduri kriminali mibdija b'mod partikolari kontra YP u li fi ħdanha kien sedenti l-Imħallef I. T. bħala mħallef uniku, irrilevat li r-riżoluzzjoni kontenzjuża kienet ta' natura li tipprekludi li hija tkun tista' tkompli din il-proċedura. F'dan il-kuntest, hija ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha sabiex tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jagħtu lil istanza li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma kinux iggarantiti, il-kompetenza sabiex tawtorizza l-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra mħallfin tal-qrati ordinarji u, fil-każ ta' ħruġ ta' tali awtorizzazzjoni, sabiex tissospendi l-funzjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati u sabiex tnaqqas ir-remunerazzjoni tagħhom matul l-imsemmija sospensjoni. Id-domandi tagħha kienu intiżi, essenzjalment, sabiex jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet u tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni [82], l-imħallef uniku li jifforma din il-qorti kienx għadu ġġustifikat li jkompli bl-eżami tal-kawża prinċipali minkejja r-riżoluzzjoni kontenzjuża li ssospendietu mill-funzjonijiet tiegħu.

---

[81] Il-Liġi dwar il-Qorti Suprema tat-8 ta' Diċembru 2017 stabbilixxiet, fi ħdan is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), awla dixxiplinari ġdida msejħa Izba Dyscyplinarna (iktar 'il quddiem l-"Awla Dixxiplinari"). Permezz ta' Liġi tal-20 ta' Diċembru 2019 li emendat il-Liġi dwar il-Qorti Suprema, li daħlet fis-seħħ fl-2020, din l-awla ngħatat kompetenzi ġodda, b'mod partikolari, sabiex tawtorizza l-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra l-imħallfin jew it-tqegħid tagħhom f'detenzjoni provviżorja (punt 1a tal-Artikolu 27(1)).

[82] Jiġifieri l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 2 TUE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li jistabbilixxu l-prinċipju ta' Stat tad-dritt u r-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif ukoll il-prinċipji ta' supremazija, ta' kooperazzjoni leali u ta' ċertezza legali.

*Il-kawża C-671/20*

Kien hemm proċeduri kriminali oħra bejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur Reġjonali ta' Varsavja u M., akkużat ukoll b'diversi reati kriminali, dwar deċiżjoni ta' dan l-uffiċċju tal-prosekutur li ordnat il-ħolqien ta' ipoteka mandatorja fuq proprjetà immobbli ta' M. Dan tal-aħħar ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, qorti li fi ħdanha l-kawża marbuta ma' dan ir-rikors ġiet inizjalment assenjata lill-Imħallef I. T.

Wara l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni kontenzjuża li ssospendiet b'mod partikolari lill-Imħallef I. T. mill-funzjonijiet tiegħu, il-President tal-Qorti Reġjonali ta' Varsavja inkariga lill-Presidenta tat-Taqsima li fiha kien sedenti l-Imħallef I. T. sabiex tibdel il-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti fil-kawżi li kienu ġew assenjati lil dan l-imħallef, bl-eċċezzjoni tal-kawża li fiha l-Imħallef I. T. kien adixxa lill-Qorti tal-Ġustizzja bit-talba għal deċiżjoni preliminari li kienet is-suġġett tal-Kawża C-615/20. Konsegwentement, din il-Presidenta tat-Taqsima adottat digriet li jipproċedi għall-assenjazzjoni mill-ġdid tal-kawżi inizjalment assenjati lill-Imħallef I. T., fosthom il-kawża relatata ma' M.

Skont il-qorti tar-rinviju, jiġifieri kulleġġ ġudikanti ieħor b'Imħallef uniku tal-Qorti Reġjonali ta' Varsavja li lilu ġiet assenjata din il-kawża, dawn l-avvenimenti kienu juru li l-President ta' din il-qorti rrikonoxxa s-saħħa vinkolanti tar-riżoluzzjoni kontenzjuża billi qies li s-sospensjoni tal-funzjonijiet tal-Imħallef I. T. kienet tipprekludi li l-imsemmija kawża tiġi eżaminata minn dan l-imħallef jew li kien jeżisti ostakolu fit-tul għal tali eżami.

Issa, din il-qorti staqsiet dwar in-natura vinkolanti ta' att bħalma kienet ir-riżoluzzjoni kontenzjuża u dwar il-leġittimità tal-kulleġġi ġudikanti l-oħra maħtura wara l-eżekuzzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni. Hija indikat, barra minn hekk, li dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-2019 kienu jipprojbixxuha, taħt piena ta' sanzjonijiet dixxiplinari, milli teżamina n-natura vinkolanti tal-imsemmija riżoluzzjoni. Id-domandi tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja kienu intiżi, essenzjalment, li jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet u tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni [83], hija setgħetx, mingħajr ir-riskju li tiġi stabbilita r-responsabbiltà dixxiplinari tal-Imħallef uniku sedenti fi ħdanha, tqis ir-riżoluzzjoni bħala nieqsa minn saħħa vinkolanti, b'tali mod li hija ma kinitx iġġustifikata li taqta' l-kawża prinċipali li ġiet assenjata lilha mill-ġdid wara din ir-riżoluzzjoni, u jekk din il-kawża kellhiex, għaldaqstant, tiġi assenjata mill-ġdid lill-imħallef inizjalment responsabbli għaliha.

Fis-sentenza tagħha, mogħtija f'dawn il-kawżi magħquda, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, għamlet riferiment għat-tagħlim li jinsab fil-ġurisprudenza tagħha [84], b'mod partikolari fis-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023,

[83] Jiġifieri l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif ukoll il-prinċipji ta' supremazija, ta' kooperazzjoni leali u ta' ċertezza legali.
[84] Dwar in-nuqqas ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-Awla Dixxiplinari stabbilita mil-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2017, kif emendata fil-kuntest tar-riforma tal-ġustizzja Pollakka tal-2019.

Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) [85]. Hija ddeċidiet, essenzjalment, li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jipprekludi dispożizzjonijiet nazzjonali li jippermettu lil istanza, bħalma hija l-Awla Dixxiplinari, li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma jkunux iggarantiti li tneħħi l-immunità ta' mħallef, li tissospendih mill-funzjonijiet tiegħu kif ukoll li tnaqqas ir-remunerazzjoni tiegħu. Hija ppreċiżat ukoll, fid-dawl tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, il-konsegwenzi ta' tali konklużjoni għall-qorti nazzjonali fir-rigward ta' att bħar-riżoluzzjoni kontenzjuża li jinvolvi, bi ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, is-sospensjoni tal-funzjonijiet ta' mħallef li jpoġġi bħala mħallef uniku, kif ukoll għall-korpi ġudizzjarji kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-imsemmija qorti nazzjonali.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jipprekludi dispożizzjonijiet nazzjonali li jagħtu lil istanza li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma jkunux iggarantiti l-kompetenza sabiex tawtorizza l-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra l-imħallfin tal-qrati ordinarji u, fil-każ ta' ħruġ ta' tali awtorizzazzjoni, sabiex tissospendi l-funzjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati u sabiex tnaqqas ir-remunerazzjoni tagħhom matul l-imsemmija sospensjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, sa mit-tressiq ta' dawn iż-żewġ kawżi għal deċiżjoni preliminari, hija tat is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) li fiha hija ddeċidiet b'mod partikolari li, billi tat is-setgħa lill-Awla Dixxiplinari, li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma kinux iggarantiti [86], li taqta' l-kawżi li jkollhom effett dirett fuq l-istatus u l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallef, bħal talbiet għall-awtorizzazzjoni ta' ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra mħallfin, il-Polonja kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE [87].

Fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li s-sempliċi perspettiva, għall-imħallfin, li jinkorru r-riskju li awtorizzazzjoni sabiex jinfetħu proċeduri kriminali kontrihom tkun tista' tintalab u tinkiseb minn istanza li l-indipendenza tagħha ma tkunx iggarantita setgħet taffettwa l-indipendenza tagħhom stess u li l-istess japplika fir-rigward tar-riskji li tali istanza tagħti deċiżjoni dwar is-sospensjoni eventwali tagħhom mill-funzjonijiet tagħhom u ta' tnaqqis tar-remunerazzjoni tagħhom [88].

---

85 Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442), li l-kuntest fattwali u l-kuntest ġuridiku tat-tilwima huma ppreżentati fit-Titolu II. 2., intitolata "'Etika professjonali". Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsimiet "II. 7. "Responsabbiltà dixxiplinari" u "II. 10. Ġurisdizzjoni tal-istħarriġ tal-indipendenza ġudizzjarja".

86 Fil-punt 102 tas-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442), iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza preċedenti tagħha (punt 112 tas-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596), ippreżentata fit-Taqsima II. 7., intitolata "Responsabbiltà dixxiplinari"), irrepetiet l-evalwazzjoni tagħha li l-Awla Dixxiplinari ma kinitx tissodisfa r-rekwiżit ta' indipendenza u ta' imparzjalità meħtieġ.

87 Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), iċċitata iktar 'il fuq, dispożittiv 1.

88 Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), iċċitata iktar 'il fuq, punt 101.

F’dan il-każ, ir-riżoluzzjoni kontenzjuża ġiet adottata fir-rigward tal-Imħallef I. T. [89], abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza ċċitata iktar ’il fuq, iddeċidiet li jmorru kontra t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, sa fejn dawn jagħtu l-kompetenza sabiex jiġu adottati atti bħal din ir-riżoluzzjoni lil tali istanza.

Għalkemm l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat kienu obbligati jemendaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu s-suġġett ta’ sentenza għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu sabiex jirrenduhom konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, il-qrati ta’ dan l-Istat Membru kellhom, min-naħa tagħhom, l-obbligu li jiżguraw l-osservanza ta’ dik is-sentenza fl-eżerċizzju tal-missjoni tagħhom, li jimplika, b’mod partikolari, li dawn il-qrati kellhom jieħdu inkunsiderazzjoni, skont il-każ, l-elementi legali stabbiliti fiha bil-għan li jiddeterminaw il-portata tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li dawn kellhom il-missjoni li japplikaw. Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-615/20 kienet mitluba tislet, fil-kawża prinċipali, il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw mit-tagħlim tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin).

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, il-prinċipju ta’ supremazija tad-dritt tal-Unjoni u l-prinċipju ta’ kooperazzjoni leali f’dan is-sens:

– minn naħa, kulleġġ ġudikanti ta’ qorti nazzjonali, adit b’kawża u kompost minn Imħallef uniku li fil-konfront tiegħu istanza li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma jkunux iggarantiti adottat riżoluzzjoni li tawtorizza l-ftuħ ta’ proċeduri kriminali u li tordna s-sospensjoni tal-funzjonijiet tiegħu kif ukoll it-tnaqqis tar-remunerazzjoni tiegħu, huwa ġġustifikat li jeskludi l-applikazzjoni ta’ tali riżoluzzjoni li tostakola l-eżerċizzju tal-kompetenza tiegħu f’dik il-kawża, u,

– min-naħa l-oħra, il-korpi ġudizzjarji kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti ta’ din il-qorti nazzjonali għandhom jeskludu wkoll l-applikazzjoni ta’ din ir-riżoluzzjoni li tostakola l-eżerċizzju ta’ din il-kompetenza mill-imsemmi kulleġġ ġudikanti.

F’dan ir-rigward, hija fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita [90], il-prinċipju ta’ supremazija tad-dritt tal-Unjoni jimponi, b’mod partikolari, fuq kull qorti nazzjonali li għandha tapplika, fil-kuntest tal-kompetenza tagħha, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, l-obbligu li tiżgura l-effett sħiħ tar-rekwiżiti ta’ dan id-dritt fit-tilwima li jkollha quddiemha billi jekk ikun hemm bżonn ma tapplikax, fuq awtorità tagħha stess, kull leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali li tmur kontra dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li għandha effett dirett, mingħajr ma jkollha titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel ta’ din il-leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali permezz ta’ leġiżlazzjoni jew permezz ta’

[89] Jiġifieri qorti ordinarja li tista’ tintalab tiddeċiedi, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, dwar kwistjonijiet marbuta mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

[90] Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta’ Frar 2022, RS (Effett tad-deċiżjonijiet ta’ qorti kostituzzjonali) (C-430/21, EU:C:2022:99) punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll il-punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata, ippreżentata fit-Taqsima II. 7., intitolata “Responsabbiltà dixxiplinari”.

kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra. L-osservanza ta' dan l-obbligu tikkostitwixxi espressjoni tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.

Issa, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali [91], jibbenefika minn effett dirett li jimplika li ma għandhiex tiġi applikata kull dispożizzjoni nazzjonali, ġurisprudenza jew prattika nazzjonali li tmur kontra dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja [92].

Anki fl-assenza ta' miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jkunu temmew nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qrati nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri kollha sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni skont it-tagħlim li jinsab fis-sentenza li tikkonstata dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Barra minn hekk, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, huma għandhom iħassru l-konsegwenzi illegali ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni.

Sabiex tissodisfa l-imsemmija obbligi, qorti nazzjonali għandha teskludi l-applikazzjoni ta' att bħar-riżoluzzjoni kontenzjuża li, bi ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, ordnat is-sospensjoni tal-funzjonijiet ta' mħallef meta dan ikun indispensabbli fid-dawl tas-sitwazzjoni proċedurali inkwistjoni sabiex tiġi ggarantita s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni [93].

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, meta att bħar-riżoluzzjoni kontenzjuża jkun ġie adottat minn istanza li ma tkunx tikkostitwixxi qorti indipendenti u imparzjali fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, ebda kunsiderazzjoni bbażata fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali jew marbuta ma' allegata awtorità ta' *res judicata* ta' din ir-riżoluzzjoni ma tista' tiġi invokata b'mod utli sabiex il-qorti tar-rinviju u l-korpi ġudizzjarji kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-qorti nazzjonali jiġu preklużi milli jeskludu l-applikazzjoni ta' tali riżoluzzjoni [94].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-proċedura fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-615/20 ġiet sospiża mill-qorti tar-rinviju, fl-istennija ta' din is-sentenza. F'dan il-kuntest, it-tkomplija ta' din il-proċedura mill-imħallef li jifforma l-kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku tal-qorti tar-rinviju, b'mod partikolari fl-istadju avvanzat li fih kienet tinsab l-imsemmija proċedura li kienet partikolarment kumplessa, ma dehritx li tista' tippreġudika ċ-ċertezza legali. Għall-kuntrarju, tidher li kienet ta' natura li tippermetti li t-trattament tal-kawża prinċipali seta' jwassal għal deċiżjoni li tkun konformi, minn naħa,

[91] Li timponi fuq l-Istati Membri obbligu ta' riżultat ċar u preċiż u li ma huwa akkumpanjat minn ebda kundizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-qrati mitluba jinterpretaw u japplikaw id-dritt tal-Unjoni u tar-rekwiżit li dawn ikunu stabbiliti minn qabel bil-liġi.

[92] Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442), punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata, ippreżentata fit-Taqsima II. 7. intitolata "Responsabbiltà dixxiplinari".

[93] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra) (C-487/19, EU:C:2021:798), punti 159 u 161, ippreżentati fit-Taqsimiet "II. 1. Ħatra" u "II. 5. Trasferiment"

[94] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), punt 160, iċċitata iktar 'il fuq.

mar-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u, min-naħa l-oħra, mad-dritt tal-partijiet fil-kawża kkonċernati għal smigħ xieraq f'terminu raġonevoli.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-615/20 kienet iġġustifikata li teskludi l-applikazzjoni tar-riżoluzzjoni kontenzjuża, sabiex tkun tista' tkompli bl-eżami tal-kawża prinċipali fil-kompożizzjoni attwali tagħha mingħajr ma l-korpi ġudizzjarji kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-qorti nazzjonali jkunu jistgħu jostakolaw dan.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll il-prinċipji ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u ta' kooperazzjoni leali b'rabta mas-sitwazzjoni ta' kulleġġ ġudikanti ta' qorti nazzjonali, bħall-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-671/20, li lilu kienet ġiet assenjata mill-ġdid kawża li qabel kienet assenjata lil kulleġġ ġudikanti ieħor ta' din il-qorti nazzjonali u dan bħala konsegwenza ta' att tal-Awla Dixxiplinari bħar-riżoluzzjoni kontenzjuża, sabiex jiġi ddeterminat, b'mod partikolari, jekk din il-qorti tar-rinviju kellhiex, f'dan il-każ, teskludi l-applikazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni u tastjeni milli tkompli bl-eżami tal-imsemmija kawża.

Hija enfasizzat, f'dan ir-rigward, li l-obbligu, għall-qrati nazzjonali, li jeskludu l-applikazzjoni ta' riżoluzzjoni li twassal, bi ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għas-sospensjoni tal-funzjonijiet ta' mħallef, meta dan ikun indispensabbli fir-rigward tas-sitwazzjoni proċedurali inkwistjoni sabiex tiġi ggarantita s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, kien impost, b'mod partikolari, fuq il-kulleġġ ġudikanti li lilu l-kawża tkun ġiet assenjata mill-ġdid minħabba tali riżoluzzjoni. Dan il-kulleġġ ġudikanti jkollu, konsegwentement, jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' din il-kawża. L-imsemmi obbligu jorbot ukoll lill-korpi kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-qorti nazzjonali, li jkollhom, għaldaqstant, jassenjaw mill-ġdid l-istess kawża lill-kulleġġ ġudikanti li inizjalment kien adit biha.

F'dan il-każ, ebda kunsiderazzjoni bbażata fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali jew marbuta ma' allegata awtorità ta' *res judicata* tal-imsemmija riżoluzzjoni ma setgħet tiġi invokata b'mod utli.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fil-Kawża C-671/20, u b'differenza minn kawżi oħra assenjati lill-Imħallef I. T. li, fil-frattemp, ġew ukoll assenjati mill-ġdid lil kulleġġi ġudikanti oħra, iżda li l-eżami tagħhom kien tkompla jew, skont il-każ, ingħalaq bl-adozzjoni ta' deċiżjoni minn dawn il-kulleġġi ġudikanti l-ġodda, il-proċedura fil-kawża prinċipali ġiet sospiża sakemm tingħata din is-sentenza. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tkomplija ta' din il-proċedura mill-Imħallef I. T. tidher li kienet ta' natura li tippermetti li l-imsemmija proċedura setgħet, minkejja d-dewmien ikkawżat mir-riżoluzzjoni kontenzjuża, twassal għal deċiżjoni li tkun konformi kemm mar-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll ma' dawk li jirriżultaw mid-dritt tal-parti fil-kawża kkonċernata għal smigħ xieraq.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll il-prinċipji ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u ta' kooperazzjoni leali fis-sens li:

– minn naħa, kulleġġ ġudikanti ta' qorti nazzjonali li, wara li jkun ġie assenjat mill-ġdid kawża li qabel kienet assenjata lil kulleġġ ġudikanti ieħor ta' din il-qorti u dan bħala konsegwenza ta' riżoluzzjoni adottata minn istanza li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma kinux iggarantiti u li tkun awtorizzat il-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra l-imħallef uniku li jifforma dan l-aħħar kulleġġ ġudikanti u tkun ordnat is-sospensjoni tal-funzjonijiet tiegħu kif ukoll it-tnaqqis tar-remunerazzjoni tiegħu, ikun iddeċieda li jissospendi t-trattament ta' din il-kawża sakemm tingħata deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jeskludi l-applikazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni u jastjeni milli jkompli bl-eżami tal-imsemmija kawża, u,

– min-naħa l-oħra, il-korpi ġudizzjarji kompetenti fil-qasam tad-determinazzjoni u tat-tibdil tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-qorti nazzjonali huma obbligati, f'każ bħal dan, li jassenjaw mill-ġdid din l-istess kawża lill-kulleġġ ġudikanti inizjalment responsabbli għaliha.

Għal dak li jirrigwarda, fir-raba' lok, id-dispożizzjonijiet nazzjonali u l-ġurisprudenza ta' qorti kostituzzjonali msemmija mill-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-671/20 [95], li jipprekludu li din il-qorti tal-aħħar tkun tista', minkejja li hija obbligata tagħmel dan fid-dawl tar-risposti mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi l-oħra tagħha, tagħti deċiżjoni dwar l-assenza ta' saħħa vinkolanti ta' att bħar-riżoluzzjoni kontenzjuża u teskludi, jekk ikun il-każ, l-applikazzjoni tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-fatt, għal qorti nazzjonali, li teżerċita l-funzjonijiet fdati lilha mit-Trattati u li tosserva l-obbligi tagħha taħt dawn it-Trattati, billi tagħti effett lil dispożizzjoni bħat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, ma jistax jiġi pprojbit lilha u lanqas ma jista' jitqies li jkun ksur dixxiplinari fil-konfront tal-imħallfin sedenti f'tali qorti [96].

Bl-istess mod, fid-dawl tal-effett dirett li għandu t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jimponi fuq il-qrati nazzjonali l-obbligu li ma japplikawx kull ġurisprudenza nazzjonali li tmur kontra din id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, fil-każ li, wara sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, qorti nazzjonali titwassal sabiex tqis li l-ġurisprudenza ta' qorti kostituzzjonali tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, il-fatt, għal tali qorti nazzjonali, li ma tapplikax l-imsemmija ġurisprudenza kostituzzjonali, konformement

[95] L-Artikolu 42a(1) u (2) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji tas-27 ta' Lulju 2001, kif emendata bil-Liġi tal-20 ta' Diċembru 2019, kien jipprevedi, b'mod partikolari, fir-rigward tal-imsemmija qrati, projbizzjonijiet li tiġi kkontestata l-leġittimità tal-qrati jew li tiġi evalwata l-legalità tal-ħatra ta' mħallef jew tas-setgħa tiegħu li jeżerċita funzjonijiet fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-punt 3 tal-Artikolu 107(1) ta' din l-istess liġi kien jistabbilixxi bħala reat dixxiplinari, b'mod partikolari, kull att tal-imħallfin tal-qrati ordinarji li jikkontesta l-effettività tal-ħatra ta' mħallef.

[96] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-Imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442), punt 132, ippreżentata fit-Taqsima II. 7., intitolata "Responsabbiltà dixxiplinari".

mal-prinċipju ta' supremazija ta' dan id-dritt, ma jistax ikun ta' natura li jistabbilixxi r-responsabbiltà dixxiplinari tagħha [97].

Konsegwentement, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll il-prinċipji ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u ta' kooperazzjoni leali jipprekludu:

– minn naħa, dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprojbixxu lil qorti nazzjonali, taħt piena ta' sanzjonijiet dixxiplinari imposti fuq l-imħallfin li jifformawha, milli teżamina n-natura vinkolanti ta' att adottat minn istanza li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma jkunux iggarantiti u li tkun awtorizzat il-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra mħallef u tkun ordnat is-sospensjoni tal-funzjonijiet tiegħu kif ukoll it-tnaqqis tar-remunerazzjoni tiegħu, u, jekk ikun il-każ, milli teskludi l-applikazzjoni ta' dan l-att, u,

– min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza ta' qorti kostituzzjonali li bis-saħħa tagħha l-atti ta' ħatra tal-imħallfin ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju, sa fejn l-imsemmija ġurisprudenza tkun ta' natura li tostakola dan l-istess eżami.

## 9. Inamovibbiltà tal-imħallfin u età tal-irtirar

***Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema), (C-619/18, [EU:C:2019:531])***

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Prinċipji ta' inamovibbiltà u ta' indipendenza tal-imħallfin – Tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema – Applikazzjoni għall-imħallfin fil-kariga – Possibbiltà ta' tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-imħallef lil hinn minn din l-età suġġetta għall-kisba ta' awtorizzazzjoni li tirriżulta mid-deċiżjoni diskrezzjonali tal-President tar-Repubblika"*

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħet ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni kontra r-Repubblika tal-Polonja u intiż li jiġi kkonstatat li, minn naħa, billi ppreveda l-applikazzjoni tal-miżura intiża għat-tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) għall-imħallfin fil-kariga li kienu nħatru f'din il-qorti qabel it-3 ta' April 2018 u, min-naħa l-oħra, billi ta lill-President tar-Repubblika s-setgħa diskrezzjonali li jestendi l-funzjoni ġudizzjarja attiva tal-imħallfin tal-imsemmija qorti lil hinn mill-età tal-irtirar stabbilita mill-ġdid, dan l-Istat Membru kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

Il-Kummissjoni kkritikat lir-Repubblika tal-Polonja bi ksur, minħabba dawn il-miżuri, tal-prinċipju ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura u, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta'

[97] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442), punt 132, iċċitata iktar 'il fuq.

inamovibbiltà tagħhom, u bil-ksur, minħabba f'hekk, tal-obbligi li jirriżultaw, għall-Istati Membri, mid-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ewwel lok, ħadet pożizzjoni dwar l-applikabbiltà u l-portata tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. F'dan ir-rigward, hija fakkret li din id-dispożizzjoni timponi fuq l-Istati Membri kollha li jistabbilixxu r-rimedji ġudizzjarji neċessarji sabiex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fis-sens b'mod partikolari tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. B'mod iktar partikolari, kull Stat Membru għandu jiżgura, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li l-istanzi li, bħala "qorti" fis-sens kif iddefinit mid-dritt tal-Unjoni, jagħmlu parti mis-sistema ta' rimedji ġudizzjarji tiegħu fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni u li, għaldaqstant, jistgħu jkunu meħtieġa jaqtgħu kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni ta' dan id-dritt, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, punt li f'dan il-każ japplika għall-Qorti Suprema Pollakka. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, sabiex jiġi żgurat li din il-qorti tkun tista' toffri tali protezzjoni, il-preżervazzjoni tal-indipendenza tagħha hija fundamentali hekk kif jikkonferma t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta. Ir-rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati, li huwa inerenti għall-kompitu li tingħata deċiżjoni, jagħmel parti mill-kontenut essenzjali tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, li għandu importanza kardinali sa fejn jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet kollha li l-individwi jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni u l-ħarsien tal-valuri komuni għall-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari tal-valur tal-Istat tad-dritt.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata ta' dan ir-rekwiżit. F'dan ir-rigward, hija stabbilixxiet li l-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità jirrikjedu l-eżistenza ta' regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-istanzi kkonċernati, tal-ħatra, tat-tul tal-kariga kif ukoll tal-kawżi ta' astensjoni, ta' rikuża u ta' tkeċċija tal-membri tagħhom, li jippermettu li jiġi eskluż kull dubju leġittimu, f'moħħ l-individwi, dwar l-impermeabbiltà tal-imsemmija istanzi fil-konfront ta' elementi esterni u dwar in-newtralità tagħhom fil-konfront tal-interessi inkwistjoni. B'mod partikolari, din il-libertà indispensabbli tal-imħallfin fil-konfront ta' kwalunkwe interferenza jew pressjoni esterna tirrikjedi ċerti garanziji ta' natura li jipproteġu lill-persuna ta' dawk li għandhom il-kompitu li jagħtu deċiżjoni, fosthom l-inamovibbiltà. Dan il-prinċipju ta' inamovibbiltà jirrikjedi, b'mod partikolari, li l-imħallfin ikunu jistgħu jibqgħu fil-kariga sakemm jilħqu l-età obbligatorja tal-irtirar jew sa tmiem il-mandat tagħhom meta dan tal-aħħar ikun għal perijodu determinat. Mingħajr ma għandu natura totalment assoluta, dan il-prinċipju jista' jiġi suġġett għal eċċezzjonijiet biss jekk ikun hemm raġunijiet leġittimi u imperattivi li jkunu jiġġustifikaw dan, b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-riforma kkontestata kellha bħala konsegwenza t-tmiem antiċipat tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tal-imħallfin diġà fil-kariga fi ħdan il-Qorti Suprema u li għalhekk setgħet biss tiġi aċċettata jekk kienet iġġustifikata minn għan leġittimu u proporzjonat fid-dawl ta' dan u sakemm ma tagħtix lok għal dubji

leġittimi, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, bħal dawk imsemmija iktar 'il fuq. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-applikazzjoni tal-miżura ta' tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema fir-rigward tal-imħallfin fil-kariga fi ħdan din il-qorti ma kinitx tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet minħabba, b'mod partikolari, li ma kinitx iġġustifikata minn għan leġittimu. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li l-imsemmija applikazzjoni kienet qed tikser il-prinċipju ta' inamovibbiltà tal-imħallfin, li kien inerenti għall-indipendenza tagħhom.

Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar is-setgħa diskrezzjonali, mogħtija permezz tal-Liġi l-ġdida dwar il-Qorti Suprema lill-President tar-Repubblika, li biha setgħa jestendi l-funzjoni ġudizzjarja attiva tal-imħallfin ta' din il-qorti lil hinn mill-età tal-irtirar il-ġdida stabbilita minn din il-liġi. Hija qieset li, għalkemm huwa l-kompitu esklużiv tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jippermettux jew le tali estensjoni, xorta jibqa' l-fatt li, meta jagħżlu tali mekkaniżmu, huma obbligati jiżguraw li l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li għalihom tkun suġġetta tali estensjoni ma jkunux tali li jiksru l-prinċipju ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura. F'dan ir-rigward, huwa minnu li l-fatt li korp bħall-President tar-Repubblika jkollu s-setgħa li jiddeċiedi jekk jagħtix jew le tali estensjoni eventwali ma huwiex biżżejjed, waħdu, sabiex jiġi konkluż li jkun hemm ksur tal-imsemmi prinċipju. Madankollu, huwa importanti li l-imsemmija kundizzjonijiet sostantivi u modalitajiet proċedurali li jirregolaw l-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet ikunu tali li ma jkunux jistgħu jagħtu lok għal dubji leġittimi, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura kkonċernati. Għal dak il-għan, huwa importanti, b'mod partikolari, li l-imsemmija kundizzjonijiet u modalitajiet jitfasslu b'tali mod li dawn l-imħallfin ikunu ħielsa minn kull eventwali tentazzjoni li jċedu għal interventi jew għal pressjonijiet esterni li jkunu jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tagħhom. Għalhekk, tali modalitajiet għandhom, b'mod partikolari, jippermettu l-esklużjoni mhux biss ta' kwalunkwe influwenza diretta, fil-forma ta' istruzzjonijiet, iżda wkoll ta' forom iktar indiretti ta' influwenza li jkunu jistgħu jiggwidaw id-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati. Issa, fir-rigward tal-Liġi l-ġdida dwar il-Qorti Suprema, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din il-liġi kienet tipprevedi li l-estensjoni tal-funzjoni ġudizzjarja attiva tal-imħallfin ta' din il-qorti issa kienet suġġetta għal deċiżjoni ta' natura diskrezzjonali mill-President tar-Repubblika, li ma kellhiex għalfejn tiġi motivata u li ma setgħetx tkun is-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju. Fir-rigward tal-intervent, previst minn din il-liġi, tal-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja) qabel it-teħid tad-deċiżjoni tal-President tar-Repubblika, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li kien minnu li l-intervent ta' tali istanza, fil-kuntest ta' proċess ta' estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallef lil hinn mill-età normali tal-irtirar tiegħu, seta', bħala prinċipju, ikun ta' natura li jikkontribwixxi sabiex dan il-proċess ikun oġġettiv. Madankollu, dan kien ikun il-każ biss meta jkunu ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet u, b'mod partikolari, meta din l-istanza tkun hija stess indipendenti mill-poter leġiżlattiv u mill-poter eżekuttiv u mill-awtorità li lilha tkun meħtieġa tagħti opinjoni, u meta tali opinjoni tingħata fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u rilevanti u tkun debitament motivata, b'tali mod li tkun kapaċi tagħti informazzjoni oġġettiva lil din l-awtorità fit-teħid tad-deċiżjoni tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kien biżżejjed li jiġi kkonstatat li, fid-dawl b'mod partikolari tal-assenza ta'

motivazzjoni tagħhom, l-opinjonijiet mogħtija mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura ma kinux tali li setgħu jikkontribwixxu sabiex tingħata informazzjoni oġġettiva fir-rigward tal-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lill-President tar-Repubblika permezz tal-Liġi l-ġdida dwar il-Qorti Suprema, b'tali mod li din is-setgħa kienet ta' natura li tagħti lok għal dubji leġittimi, b'mod partikolari f'moħħ l-individwi, dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fil-konfront ta' fatturi esterni u dwar in-newtralità tagħhom fil-konfront tal-interessi li setgħu kienu inkwistjoni quddiemhom.

***Sentenza tal-5 ta' Novembru 2019 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji) (C-192/18, EU:C:2019:924)***

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Stat tad-dritt – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Prinċipji ta' inamovibbiltà u ta' indipendenza tal-imħallfin – Tnaqqis tal-età tal-irtirar għal imħallfin fil-qrati ordinarji Pollakki – Possibbiltà li mħallef ikompli fil-kariga tiegħu lil hinn mill-età stabbilita mill-ġdid suġġetta għall-awtorizzazzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja – Artikolu 157 TFUE – Direttiva 2006/54/CE – Artikolu 5(a) u Artikolu 9(1)(f) – Projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq is-sess fil-qasam tar-remunerazzjoni, tal-impjieg u tax-xogħol – Introduzzjoni ta' etajiet tal-irtirar differenti għan-nisa u għall-irġiel għal imħallfin fil-qrati ordinarji Pollakki u fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) kif ukoll għal avukati tal-Istat Pollakki"*

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħet ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni kontra r-Repubblika tal-Polonja u kkonstatat li dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni, minn naħa, għaliex stabbilixxa età tal-irtirar differenti għan-nisa u għall-irġiel li jappartjenu għall-ġudikatura Pollakka u, min-naħa l-oħra, għaliex naqqas l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji, filwaqt li ta lill-Ministru għall-Ġustizzja s-setgħa li jestendi l-perijodu ta' attività ta' dawn l-imħallfin.

Liġi Pollakka tat-12 ta' Lulju 2017 naqqset l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji u tal-avukati tal-Istat kif ukoll l-età tal-irtirar kmieni tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) għal 60 sena għan-nisa u għal 65 sena għall-irġiel, meta dawn l-etajiet qabel kienu stabbiliti għal 67 sena għaż-żewġ sessi. Barra minn hekk, din il-liġi tat lill-Ministru tal-Ġustizzja s-setgħa li jestendi l-perijodu ta' attività tal-imħallfin tal-qrati ordinarji lil hinn mill-etajiet ġodda tal-irtirar, b'distinzjoni skont is-sess, hekk stabbiliti. Peress li qieset li dawn ir-regoli jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni [98], il-Kummissjoni ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar id-differenzi hekk stabbiliti minn din il-liġi f'dak li jirrigwarda l-etajiet tal-irtirar li japplikaw rispettivament għall-imħallfin u l-

[98] Artikolu 157 TFUE, Artikolu 5(a) u Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54, kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

avukati tal-Istat nisa u għall-imħallfin u l-avukati tal-Istat irġiel. F'dan ir-rigward, hija, qabelxejn, irrilevat li l-pensjonijiet ta' rtirar li jibbenefikaw minnhom l-imsemmija mħallfin u avukati tal-Istat kienu jaqgħu taħt l-Artikolu 157 TFUE, li jipprovdi li kull Stat Membru għandu jiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' remunerazzjoni ugwali għall-ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa għall-istess xogħol. L-iskemi tal-pensjoni inkwistjoni kienu jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/54 iddedikati għall-ugwaljanza fit-trattament fl-iskemi professjonali ta' sigurtà soċjali. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din l-istess liġi introduċiet kundizzjonijiet direttament diskriminatorji bbażati fuq is-sess, b'mod partikolari fir-rigward tal-mument li fih il-persuni kkonċernati setgħu jibbenefikaw minn aċċess effettiv għall-vantaġġi previsti mill-iskemi tal-pensjoni kkonċernati. Fl-aħħar nett, hija ċaħdet l-argument tar-Repubblika tal-Polonja li d-differenzi hekk previsti bejn membri tal-ġudikatura nisa u membri tal-ġudikatura rġiel fir-rigward tal-età ta' aċċess għal pensjoni tal-irtirar kienu jikkostitwixxu miżura ta' diskriminazzjoni pożittiva. Fil-fatt, dawn id-differenzi ma kinux ta' natura li jikkumpensaw għall-iżvantaġġi li għalihom kienu esposti l-karrieri tal-uffiċjali nisa billi jgħinu lil dawn in-nisa fil-ħajja professjonali tagħhom u billi jirrimedjaw għall-problemi li setgħu jiltaqgħu magħhom matul il-karriera tagħhom. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet tikser l-Artikolu 157 TFUE, kif ukoll id-Direttiva 2006/54.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-miżura li kienet tikkonsisti fl-għoti lill-Ministru għall-Ġustizzja tas-setgħa li jiddeċiedi jekk jawtorizzax jew le t-tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-imħallfin tal-qrati ordinarji lil hinn mill-età l-ġdida tal-irtirar kif imnaqqsa. Fid-dawl, b'mod partikolari, tas-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) [99], hija l-ewwel ħadet pożizzjoni dwar l-applikabbiltà u l-portata tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jobbliga lill-Istati Membri jimplimentaw ir-rimedji ġudizzjarji neċessarji sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-qrati ordinarji Pollakki setgħu jissejħu sabiex jagħtu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet marbuta mad-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li dawn kellhom jissodisfaw ir-rekwiżiti inerenti għal tali protezzjoni. Issa, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu f'pożizzjoni li joffru din il-protezzjoni, il-ħarsien tal-indipendenza tagħhom kien ta' importanza primordjali.

Din l-indipendenza teħtieġ, skont ġurisprudenza stabbilita, li l-qorti kkonċernata teżerċita l-funzjonijiet tagħha b'awtonomija sħiħa u b'mod imparzjali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li kien minnu li l-fatt li korp bħall-Ministru għall-Ġustizzja jkollu s-setgħa jiddeċiedi jagħtix jew le estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji lil hinn mill-età normali tal-irtirar ma kienx biżżejjed, waħdu, sabiex jiġi konkluż li kien hemm ksur tal-prinċipju ta' indipendenza. Madankollu, hija kkonstatat li l-kundizzjonijiet

99 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531), ippreżentata f'din it-taqsima.

sostantivi u l-modalitajiet proċedurali marbuta ma' din is-setgħa ta' deċiżjoni kienu, f'dan il-każ, ta' natura li joħolqu dubji leġittimi dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fil-konfront ta' fatturi esterni u dwar in-newtralità tagħhom. Fil-fatt, minn naħa, il-kriterji li abbażi tagħhom il-Ministru kien ser ikun meħtieġ jieħu d-deċiżjoni tiegħu kienu vagi wisq u ma setgħux jiġu vverifikati, u l-imsemmija deċiżjoni ma kellhiex bżonn tkun motivata u ma setgħetx tkun is-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju. Min-naħa l-oħra, it-tul tal-perijodu li matulu l-imħallfin setgħu jibqgħu jistennew id-deċiżjoni tal-Ministru kien suġġett għad-diskrezzjoni ta' dan tal-aħħar.

Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita wkoll, l-impermeabbiltà indispensabbli tal-imħallfin fir-rigward ta' kwalunkwe interventi jew pressjonijiet esterni tirrikjedi ċerti garanziji li jipproteġu lill-persuna minn dawk li jkollhom il-kompitu li jieħdu deċiżjoni, bħall-inamovibbiltà. Il-prinċipju ta' inamovibbiltà jirrikjedi, b'mod partikolari, li l-imħallfin ikunu jistgħu jibqgħu fil-kariga sakemm jilħqu l-età obbligatorja tal-irtirar jew sa tmiem il-mandat tagħhom meta dan tal-aħħar ikun għal perijodu determinat. Mingħajr ma huwa totalment assolut, dan il-prinċipju jista' jiġi suġġett għal eċċezzjonijiet sakemm ikun hemm raġunijiet leġittimi u imperattivi li jiġġustifikawh, u dan fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Issa, f'dan il-każ, il-kombinazzjoni tal-miżura ta' tnaqqis tal-età normali tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji u tal-miżura li tagħti lill-Ministru għall-Ġustizzja s-setgħa diskrezzjonali li jiddeċiedi jekk jawtorizzax it-tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dawn l-imħallfin lil hinn mill-età l-ġdida tal-irtirar kif stabbilita, għal għaxar snin għall-imħallfin nisa u għal ħames snin għall-imħallfin irġiel, kienet tmur kontra dan il-prinċipju. Fil-fatt, din il-kombinazzjoni ta' miżuri kienet ta' natura li toħloq, f'moħħ l-individwi, dubji leġittimi dwar il-fatt li s-sistema l-ġdida setgħet fir-realtà tkun intiża li tippermetti lill-Ministru jeskludi, ladarba jilħqu l-età normali tal-irtirar kif stabbilita reċentement, ċerti gruppi ta' mħallfin filwaqt li jżomm fil-kariga parti oħra minnhom. Barra minn hekk, peress li d-deċiżjoni tal-Ministru ma kienet suġġetta għal ebda terminu u peress li l-imħallef ikkonċernat kellu jibqa' fil-kariga sakemm tingħata tali deċiżjoni, l-eventwali deċiżjoni negattiva tal-Ministru setgħet tittieħed wara li l-persuna kkonċernata tkun inżammet fil-kariga lil hinn mill-età l-ġdida tal-irtirar.

## 10. Ġurisdizzjoni tal-istħarriġ tal-indipendenza ġudizzjarja

***Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442)***

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Indipendenza ġudizzjarja – Artikolu 267 TFUE – Possibbiltà li jsiru domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Kompetenzi fil-qasam ta' tneħħija tal-immunità kriminali tal-imħallfin u fil-qasam tad-dritt tax-xogħol, tas-sigurtà soċjali u tal-irtirar kmieni tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) mogħtija lill-Awla Dixxiplinari ta' dik il-qorti – Projbizzjoni għall-qrati nazzjonali li jikkontestaw il-leġittimità*

*tal-qrati u tal-korpi kostituzzjonali jew li jikkonstataw jew jevalwaw il-legalità tal-ħatra tal-imħallfin jew tas-setgħat ġudizzjarji tagħhom – Verifika minn qorti tal-osservanza ta' ċerti rekwiżiti dwar l-eżistenza ta' qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi meqjusa bħala 'reat dixxiplinari' – Kompetenza esklużiva sabiex jiġu eżaminati l-kwistjonijiet relatati mal-assenza ta' indipendenza ta' qorti jew ta' mħallef mogħtija lill-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) – Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Il-punti (c) u (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1), u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(3) – Artikolu 9(1) – Data sensittiva – Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq l-imħallfin l-obbligu li jagħmlu dikjarazzjoni dwar is-sħubija tagħhom f'assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet jew partiti politiċi, kif ukoll dwar il-funzjonijiet eżerċitati fihom, u li tipprevedi t-tqegħid online tad-data li tinsab f'dawn id-dikjarazzjonijiet"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [100], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi tat lill-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) il-kompetenza esklużiva sabiex teżamina l-ilmenti u l-kwistjonijiet ta' liġi dwar l-assenza ta' indipendenza ta' qorti jew ta' mħallef [101], il-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet magħquda tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll skont l-Artikolu 267 TFUE u l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-organizzazzjoni mill-ġdid u l-konċentrazzjoni tal-kompetenzi ġudizzjarji inkwistjoni kienu jirrigwardaw ċerti rekwiżiti ta' natura kostituzzjonali u proċedurali li joħorġu mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u mill-Artikolu 47 tal-Karta, li l-osservanza tagħhom kellha tiġi ggarantita b'mod trażversali fl-oqsma sostantivi ta' applikazzjoni kollha tad-dritt tal-Unjoni u quddiem il-qrati nazzjonali kollha aditi b'kawżi li jaqgħu taħt dawn l-oqsma. F'dan ir-rigward, dawn id-dispożizzjonijiet kellhom rabta mill-qrib mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni li l-implimentazzjoni tiegħu mill-qrati nazzjonali tikkontribwixxi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet li d-dritt tal-Unjoni jagħti lill-partijiet f'kawża.

F'dan il-kuntest, sa fejn, b'mod partikolari, kull qorti nazzjonali msejħa sabiex tapplika d-dritt tal-Unjoni għandha l-obbligu li tivverifika jekk, bil-kompożizzjoni tagħha, hija tkunx tikkostitwixxi qorti indipendenti u imparzjali stabbilita bil-liġi, meta jitnissel dubju serju fuq dan il-punt, u sa fejn tali qrati għandhom ukoll, f'ċerti ċirkustanzi, ikunu jistgħu jivverifikaw jekk irregolarità li tivvizzja l-proċedura ta' ħatra ta' mħallef setgħetx twassal għal ksur tad-dritt fundamentali għal tali qorti, huwa eskluż li l-istħarriġ, mill-qrati nazzjonali, tal-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti jkun jista' jaqa', b'mod ġenerali u mingħajr

[100] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II. 2., intitolata "'Etika professjonali". Din is-sentenza hija ppreżentata wkoll fit-Taqsima II. 7., intitolata "Responsabbiltà dixxiplinari".

[101] Artikolu 26(2) u (4) sa (6) u Artikolu 82(2) sa (5) tal-Liġi Emendata dwar il-Qorti Suprema u Artikolu 10 tal-Liġi li Temenda l-Liġi dwar il-Qorti Suprema.

distinzjoni, taħt istanza nazzjonali waħda u unika, u iżjed u iżjed jekk dik l-istanza nnifisha ma tkunx tista', skont id-dritt nazzjonali, teżamina ċerti aspetti inerenti għal dawn ir-rekwiżiti. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kellhom bħala għan li jirriżervaw lil istanza waħda u unika l-istħarriġ ġeneralizzat tar-rekwiżiti dwar l-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin kollha, kemm tal-ordinament ġudizzjarju kif ukoll tal-ordinament amministrattiv, billi jċaħħdu, f'dan ir-rigward, mill-kompetenzi tagħhom, lill-qrati nazzjonali li sa dak iż-żmien kellhom kompetenza sabiex jeżerċitaw id-diversi tipi ta' stħarriġ meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni u milli japplikaw il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Hija enfasizzat, mill-ġdid, il-kuntest partikolari li tidħol fih l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-kompetenzi ġudizzjarji inkwistjoni mwettqa mil-Liġi Emendatorja, li kienet ikkaratterizzata miċ-ċirkustanza li l-imħallfin Pollakki kienu, barra minn hekk, preklużi milli jwettqu ċerti konstatazzjonijiet u evalwazzjonijiet li kienet ir-responsabbiltà tagħhom li jagħmlu skont id-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-fatt li ġiet fdata f'istanza nazzjonali waħda u unika l-kompetenza sabiex tivverifika r-rispett tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, minkejja li n-neċessità għal tali verifika setgħet tqum quddiem kwalunkwe qorti nazzjonali, kien, flimkien mal-istabbiliment ta' diversi projbizzjonijiet u reati dixxiplinari, ta' natura li jikkontribwixxi sabiex idgħajjef l-effettività tal-istħarriġ tar-rispett ta' dan id-dritt fundamentali. Billi kienu għalhekk jipprekludu mingħajr distinzjoni lill-qrati l-oħra milli jagħmlu dak li kien neċessarju sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt tal-partijiet f'kawża għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva billi jwarrbu, skont il-bżonn, huma stess, l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali kuntrarji għar-rekwiżiti li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kienu jiksru wkoll il-prinċipju ta' supremazija ta' dan id-dritt. Barra minn hekk, peress li l-fatt innifsu li l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema tingħata kompetenza esklużiva sabiex taqta' ċerti kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta kien ta' natura li jipprekludi jew jiskoraġġixxi lill-qrati l-oħrajn milli jressqu talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kienu jiksru wkoll l-Artikolu 267 TFUE.

## III. L-indipendenza tal-proċess deċiżjonali fil-proċeduri li jirrigwardaw l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni

***Sentenza tal-11 ta' Lulju 2024 (Awla Manja), Hann-Invest et (C-554/21, C-622/21 u C-727/21,*** **EU:C:2024:594*)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – Qorti Ġenerali qabel mil-liġi – Smigħ xieraq – Dipartiment ta' reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-istabbiliment ta' mħallef tar-*

*reġistrazzjoni, fil-qrati tat-tieni istanza, li għandu, fil-prattika, is-setgħa li jissospendi l-għoti ta' deċiżjoni, li jagħti istruzzjonijiet lill-kulleġġ ġudikanti u li jitlob il-konvokazzjoni ta' laqgħa tas-sezzjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi s-setgħa sabiex il-laqgħat ta' sezzjoni jew tal-imħallfin kollha ta' qorti joħorġu 'pożizzjonijiet legali' vinkolanti, inklużi għall-kawżi li diġà ġew deliberati"*

L-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kien inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif ukoll għal smigħ xieraq, mekkaniżmu intern għal qorti nazzjonali li kien jipprevedi l-intervent, fil-proċess deċiżjonali tal-kulleġġ ġudikanti responsabbli minn kawża, ta' mħallfin oħra tal-qorti kkonċernata, sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-ġurisprudenza tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistoqsija dwar dan is-suġġett mill-Visoki trgovački sud (il-Qorti Kummerċjali tal-Appell, il-Kroazja), adita bi tliet appelli minn digrieti mogħtija fil-kuntest ta' proċeduri ta' insolvenza. Il-qorti tar-rinviju, sedenti f'kulleġġi ġudikanti bi tliet Imħallfin, eżaminat dawn it-tliet appelli u ċaħdithom bl-unanimità, u b'hekk ikkonfermat id-deċiżjonijiet mogħtija fl-ewwel istanza. L-imħallfin ta' din il-qorti ffirmaw is-sentenzi tagħhom u ttrażmettewhom sussegwentement lid-dipartiment tar-reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji tagħha [102].

Issa, l-imħallef tad-dipartiment tar-reġistrazzjoni (iktar 'il quddiem l-"imħallef tar-reġistrazzjoni") irrifjuta li jirreġistra dawn it-tliet deċiżjonijiet ġudizzjarji u bagħthom lill-kulleġġi ġudikanti rispettivi, flimkien ma' ittra li tindika li huwa ma kienx jaqbel mas-soluzzjonijiet adottati. Fi tnejn minn dawn il-kawżi (C-554/21 u C-622/21), dan l-imħallef semma deċiżjonijiet oħra tal-qorti tar-rinviju li adottaw soluzzjonijiet differenti minn dawk adottati fil-kawżi prinċipali. Fit-tielet kawża (C-727/21), huwa indika n-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-interpretazzjoni ġuridika adottata mill-kulleġġ ġudikanti, mingħajr madankollu ma invoka ebda deċiżjoni ġudizzjarja.

Sussegwentement, fil-Kawża C-727/21, il-kulleġġ ġudikanti ltaqa' għal deliberazzjonijiet ġodda. Wara li eżamina mill-ġdid l-appell u l-opinjoni tal-imħallef tar-reġistrazzjoni, huwa ddeċieda li ma jibdilx is-soluzzjoni preċedenti tiegħu. Għaldaqstant, huwa ta deċiżjoni ġudizzjarja ġdida u bagħatha lid-dipartiment tar-reġistrazzjoni.

Peress li pprefera soluzzjoni ġuridika differenti, l-imħallef tar-reġistrazzjoni ttrasferixxa l-imsemmija kawża prinċipali għat-taqsima tal-kontenzjuż kummerċjali u tilwimiet oħra tal-qorti tar-rinviju. Din it-taqsima sussegwentement adottat "pożizzjoni legali", li fiha hija għażlet is-soluzzjoni ppreferuta mill-imħallef tar-reġistrazzjoni. L-istess kawża prinċipali ntbagħtet sussegwentement lura quddiem il-kulleġġ ġudikanti kkonċernat sabiex dan jagħti deċiżjoni konformi ma' din il-"pożizzjoni legali".

---

[102] Konformement mal-Artikolu 177(3) tas-Sudski poslovnik (ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qrati) li jistabbilixxi: "Quddiem qorti tat-tieni istanza, kawża hija kkunsidrata magħluqa fid-data meta tintbagħat id-deċiżjoni mill-uffiċċju tal-imħallef ikkonċernat, wara li tirritorna l-kawża mid-dipartiment tar-reġistrazzjoni. Sa mid-data minn meta jirċievi l-proċess, id-dipartiment tar-reġistrazzjoni għandu jibagħtu lura lill-uffiċċju ta' dan l-imħallef fl-iqsar żmien possibbli. Sussegwentement, id-deċiżjoni għandha tintbagħat f'terminu ġdid ta' tmint'ijiem."

Peress li kellha dubji dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-mekkaniżmu li jipprevedi l-intervent, fil-proċess deċiżjonali tagħha, tal-imħallef tar-reġistrazzjoni u ta' mħallfin oħra ta' qorti li jadottaw "pożizzjonijiet legali", il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, qabelxejn, li kull miżura jew prattika nazzjonali intiża li jiġu evitati diverġenzi fil-ġurisprudenza jew sabiex jiġu rrimedjati dawn id-differenzi u sabiex b'hekk tiġi żgurata ċ-ċertezza legali inerenti għall-prinċipju tal-Istat tad-dritt għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

Fl-ewwel lok, hija eżaminat, fid-dawl ta' dawn ir-rekwiżiti, il-prattika li permezz tagħha d-deċiżjoni ġudizzjarja adottata mill-kulleġġ ġudikanti responsabbli għall-kawża setgħet titqies li tkun definittiva u kellha tintbagħat lill-partijiet biss jekk il-kontenut tagħha jkun ġie approvat minn imħallef tar-reġistrazzjoni li ma jkunx jagħmel parti minn dan il-kulleġġ ġudikanti.

F'dan ir-rigward, hija osservat li, għalkemm l-imħallef tar-reġistrazzjoni ma setax jissostitwixxi l-evalwazzjoni tiegħu għal dik tal-kulleġġ ġudikanti responsabbli mill-kawża, huwa seta', fil-fatt, jimblokka r-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja adottata u, b'hekk, jostakola l-konklużjoni tal-proċess deċiżjonali u l-komunikazzjoni ta' din id-deċiżjoni lill-partijiet. Huwa seta' għalhekk jibgħat lura l-kawża lil dan il-kulleġġ ġudikanti għal eżami mill-ġdid tal-imsemmija deċiżjoni fid-dawl tal-osservazzjonijiet legali tiegħu stess u, fil-każ ta' persistenza ta' nuqqas ta' qbil mal-imsemmi kulleġġ ġudikanti, jistieden lill-President tat-taqsima kkonċernata jsejjaħ laqgħa tas-sezzjoni għall-finijiet tal-adozzjoni, minn din tal-aħħar, ta' "pożizzjoni legali" li tiġi imposta, b'mod partikolari, fuq l-istess kulleġġ ġudikanti. Tali prattika kellha l-effett li tippermetti l-indħil tal-imħallef tar-reġistrazzjoni fil-kawża kkonċernata, u dan l-indħil seta' jwassal sabiex dan l-imħallef jinfluwenza s-soluzzjoni definittiva li tkun ser tiġi adottata f'din il-kawża.

Issa, l-ewwel nett, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma dehritx li tipprevedi intervent ta' din in-natura mill-imħallef tar-reġistrazzjoni. It-tieni nett, dan l-intervent kien iseħħ wara li l-kulleġġ ġudikanti li lilu tkun ġiet assenjata l-kawża kkonċernata jkun adotta, fi tmiem id-deliberazzjonijiet tiegħu, id-deċiżjoni ġudizzjarja tiegħu, minkejja li dan l-imħallef ma kienx parti minn dan il-kulleġġ ġudikanti u għalhekk ma jkunx ipparteċipa fl-istadji preċedenti tal-proċedura li tkun wasslet għal dan it-teħid ta' deċiżjoni. It-tielet nett, is-setgħa ta' intervent tal-imħallef tar-reġistrazzjoni lanqas biss dehret li kienet limitata minn kriterji oġġettivi ddikjarati b'mod ċar, li kienu jirriflettu ġustifikazzjoni partikolari u xierqa sabiex jiġi evitat l-eżerċizzju ta' setgħa diskrezzjonali.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-intervent ta' dan l-imħallef tar-reġistrazzjoni ma kienx kompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tippermetti li laqgħa ta' sezzjoni ta' qorti nazzjonali tobbliga, permezz tal-ħruġ ta' "pożizzjoni legali", lill-

kulleġġ ġudikanti inkarigat mill-kawża jbiddel il-kontenut tad-deċiżjoni ġudizzjarja li dan ikun adotta preċedentement, meta din il-laqgħa ta' sezzjoni tkun tinkludi wkoll imħallfin differenti minn dawk ta' dan il-kulleġġ ġudikanti kif ukoll, skont il-każ, persuni esterni għall-qorti kkonċernata li quddiemha l-partijiet ma jkollhomx il-possibbiltà li jressqu l-argumenti tagħhom.

F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-intervent tal-laqgħa tas-sezzjoni kien jippermetti, fil-fatt, l-indħil, fis-soluzzjoni definittiva ta' kawża deliberata u deċiża preċedentement mill-kulleġġ ġudikanti kompetenti, iżda li tkun għadha ma ġietx irreġistrata u mibgħuta, minn grupp ta' mħallfin li jipparteċipaw f'din il-laqgħa tas-sezzjoni. Fil-fatt, il-perspettiva, għal dan il-kulleġġ ġudikanti li, fil-każ ta' adozzjoni min-naħa tiegħu ta' perspettiva legali opposta għal dik tal-imħallef tar-reġistrazzjoni, id-deċiżjoni ġudizzjarja tiegħu tkun suġġetta għall-istħarriġ ta' laqgħa ta' sezzjoni, kif ukoll l-obbligu, għall-imsemmi kulleġġ ġudikanti, li josserva, minkejja li d-deliberazzjonijiet ikunu ntemmu, il-"pożizzjoni legali" li tkun ġiet iddefinita minn din il-laqgħa ta' sezzjoni, kienu ta' natura li jinfluwenzaw il-kontenut finali ta' din id-deċiżjoni.

Issa, minn naħa, ma kienx jidher li s-setgħa ta' intervent tal-laqgħa tas-sezzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet suffiċjentement irregolata minn kriterji oġġettivi u applikati bħala tali. B'mod partikolari, mid-dispożizzjoni li kienet tipprevedi l-konvokazzjoni ta' laqgħa tas-sezzjoni [103] ma kienx jirriżulta li din il-laqgħa setgħet tissejjaħ, bħal fil-Kawża C-727/21, sempliċement għar-raġuni li l-imħallef tar-reġistrazzjoni ma kienx jaqbel mal-perspettiva legali tal-kulleġġ ġudikanti kompetenti. Min-naħa l-oħra, il-konvokazzjoni ta' laqgħa ta' sezzjoni u l-adozzjoni minnha ta' "pożizzjoni legali" vinkolanti, b'mod partikolari, għall-kulleġġ ġudikanti inkarigat minn din il-kawża, fl-ebda mument ma tressqu għall-konjizzjoni tal-partijiet. Għalhekk, dawn il-partijiet ma dehrux li kellhom il-possibbiltà li jeżerċitaw id-drittijiet proċedurali tagħhom quddiem tali laqgħa ta' sezzjoni.

Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma kinitx kompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif ukoll għal smigħ xieraq.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, sabiex jiġu evitati diverġenzi fil-ġurisprudenza jew sabiex jiġu rrimedjati dawn id-diverġenzi u sabiex b'hekk tiġi żgurata ċ-ċertezza legali inerenti għall-prinċipju ta' Stat tad-dritt, mekkaniżmu proċedurali li jippermetti lil imħallef ta' qorti nazzjonali sedenti fil-kulleġġ ġudikanti kompetenti jibgħat kawża quddiem kulleġġ ġudikanti estiż ta' din il-qorti ma jiksirx ir-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, sakemm il-kawża tkun għadha ma ġietx deliberata mill-kulleġġ ġudikanti inizjalment maħtur, u sakemm iċ-ċirkustanzi li fihom tali rinviju

[103] L-Artikolu 40(1) taż-Zakon o sudovima (il-Liġi dwar il-Qrati) kien jipprevedi li laqgħa ta' sezzjoni jew ta' mħallfin tissejjaħ meta jiġi kkonstatat li jeżistu interpretazzjonijiet differenti bejn sezzjonijiet, awli jew imħallfin dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-liġi jew meta awla jew imħallef ta' sezzjoni jiddevja mill-pożizzjoni legali adottata preċedentement.

jkun jista' jsir ikunu stabbiliti b'mod ċar fil-leġiżlazzjoni applikabbli u li l-imsemmi rinviju ma jċaħħadx lill-persuni kkonċernati mill-possibbiltà li jipparteċipaw fil-proċedura quddiem dan il-kulleġġ ġudikanti estiż. Barra minn hekk, il-kulleġġ ġudikanti inizjalment maħtur dejjem jista' jagħti deċiżjoni dwar tali rinviju.

# IV. L-indipendenza tal-qrati nazzjonali fl-oqsma li jaqgħu taħt l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

Fil-ġurisprudenza tagħha dwar l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità, diversi drabi, tinterpreta l-kriterji stabbiliti fid-dawl tar-rekwiżit ta' indipendenza ta' "qorti".

B'mod partikolari, din il-ġurisprudenza ngħatat fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, f'dak li jirrigwarda l-kunċett ta' "qorti" għall-finijiet tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Fil-qasam kriminali, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat b'mod partikolari l-portata tal-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja" fil-każ ta' rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew minħabba riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali għal qorti indipendenti fl-Istat Membru emittenti.

## 1. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili

***Sentenzi tad-9 ta' Marzu 2017 (It-Tieni Awla), Zulfikarpašić (C-484/15, EU:C:2017:199), u Pula Parking (C-551/15, EU:C:2017:193)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Kamp ta' applikazzjoni ratione temporis u ratione materiae – Materji ċivili u kummerċjali – Proċedura ta' eżekuzzjoni forzata intiża għall-irkupru ta' debitu mhux imħallas għal ipparkjar pubbliku – Inklużjoni – Kunċett ta' 'qorti' – Nutar li ħareġ mandat ta' eżekuzzjoni abbażi ta' 'dokument awtentiku'"*

*Il-fatti li jirrigwardaw il-Kawża C-484/15*

Ibrica Zulfikarpašić kien avukat Kroat li ressaq quddiem nutar talba għal eżekuzzjoni forzata mressqa kontra wieħed mill-klijenti tiegħu, Slaven Gajer, minħabba li dan tal-aħħar ma ħallasx il-korrispettiv għas-servizzi legali li kienu ġew ipprovduti lilu. Abbażi ta' din it-talba, in-nutar ħareġ mandat ta' eżekuzzjoni li, fin-nuqqas ta' oppożizzjoni tal-klijent, sar definittiv.

I. Zulfikarpašić għalhekk talab lil nutar, skont ir-regolament dwar it-titolu eżekuttiv Ewropew [104], jiċċertifika bħala titolu eżekuttiv Ewropew dan il-mandat ta' eżekuzzjoni. Fil-fatt, skont dan ir-regolament, is-sentenzi mogħtija minn "qrati" u li jirrigwardaw talbiet mhux ikkontestati jistgħu jiġu ċċertifikati bħala titoli eżekuttivi Ewropej, li għandhom jiġu rrikonoxxuti u eżegwiti fl-Istati Membri kollha.

In-nutar madankollu rrifjuta li jiċċertifika l-mandat minħabba li d-dejn inkwistjoni ma kienx meqjus bħala wieħed mhux ikkontestat, fis-sens tar-regolament. Skont id-dritt Kroat, huwa bagħat il-kawża quddiem l-Općinski sud u Novom Zagrebu – Stalna služba u Samoboru (il-Qorti Muniċipali ta' Novi Zagreb — unità permanenti ta' Samobor, il-Kroazja). Din il-qorti staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-kunċett ta' "qorti" użat fir-Regolament kienx jinkludi wkoll lin-nutara fil-Kroazja (l-ewwel parti tad-domanda) u jekk titolu eżekuttiv Ewropew setax jinħareġ abbażi ta' tali mandat ta' eżekuzzjoni (it-tieni u t-tielet parti tad-domanda).

*Il-fatti li jirrigwardaw il-Kawża C-551/15*

Pula Parking, kumpannija proprjetà tal-belt ta' Pula (il-Kroazja), kienet tiżgura l-ġestjoni taż-żoni ta' parkeġġ pubbliċi bi ħlas ta' din il-belt. Din il-kumpannija talbet lil Sven Klaus Tederahn, residenti fil-Ġermanja, il-ħlas ta' biljett għall-ipparkjar li hija ħarġitlu. Fuq il-bażi ta' dokumenti ta' kontabbiltà li juru l-eżistenza ta' dejn marbut mas-somma indikata fuq dan il-biljett, nutar ħareġ mandat ta' eżekuzzjoni kontra S. K. Tederahn.

Madankollu, wara oppożizzjoni mressqa minn S. K. Tederahn kontra dan il-mandat, il-kawża ntbagħtet lura quddiem l-Općinski sud u Puli-Pola (il-Qorti Muniċipali ta' Pula, il-Kroazja). Din tal-aħħar staqsiet, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk tali proċedura ta' eżekuzzjoni forzata kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali [105] (l-ewwel domanda) u jekk in-nutara fil-Kroazja, li kienu jaġixxu fil-kuntest tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata abbażi ta' "dokument awtentiku", kinux jaqgħu taħt il-kunċett ta' "qorti" fis-sens ta' dan ir-regolament (it-tieni domanda).

Fir-rigward tal-klassifikazzjoni tan-nutara fil-Kroazja bħala "qorti" fis-sens tar-regolamenti ċċitati iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-osservanza tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili teħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali ta' Stat Membru li l-eżekuzzjoni tagħhom tkun mitluba fi Stat Membru ieħor jingħataw fi proċedura ġudizzjarja li toffri garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità u li tosserva l-prinċipju ta' kontradittorju. Issa, f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-proċedura li permezz tagħha n-nutara fil-Kroazja kienu jipproċedu għall-ħruġ ta' mandat ta' eżekuzzjoni abbażi ta' "dokument awtentiku", bħalma kienet il-fattura maħruġa minn I. Zulfikarpašić lill-klijent tiegħu jew

[104] Regolament Nru 805/2004.
[105] Regolament Nru 1215/2012.

id-dokumenti ta' kontabbiltà ppreżentati minn Pula Parking, ma kinitx waħda kontradittorja.

Fil-fatt, minn naħa, it-talba tal-kreditur intiża għall-ħruġ ta' tali mandat ma tiġix ikkomunikata lid-debitur u, min-naħa l-oħra, id-digriet stess jiġi kkomunikat lil dan tal-aħħar biss wara l-adozzjoni tiegħu. Konsegwentement, fil-Kroazja, in-nutara li jaġixxu fil-kuntest tal-kompetenzi mogħtija lilhom mid-dritt nazzjonali fil-proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata abbażi ta' "dokument awtentiku" ma setgħux jiġu kklassifikati bħala "qorti" fis-sens taż-żewġ regolamenti ċċitati iktar 'il fuq.

## 2. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

### 2.1. Mandat ta' Arrest Ewropew

***Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018 (Awla Manja), Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586).***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri – Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 47 – Dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali"*

LM, ta' nazzjonalità Pollakka, kien is-suġġett ta' tliet mandati ta' arrest Ewropej maħruġa mill-qrati Pollakki għall-finijiet ta' prosekuzzjoni għal traffikar illegali ta' drogi narkotiċi. Filwaqt li ġie arrestat fl-Irlanda fil-5 ta' Mejju 2017, huwa ma tax il-kunsens għall-konsenja tiegħu lill-awtoritajiet Pollakki billi, minħabba r-riformi tas-sistema ġudizzjarja Pollakka, huwa kien jinsab f'riskju reali li ma jibbenefikax, fil-Polonja, minn smigħ xieraq.

Fis-sentenza tagħha Aranyosi u Căldăraru [106], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tikkonstata li jkun jeżisti, fir-rigward tal-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew, riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat għandha tiġi posposta. Madankollu, tali posponiment huwa possibbli biss wara eżami f'żewġ stadji. Fl-ewwel lok, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tikkonstata li jkun jeżisti riskju reali ta' trattamenti inumani jew degradanti fl-Istat Membru emittenti minħabba, b'mod partikolari, nuqqasijiet sistemiċi. Fit-tieni lok, din l-awtorità għandha tiżgura ruħha li jkunu jeżistu raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li l-persuna kkonċernata mill-mandat ta' arrest Ewropew tkun ser tiġi esposta għal tali riskju. Fil-fatt, l-eżistenza ta' nuqqasijiet

[106] Sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru (C-404/15 u C-659/15 PPU, *EU:C:2016:198*).

sistemiċi ma timplikax neċessarjament li, f'każ konkret, il-persuna kkonċernata tkun ser tiġi suġġetta għal trattament inuman jew degradanti fil-każ ta' konsenja.

F'dan il-każ, il-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, adita b'talba għal konsenja li setgħet twassal għal ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna mfittxija għal smigħ xieraq, kellhiex, konformement mas-sentenza Aranyosi u Căldăraru, tikkonstata, minn naħa, li kien jeżisti riskju reali ta' ksur ta' dan id-dritt fundamentali minħabba nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja Pollakka u, min-naħa l-oħra, li l-persuna kkonċernata kienet esposta għal tali riskju jew jekk kienx biżżejjed li hija tikkonstata l-eżistenza ta' nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja Pollakka, mingħajr ma kellha tevalwa jekk il-persuna kkonċernata kinitx konkretament esposta għalihom. Il-High Court staqsiet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja liema informazzjoni u garanziji kellha, skont il-każ, tikseb mingħand l-awtorità ġudizzjarja emittenti sabiex tevita dan ir-riskju.

Dawn id-domandi kienu jifformaw parti mill-kuntest tal-bidliet magħmula għas-sistema ġudizzjarja mill-Gvern Pollakk, li wasslu lill-Kummissjoni tadotta, fl-20 ta' Diċembru 2017, proposta rraġunata li stiednet lill-Kunsill jikkonstata, abbażi tal-Artikolu 7(1) TUE [107], l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju tal-istat tad-dritt mill-Polonja [108].

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat qabelxejn li r-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew huwa eċċezzjoni għall-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li fuqu huwa bbażat il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew, eċċezzjoni li għandha għalhekk tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement iddeċidiet li l-eżistenza ta' riskju reali li l-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew iġġarrab ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal qorti indipendenti u, għaldaqstant, tal-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq tista' tippermetti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tastjeni, eċċezzjonalment, milli teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-ħarsien tal-indipendenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji huwa primordjali sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-partijiet fil-kawża, b'mod partikolari fil-kuntest tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew.

Minn dan kien isegwi li, fil-każ fejn il-persuna suġġetta għal mandat ta' arrest Ewropew tinvoka, sabiex topponi l-konsenja tagħha lill-awtorità ġudizzjarja emittenti, l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li, fil-fehma tagħha, ikunu jistgħu jaffettwaw l-indipendenza tal-ġudikatura fl-Istat Membru emittenti u d-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, fl-ewwel lok, tevalwa,

[107] L-Artikolu 7(1) TUE jipprevedi: "Fuq proposta motivata minn terz ta' l-Istati Membri, mill-Parlament Ewropew jew mill-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill, waqt li jaġixxi b' maġġoranza ta' erbgħa minn ħamsa tal-membri tiegħu, wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' jikkonstata li hemm riskju ċar ta' ksur serju minn Stat Membru tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2.

[108] Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja tal-20 ta' Diċembru 2017, (COM(2017) 835 final.

abbażi ta’ elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament ivverifikati, l-eżistenza ta’ riskju reali ta’ ksur ta’ tali dritt fl-Istat Membru emittenti, marbut ma’ nuqqas ta’ indipendenza tal-qrati ta’ dan l-Istat Membru minħabba tali nuqqasijiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-informazzjoni inkluża fi proposta rraġunata indirizzata reċentement mill-Kummissjoni lill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1) TUE kienet tikkostitwixxi elementi ta’ rilevanza partikolari għall-finijiet ta’ din l-evalwazzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li r-rekwiżit ta’ indipendenza u ta’ imparzjalità tal-qrati huwa kompost minn żewġ aspetti. Għalhekk, huwa neċessarju li l-istanzi kkonċernati (i) jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b’awtonomija sħiħa, protetta kontra pressjonijiet jew interventi esterni, u (ii) ikunu imparzjali, li jimplika l-osservanza ta’ ekwidistanza fil-konfront tal-partijiet fit-tilwima u tal-interessi rispettivi tagħhom. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-garanziji ta’ indipendenza u ta’ imparzjalità jeħtieġu l-eżistenza ta’ regoli, b’mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-qrati, tal-ħatra, tat-tul tal-funzjonijiet kif ukoll tal-kawżi ta’ astensjoni, ta’ rikuża u ta’ tneħħija tal-membri tal-qrati kkonċernati. Barra minn hekk, ir-rekwiżit ta’ indipendenza jirrikjedi li s-sistema dixxiplinari ta’ dawn tal-aħħar ikollha l-garanziji meħtieġa sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta’ użu ta’ tali sistema bħala sistema ta’ kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Jekk l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni tqis, fid-dawl ta’ dawn ir-rekwiżiti ta’ indipendenza u ta’ imparzjalità, li fl-Istat Membru emittenti jkun jeżisti riskju reali ta’ ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, hija jkollha, fit-tieni lok, tevalwa, b’mod konkret u preċiż, jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ikunux jeżistu raġunijiet serji u kkonfermati li jwasslu lil wieħed jemmen li, wara l-konsenja tagħha, il-persuna mfittxija tkun ser taffaċċja dan ir-riskju. Din l-evalwazzjoni konkreta hija meħtieġa wkoll meta, bħal f’dan il-każ, l-Istat Membru emittenti kien is-suġġett ta’ proposta rraġunata tal-Kummissjoni intiża sabiex il-Kunsill jikkonstata li jeżisti riskju ċar ta’ ksur serju minn dan l-Istat Membru tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 TUE [109] u meta l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni tqis li jkollha elementi ta’ natura li juru l-eżistenza ta’ nuqqasijiet sistemiċi fir-rigward ta’ dawn il-valuri.

Sabiex jiġi evalwat ir-riskju reali mġarrab mill-persuna mfittxija, l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni għandha teżamina sa fejn in-nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati jistgħu jkollhom effett fil-livell tal-qrati li jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tal-każ tal-persuna mfittxija. Jekk minn dan l-eżami jirriżulta li dawn in-nuqqasijiet ikunu jistgħu jaffettwaw il-qrati kkonċernati, l-awtorità ġudizzjarja ta’ eżekuzzjoni jkollha għalhekk tevalwa jekk ikunux jeżistu motivi serji u vverifikati sabiex wieħed jemmen li l-persuna kkonċernata, fid-dawl tas-sitwazzjoni personali tagħha kif ukoll tan-natura tar-reat li fir-rigward tiegħu tkun is-suġġett ta’ prosekuzzjoni u fid-dawl tal-kuntest fattwali li fuqhom

109 L-Artikolu 2 TUE jipprevedi: “L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. ”

ikun ibbażat il-mandat ta' arrest Ewropew, tkun ser tiġi esposta għal riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal qorti indipendenti u, għaldaqstant, tal-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq.

L-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha titlob, mingħand l-awtorità ġudizzjarja emittenti, kwalunkwe informazzjoni komplementari li fil-fehma tagħha tkun neċessarja għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali riskju. F'dan il-kuntest, l-awtorità ġudizzjarja emittenti tista' tipprovdi kull element oġġettiv li jikkonċerna l-emendi eventwali tal-kundizzjonijiet ta' protezzjoni tal-garanzija ta' indipendenza ġudizzjarja, li jista' jeskludi l-eżistenza ta' dan ir-riskju għall-persuna kkonċernata.

Jekk, wara li teżamina dawn l-elementi kollha, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tqis li jkun jeżisti riskju reali li l-persuna kkonċernata tkun ser tiġġarrab, fl-Istat Membru emittenti, ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal qorti indipendenti u, għaldaqstant, tal-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq, din l-awtorità għandha tastjeni milli tipproċedi fir-rigward tal-mandat ta' arrest Ewropew li tiegħu din il-persuna tkun is-suġġett.

***Sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020 (Awla Manja), Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti) C-354/20 PPU u C-412/20 PPU,* EU:C:2020:1033*)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Artikolu 6(1) – Proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri – Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 – Dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali – Nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati – Kunċett ta' 'awtorità ġudizzjarja emittenti' – Teħid inkunsiderazzjoni ta' żviluppi li seħħew wara li nħareġ il mandat ta' arrest Ewropew ikkonċernat – Obbligu tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tivverifika b'mod konkret u preċiż l-eżistenza ta' raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li l-persuna kkonċernata ser taffaċċja riskju reali ta' ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq fil-każ ta' konsenja"*

F'Awwissu 2015 u fi Frar 2019, inħarġu mandati ta' arrest Ewropej (iktar 'il quddiem "MAE") mill-qrati Pollakki kontra żewġ ċittadini Pollakki, għall-finijiet ta' proċeduri kriminali u tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija, rispettivament. Peress li l-persuni kkonċernati kienu jinsabu fil-Pajjiżi l-Baxxi, l-officier van justitie (ir-Rappreżentant tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, il-Pajjiżi l-Baxxi) ressaq, konformement mad-dritt Olandiż, quddiem ir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) talbiet għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-MAE.

Madankollu, din il-qorti kellha dubji dwar jekk kellhiex tilqa' dawn it-talbiet. B'mod iktar preċiż, hija staqsiet dwar il-portata tas-sentenza Minister for Justice and Equality

(Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) [110], mogħtija fil-kuntest tar-riformi fis-sistema ġudizzjarja Pollakka. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, eċċezzjonalment, l-eżekuzzjoni ta' MAE setgħet tiġi rrifjutata jekk jiġi stabbilit li jkun jeżisti riskju li l-persuna kkonċernata tkun ser iġġarrab, fl-Istat Membru li ħareġ il-MAE, ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal qorti indipendenti, element essenzjali tad-dritt għal smigħ xieraq [111]. Madankollu, tali rifjut huwa possibbli biss wara eżami f'żewġ stadji: wara li tkun evalwat, b'mod ġenerali, jekk ikunux jeżistu elementi oġġettivi intiżi li juru l-eżistenza ta' riskju ta' ksur ta' dan id-dritt, minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li jirrigwardaw l-indipendenza tal-ġudikatura tal-Istat Membru emittenti, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha sussegwentement tivverifika sa fejn tali nuqqasijiet jista' jkollhom effett konkret fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata fil-każ ta' konsenja tagħha lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' dan l-Istat Membru.

Minħabba żviluppi li seħħew bejn l-2019 u l-2021 [112], li wħud minnhom seħħew wara l-ħruġ tal-MAE inkwistjoni, il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam qieset li n-nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja Pollakka kienu tali li l-indipendenza tal-qrati Pollakki kollha u, konsegwentement, id-dritt għal qorti indipendenti tal-partijiet fil-kawżi Pollakki kollha, ma baqgħux żgurati. F'dan il-kuntest, hija staqsiet jekk din il-konstatazzjoni kinitx suffiċjenti, waħedha, sabiex ikun iġġustifikat rifjut ta' eżekuzzjoni ta' MAE maħruġ minn qorti Pollakka, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi eżaminat l-impatt ta' dawn in-nuqqasijiet fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

Fil-kuntest tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, irrispondiet fin-negattiv billi kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha stabbilita fis-sentenza Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja).

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li jaffettwaw l-indipendenza tal-ġudikatura tal-Istat Membru emittenti, ikunu kemm ikunu serji, ma humiex suffiċjenti, waħedhom, sabiex jippermettu lil awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tqis li l-qrati kollha ta' dan l-Istat Membru ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti" ta' MAE [113], kunċett li jimplika, bħala prinċipju, li l-awtorità kkonċernata taġixxi b'mod indipendenti.

F'dan ir-rigward, qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li tali nuqqasijiet ma jkollhomx neċessarjament effett fuq kull deċiżjoni li dawn il-qrati jista' jkollhom jadottaw.

---

[110] Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586), ippreżentata f'din it-taqsima.

[111] Dan id-dritt huwa ggarantit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

[112] Fost elementi oħrajn, il-qorti tar-rinviju semmiet b'mod partikolari l-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam (sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (Kawżi magħquda C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982), ippreżentati taħt it-Taqsima II. 1., intitolata "Ħatra"; sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234) ippreżentati taħt it-Taqsima II. 7. Responsabbiltà dixxiplinari", kif ukoll is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596), ippreżentata taħt it-Taqsimiet "I. 2 Dritt tal-qrati nazzjonali indipendenti li jagħmlu rinviju għal domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja" u "II. 7. Responsabbiltà dixxiplinari".

[113] Fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24).

Sussegwentement, hija indikat li, għalkemm setgħu jsiru limitazzjonijiet, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, għall-prinċipji ta' fiduċja u ta' rikonoxximent reċiproċi li fuqhom kien ibbażat il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-MAE, il-fatt li ma tiġix rikonoxxuta l-kwalità ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti" lill-qrati kollha tal-Istat Membru kkonċernat minn dawn in-nuqqasijiet ikun iwassal għal esklużjoni ġeneralizzata tal-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji fil-kuntest tal-MAE maħruġa minn dawn il-qrati. Barra minn hekk, tali soluzzjoni jkollha konsegwenzi oħra ferm ikbar peress li timplika, b'mod partikolari, li l-qrati ta' dan l-Istat Membru ma jkunux jistgħu iktar iressqu rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [114]. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-ġurisprudenza reċenti tagħha, li tipprovdi li l-prosekuturi ta' ċerti Stati Membri ma joffrux, fid-dawl tar-relazzjoni tagħhom ta' subordinazzjoni għall-poter eżekuttiv, garanziji ta' indipendenza suffiċjenti sabiex jitqiesu li huma "awtoritajiet ġudizzjarji emittenti" [115], ma tistax tiġi trasposta għall-qrati tal-Istati Membri. Fil-fatt, f'Unjoni ta' dritt, ir-rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati jeskludi, min-natura tiegħu, kull relazzjoni ta' dan it-tip fir-rigward ta' dan il-poter.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-eżistenza jew l-aggravazzjoni ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura tal-Istat Membru emittenti, li jindikaw riskju ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, ma tippermettix madankollu li jiġi preżunt [116] li l-persuna suġġetta għal MAE tkun ser taffaċċja verament tali riskju fil-każ ta' konsenja. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ir-rekwiżit ta' eżami f'żewġ stadji stabbilit fis-sentenza Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) u indikat li l-konstatazzjoni ta' dawn in-nuqqasijiet għandha, ċertament, tinkoraġġixxi lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għal viġilanza iżda ma tistax teżentaha milli tipproċedi, konformement mat-tieni stadju ta' dan l-eżami, għal evalwazzjoni konkreta u preċiża tar-riskju inkwistjoni. Din l-evalwazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tal-persuna mfittxija, in-natura tal-ksur inkwistjoni u l-kuntest fattwali li fuqu jkun ibbażat il-MAE, bħal dikjarazzjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jindaħlu fit-trattament tal-każ individwali. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, f'dan ir-rigward, li sospensjoni ġenerali tal-mekkaniżmu tal-MAE fir-rigward ta' Stat Membru, li tawtorizza li wieħed jastjeni minn tali evalwazzjoni u li jirrifjuta awtomatikament l-eżekuzzjoni tal-MAE maħruġ minnu, hija possibbli biss fil-każ fejn il-Kunsill Ewropew jikkonstata formalment li dan l-Istat Membru ma josservax il-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-Unjoni [117].

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, meta l-MAE jkun inħareġ għal finijiet ta' proċeduri kriminali, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni jkollha, jekk ikun il-każ, tieħu inkunsiderazzjoni nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li jirrigwardaw l-indipendenza

---

[114] Fil-fatt, din is-soluzzjoni tkun tfisser li ebda qorti tal-Istat Membru emittenti ma tkun iktar meqjusa li tissodisfa r-rekwiżit ta' indipendenza inerenti għall-kunċett ta' "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

[115] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Mejju 2019, OG u PI (Prosekuturi ta' Lübeck u ta' Zwickau) (C-508/18 u C-82/19 PPU, EU:C:2019:456).

[116] Skont l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE.

[117] Din il-proċedura hija prevista fl-Artikolu 7(2) TUE.

tal-ġudikatura tal-Istat Membru emittenti li jkunu seħħew wara l-ħruġ tal-MAE kkonċernat u tevalwa sa fejn dawn in-nuqqasijiet jkun jista' jkollhom effett fil-livell ta' qrati ta' dan l-Istat Membru li jkunu ser ikollhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tal-proċeduri li għalihom tkun ser tiġi suġġetta l-persuna kkonċernata. Fil-każ ta' MAE maħruġ bil-għan tal-konsenja ta' persuna mfittxija għall-eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha teżamina sa fejn in-nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li kienu jeżistu f'dan l-Istat Membru emittenti meta nħareġ l-MAE jaffettwaw, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, l-indipendenza tal-qorti ta' dan l-Istat Membru li tkun tat il-piena jew l-ordni ta' detenzjoni li l-eżekuzzjoni tagħha tkun is-suġġett ta' dan il-MAE.

***Sentenza tat-22 ta' Frar 2022 (Awla Manja), Openbaar Ministerie (Qorti stabbilita mil-liġi fl-Istat Membru emittenti) (C-562/21 PPU u C-563/21 PPU, EU:C:2022:100)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri – Kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 – Dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi – Nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati – Eżami f'żewġ stadji – Kriterji ta' applikazzjoni – Obbligu tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tivverifika b'mod konkret u preċiż jekk jeżistux raġunijiet serji u pprovati sabiex wieħed jemmen li l-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew taffaċċjax, fil-każ ta' konsenja, riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel mil-liġi"*

F'April 2021 inħarġu żewġ mandati ta' arrest Ewropej (iktar 'il quddiem il-"MAE") [118] mill-qrati Pollakki kontra żewġ ċittadini Pollakki, għall-finijiet, rispettivament, tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija u tal-eżerċizzju ta' proċeduri kriminali. Peress li l-persuni kkonċernati kienu jinsabu fil-Pajjiżi l-Baxxi u ma tawx il-kunsens għall-konsenja tagħhom, ir-Rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) ġiet adita b'talbiet għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-MAE.

Din il-qorti esprimiet dubji dwar l-obbligu tagħha li tilqa' dawn it-talbiet. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li, mill-2017, fil-Polonja kienu jeżistu nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li kienu jaffettwaw id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq [119], u b'mod partikolari d-dritt għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, nuqqasijiet li kienu jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-fatt li l-imħallfin Pollakki kienu jinħatru fuq proposta tal-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja, iktar 'il quddiem il-"KRS"). Issa, skont ir-riżoluzzjoni adottata fl-2020 mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), il-KRS ma

[118] Fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24).
[119] Iggarantit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

baqax, mid-dħul fis-seħħ ta' liġi ta' riforma ġudizzjarja tas-17 ta' Jannar 2018, korp indipendenti [120]. Sa fejn imħallfin maħtura fuq proposta tal-KRS setgħu jipparteċipaw fil-proċeduri kriminali li wasslu għall-kundanna ta' waħda miż-żewġ persuni kkonċernati jew setgħu jintalbu jieħdu konjizzjoni tal-kawża kriminali tal-persuna l-oħra kkonċernata, il-qorti tar-rinviju qieset li kien jeżisti riskju reali li dawn il-persuni jsofru, fil-każ ta' konsenja, ksur tad-dritt tagħhom għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-qorti staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-eżami f'żewġ stadji [121], li kien ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' konsenja abbażi tal-MAE, fid-dawl tal-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità inerenti għad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, kienx applikabbli fil-każ fejn tqum il-kwistjoni tal-garanzija, ukoll inerenti għal dan id-dritt fundamentali, ta' qorti stabbilita minn qabel bil-liġi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti u li tat deċiżjoni skont il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, irrispondiet fl-affermattiv u ppreċiżat il-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' dan l-eżami.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni mitluba tagħti deċiżjoni dwar il-konsenja ta' persuna li tkun is-suġġett ta' MAE jkollha elementi li juru l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati f'dak li jikkonċerna l-indipendenza tal-ġudikatura tal-Istat Membru emittenti, fir-rigward b'mod partikolari tal-proċedura ta' ħatra tal-membri ta' dan il-poter, hija tista' tirrifjuta l-konsenja, abbażi tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [122], biss jekk hija tkun ikkonstatat li jkunu jeżistu, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, raġunijiet serji u vverifikati li jwasslu li wieħed jemmen li d-dritt fundamentali tal-persuna kkonċernata għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, ikun inkiser, jew ikun hemm riskju, fil-każ ta' konsenja, li jinkiser.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-dritt għal smigħ minn qorti "stabbilita bil-liġi" jinkludi, min-natura tiegħu stess, il-proċess ta' ħatra tal-imħallfin. Għalhekk, fil-kuntest tal-ewwel stadju tal-eżami intiż li tiġi evalwata l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, b'mod partikolari marbut ma' ksur tar-rekwiżit ta' qorti stabbilita bil-liġi, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha twettaq

---

[120] Il-qorti tar-rinviju għamlet riferiment ukoll għas-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596, punti 108 u 110), ippreżentata fit-Taqsimiet "I. 2. Dritt tal-qrati nazzjonali indipendenti li jagħmlu rinviju għal domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja" u "II. 7. Responsabbiltà dixxiplinari".

[121] Fil-kuntest tal-ewwel stadju ta' dan l-eżami, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tevalwa r-riskju reali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tas-sitwazzjoni ġenerali tal-Istat Membru emittenti; fil-kuntest tat-tieni stadju, din l-awtorità għandha tivverifika, b'mod konkret u preċiż, jekk ikunx jeżisti riskju reali li jiġi ppreġudikat dritt fundamentali tal-persuna mfittxija, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ. Ara s-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586), u tas-17 ta' Diċembru 2020, Openbaar Ministerie (Indipendenza tal-awtorità ġudizzjarja emittenti) (C-354/20 PPU u C-412/20 PPU, EU:C:2020:1033), ippreżentati f'din it-taqsima.

[122] Ara f'dan is-sens l-Artikolu 1(2) u (3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 li bis-saħħa tiegħu, minn naħa, l-Istati Membri għandhom jeżegwixxu kwalunkwe MAE abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni qafas u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija deċiżjoni qafas ma jistax ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali u li jiġu osservati il-prinċipji legali fundamentali kif stabbiliti mill-Artikolu 6 TUE.

evalwazzjoni globali, ibbażata fuq kull element oġġettiv, affidabbli, preċiż u debitament aġġornat dwar il-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja fl-Istat Membru emittenti u, b'mod partikolari, il-qafas ġenerali ta' ħatra tal-imħallfin f'dan l-Istat Membru. Tikkostitwixxi tali element l-informazzjoni li tinsab fi proposta rraġunata indirizzata mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 7(1) TUE, ir-riżoluzzjoni tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), imsemmija iktar 'il fuq, kif ukoll il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja [123] u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [124]. Għall-kuntrarju, il-fatt li korp, bħalma huwa l-KRS, involut fil-proċess ta' ħatra tal-imħallfin ikun kompost, b'mod predominanti, minn membri li jirrappreżentaw lill-poter leġiżlattiv jew lill-poter eżekuttiv jew li ntagħżlu minnhom, ma huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika rifjut ta' konsenja.

Fil-kuntest tat-tieni stadju tal-imsemmi eżami, hija l-persuna li tkun is-suġġett ta' MAE li għandha tipproduċi elementi konkreti li jagħtu x'tifhem li n-nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati tas-sistema ġudizzjarja kellhom effett konkret fuq it-trattament tal-kawża kriminali tagħha jew jista' jkollhom, fil-każ ta' konsenja, tali effett. Dawn l-elementi jistgħu jiġu kkompletati, jekk ikun il-każ, permezz ta' informazzjoni pprovduta mill-awtorità ġudizzjarja emittenti.

Fuq dan il-punt, fir-rigward, l-ewwel nett, ta' MAE maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena jew ta' ordni ta' detenzjoni, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni elementi relatati mal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti li jkun sema' l-kawża kriminali jew ma' kull ċirkustanza oħra rilevanti għall-evalwazzjoni tal-indipendenza u tal-imparzjalità ta' dan il-kulleġġ. Ma huwiex biżżejjed, sabiex tiġi rrifjutata l-konsenja, li mħallef wieħed jew iktar, li jkunu pparteċipaw f'din il-proċedura, ikunu nħatru fuq proposta ta' korp bħall-KRS. Barra minn hekk, il-persuna kkonċernata għandha tipprovdi elementi dwar, b'mod partikolari, il-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin ikkonċernati u d-delegazzjoni eventwali tagħhom, li jwasslu għall-konstatazzjoni li l-kompożizzjoni ta' dan il-kulleġġ ġudikanti kienet ta' natura li taffettwa d-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq. Barra minn hekk, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-possibbiltà, għall-persuna kkonċernata, li titlob ir-rikuża tal-membri tal-kulleġġ ġudikanti għal raġunijiet marbuta ma' ksur tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq, l-eżerċizzju eventwali ta' din il-possibbiltà minn din il-persuna kif ukoll il-konsegwenzi relatati mat-talba tagħha għal rikuża.

It-tieni nett, meta jkun inħareġ MAE għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' proċeduri kriminali, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni elementi relatati

---

[123] Sentenzi tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982), kif ukoll tat-2 ta' Marzu 2021, A. B. *et* (Ħatra tal-Imħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors) (C-824/18, EU:C:2021:153), ippreżentati fit-Taqsima II. 1., intotalata "Ħatra", kif ukoll is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin) (C-791/19, EU:C:2021:596), ippreżentata fit-Taqsimiet "I. 2. Dritt tal-qrati nazzjonali indipendenti li jagħmlu rinviju għal domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja" u "II. 7. Responsabbiltà dixxiplinari", u sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema - Ħatra) (C-487/19, EU:C:2021:798), ippreżentata fit-Taqsimiet "II. 1. Ħatra" u "II. 5. Trasferiment"

[124] Qorti EDB, tat-22 ta' Lulju 2021, Reczkowicz vs Il-Polonja (CE:ECHR:2021:0722JUD 004344719).

mas-sitwazzjoni personali tal-persuna kkonċernata, man-natura tar-reat li fir-rigward tiegħu tkun is-suġġett ta' prosekuzzjoni, mal-kuntest fattwali li fih dan il-MAE jkun ibbażat jew ma' kull ċirkustanza oħra rilevanti għall-evalwazzjoni tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-kulleġġ ġudikanti li probabbilment ikun ser jintalab jieħu konjizzjoni tal-proċedura relatata ma' din il-persuna. Tali elementi jistgħu jirrigwardaw ukoll id-dikjarazzjonijiet magħmula minn awtoritajiet pubbliċi li jista' jkollhom effett fuq il-każ konkret. Għall-kuntrarju, il-fatt li l-identità tal-imħallfin li eventwalment ikunu ser jintalbu jieħdu konjizzjoni tal-kawża tal-persuna kkonċernata ma tkunx magħrufa fil-mument tad-deċiżjoni dwar il-konsenja, jew, meta l-identità tagħhom tkun magħrufa, li dawn l-imħallfin ikunu nħatru fuq proposta ta' korp bħall-KRS, ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi rrifjutata din il-konsenja.

## 2.2. Preżunzjoni ta' innoċenza

***Sentenza tas-16 ta' Novembru 2021 (Awla Manja), Prokuratura Rejonowa w Mińsku Mazowieckim et (C-748/19 sa C-754/19, EU:C:2021:931)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Stat tad-dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-possibbiltà għall-Ministru għall-Ġustizzja li jikkolloka mħallfin fi ħdan qrati ta' grad superjuri u li jirrevoka dawn il-kollokamenti – Kulleġġi ġudikanti f'kawżi kriminali li jinkludu mħallfin ikkollokati mill-Ministru għall-Ġustizzja – Direttiva (UE) 2016/343 – Preżunzjoni ta' innoċenza"*

F'din is-sentenza, li l-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha ġie espost preċedentement [125], il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fir-rigward tal-preżunzjoni ta' innoċenza applikabbli għall-proċeduri kriminali, li d-Direttiva 2016/343 hija intiża li tiżgura l-osservanza tagħha [126], hija tippreżumi li l-imħallef ikun ħieles minn kull parzjalità *a priori* meta jeżamina r-responsabbiltà kriminali tal-akkużat. L-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallfin huma għalhekk kundizzjonijiet essenzjali sabiex tiġi ggarantita l-preżunzjoni ta' innoċenza. Issa, f'dan il-każ, deher li, fiċ-ċirkustanzi ċċitati iktar 'il fuq, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallfin u, konsegwentement, il-preżunzjoni ta' innoċenza setgħu ġew kompromessi.

[125] Fir-rigward tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, ara t-Taqsima II. 4., intitolata "'Delega".
[126] Ara l-premessa 22 u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2016/343.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Direttorat għar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni

Lulju 2024